ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 78

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

24 ta' Marzu 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 287/2011 tal-21 ta' Marzu 2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' karbur tat-tangstin, karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma' trab metalliku u karbur tat-tangstin imdewweb li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009** ........ 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 288/2011 tat-23 ta' Marzu 2011 li jimplimenta l-Artikolu 16(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja** ........ 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 289/2011 tat-23 ta' Marzu 2011 li jikkoreġi t-test Ungeriż tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku** ........ 21

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 290/2011 tat-23 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 22


*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: EUR 4**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/178/PESK tat-23 ta' Marzu 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja** ........ 24

2011/179/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-Għajnuna mill-Istat C 39/96 (ex NN 127/92) mogħtija minn Franza lill-Coopérative d'exportation du livre français (CELF)** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8938)* ([1]) ........ 37

2011/180/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2011 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet li taħthom jista' jiġi awtorizzat it-tqegħid fis-suq ta' pakketti żgħar ta' taħlitiet ta' żrieragħ standard ta' varjetajiet differenti ta' ħxejjex li jappartjenu għall-istess speċi** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1760)* ([1]) ........ 55

---

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 5/2010/KP tad-9 ta' Diċembru 2010 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 4/2004/KP li tistabbilixxi Kumitat tal-Mekkaniżmu Finanzjarju** ........ 57

★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 6/2010/KP tad-9 ta' Diċembru 2010 li testendi x-xogħlijiet tal-Uffiċċju għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja** ........ 58

---

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 287/2011

### tal-21 ta' Marzu 2011

### li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' karbur tat-tangstin, karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma' trab metalliku u karbur tat-tangstin imdewweb li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(2), (5) u 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **IL-PROĊEDURA**

1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) Bir-Regolament (KEE) Nru 2737/90 [2], il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv ta' 33 % fuq importazzjonijiet ta' karbur tat-tangstin u karbur tat-tangstin imdewweb li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"). Bid-Deċiżjoni 90/480/KEE [3] il-Kummissjoni aċċettat impenji mogħtija minn żewġ esportaturi ewlenin li jikkonċernaw il-prodott suġġett għall-miżuri.

(2) Wara l-irtirar tal-impenji miż-żewġ esportaturi Ċiniżi kkonċernati, il-Kummissjoni imponiet permezz tar-Regolament (KE) Nru 2286/94 [4] dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

(3) Bir-Regolament (KE) Nru 610/95 [5], il-Kunsill emenda r-Regolament (KEE) Nru 2737/90 u impona dazju definittiv ta' 33 % fuq importazzjonijiet ta' karbur tat-tangstin u karbur tat-tangstin imdewweb. Wara reviżjoni li kienet inbdiet skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ("l-investigazzjoni tar-reviżjoni preċedenti"), dawn il-miżuri ġew estiżi għal perjodu ta' ħames snin oħra mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 771/98 [6].

(4) Bir-Regolament (KE) Nru 2268/2004 [7], wara reviżjoni ta' skadenza, il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv ta' 33 % fuq importazzjonijiet ta' karbur tat-tangstin u karbur tat-tangstin imdewweb li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ").

(5) Bir-Regolament (KE) Nru 1275/2005 [8], il-Kunsill emenda d-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott biex ikopri wkoll il-karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma' trab metalliku.

2. **Talba għal reviżjoni**

(6) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti [9] tal-miżuri anti-dumping definittivi fis-seħħ, fit-30 ta' Settembru 2009 l-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza ta' dawn il-miżuri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba tressqet mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Metalli (Eurometaux) ("l-applikanti") f'isem il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw proporzjon ewlieni, f'dan il-każ aktar minn 85 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' karbur tat-tangstin, karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma' trab metalliku u karbur tat-tangstin imdewweb.

(1) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
(2) ĠU L 264, 27.9.1990, p. 7.
(3) ĠU L 264, 27.9.1990, p. 59.
(4) ĠU L 248, 23.9.1994, p. 8.
(5) ĠU L 64, 22.3.1995, p. 1.
(6) ĠU L 111, 9.4.1998, p. 1.
(7) ĠU L 395, 31.12.2004, p. 56.
(8) ĠU L 202, 3.8.2005, p. 1.
(9) ĠU C 115, 20.5.2009, p. 18.

(7) It-talba kienet ibbażata fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri probabbilment tirriżulta f'kontinwazzjoni jew f'rikorrenza ta' dumping u f'rikorrenza ta' ħsara għall-industrija tal-Unjoni.

### 3. **Bidu**

(8) Wara li ddeterminat, wara kosultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' reviżjoni tal-iskadenza, il-Kummissjoni ħabbret nhar it-30 ta' Diċembru 2009, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [1] ("l-avviż ta' bidu"), il-bidu ta' reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

### 4. **L-investigazzjoni**

#### 4.1. *Il-perijodu ta' investigazzjoni*

(9) L-investigazzjoni tat-tkomplija jew tar-rikorrenza tad-dumping kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "PIR"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-verifika tal-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa tmiem il-PIR ("il-perjodu kkunsidrat").

#### 4.2. *Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni*

(10) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant, lil produtturi oħra magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi, lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati, u lir-rappreżentanti tar-RPĊ bil-bidu tar-reviżjoni tal-iskadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż ta' Bidu.

(11) Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

(12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa kkonċernati u lil dawk li ppreżentaw ruħhom fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-avviż ta' bidu. It-tweġibiet waslu mingħand seba' produtturi tal-Unjoni, produttur esportatur fir-RPĊ, produttur esportatur fil-pajjiż analogu u tliet utenti.

(13) L-ebda wieħed mill-importaturi ma wieġeb matul l-eżerċizzju tat-teħid ta' kampjuni u lanqas ma ta lill-Kummissjoni ebda informazzjoni jew ippreżentaw ruħhom matul l-investigazzjoni. Peress li ġie produttur esportatur wieħed biss mir-RPĊ bl-informazzjoni mitluba, ma kienx hemm bżonn li jintgħażel kampjun.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabilità ta' tkomplija jew rikorrenza ta' dumping u l-ħsara li tirriżulta minnu u tal-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Il-produtturi tal-Unjoni*

— Wolfram Bergbau und Hütten-GmbH Nfg.KG., St Peter, l-Awstrija

— H. C. Starck GmbH & Co. KG, Goslar, il-Ġermanja

— Eurotungstène poudres S.A., Grenoble, Franza

— Global Tungsten & Powders spol. s r.o, Brutal, ir-Repubblika Ċeka

— Treibacher Industrie AG, Althofen, l-Awstrija

(b) *Il-Pajjiż Analogu*

— Global Tungsten & Powders Corp., l-Istati Uniti

(c) *Utent*

— Sandvik Hard Materials, Epinouze, Franza

## B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

(15) Il-prodott ikkonċernat mir-reviżjoni preżenti huwa l-karbur tat-tangstin, il-karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma' trab metalliku u l-karbur tat-tangstin imdewweb li joriġinaw mir-RPĊ u li bħalissa hija kklassifikata bil-kodiċijiet NM 2849 90 30 u ex 3824 30 00.

(16) Il-karbur tat-tangstin, il-karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma'i trab metalliku u l-karbur tat-tangstin imdewweb huma komposti tal-karbonju u t-tangstin prodotti bi trattament bis-sħana (karburizzazzjoni fl-ewwel każ, fużjoni fit-tielet). Dawn il-prodotti huma prodotti intermedji, użati bħala materjali ta' tqegħid fil-manifattura ta' komponenti ta' metall iebes bħalma huma l-għodda tal-qtugħ tal-karbur issimentat u ta' komponenti li jifilħu ħafna, f'kisi li jiflaħ għall-grif, u f'golji għat-tħaffir taż-żejt u f'għodod tal-minjieri kif ukoll f'forom u ponot għall-iddisinjar u l-għoti ta' forom għall-metalli.

(17) L-investigazzjoni preżenti kkonfermat li l-prodott ikkonċernat immanifatturat u mibjugħ mill-produttur esportatur fl-Unjoni huma identiċi f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u l-użi għall-prodott iffabbrikat mill-produtturi tal-Unjoni u mibjugħ fis-suq tal-Unjoni jew għal dak prodott u mibjugħ fil-pajjiż analogu u, għalhekk, jitqiesu bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

[1] ĠU C 322, 30.12.2009, p. 23.

## C. PROBABBILTÀ TA’ TKOMPLIJA TA’ RIKORRENZA TAD-DUMPING

### 1. Rimarki preliminari

(18) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-dumping kienx qiegħed preżentament iseħħ u, jekk iva, jekk l-iskadenza tal-miżuri kinitx se twassal għal tkomplija jew rikorrenza tad-dumping. Tajjeb li jitfakkar li fil-kuntest tal-investigazzjonijiet skont dan l-Artikolu, it-trattament tal-ekonomija tas-suq (“MET”) ma jiġix ikkunsidrat mill-ġdid.

(19) Kif spjegat hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li jiġi applikat it-teħid ta’ kampjuni fir-rigward tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ.

(20) Fl-istadju tat-teħid ta’ kampjuni, l-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera deher li kien jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi totali lejn l-Unjoni. L-awtoritajiet Ċiniżi u l-partijiet interessati l-oħra kienu avżati bil-possibilità li l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jista’ jkun applikat minħabba livell baxx ta’ kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba għal din il-komunikazzjoni.

(21) Madankollu, iktar tard fl-investigazzjoni, fit-tweġiba għall-kwestjonarju, il-produttur esportatur li kkoopera kkoreġa l-iżball fir-rappurtar tal-bejgħ tal-esportazzjoni tiegħu lill-Unjoni u rreveda ‘l fuq il-volum tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni. B’mod parallel, il-volumi tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni mir-RPĊ kienu analizzati ulterjorment abbażi taċ-ċifri tal-Eurostat. Minħabba f’hekk, u wara l-verifika tat-tweġiba għall-kwestjonarju, kien stabbilit li l-volum ta’ esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera kien għoli ħafna ([1]). Fuq il-bażi ta’ dawn is-sejbiet, kien konkluż li l-kooperazzjoni kienet għolja.

### 2. Id-dumping ta’ importazzjonijiet matul il-PIR

#### 2.1. *Il-pajjiż analogu*

(22) Peress li l-ebda produttur esportatur mir-RPĊ ma ngħata l-MET fl-investigazzjonijiet preċedenti, il-valur normali għaċ-Ċina kien stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(23) Fl-avviż ta’ bidu, kien maħsub li jintużaw l-Istati Uniti bħala pajjiż analogu xieraq għall-fini li jkun stabbilit il-valur normali għar-RPĊ. Il-partijiet interessati kienu mistiedna jikkummentaw dwar l-adegwatezza ta’ din l-għażla. F’dak ir-rigward, ma waslu l-ebda kummenti jew oġġezzjonijiet. L-Istati Uniti ntużat ukoll bħala pajjiż analogu fl-investigazzjoni oriġinali u l-ebda ċirkostanzi ġodda jew mibdula li jistgħu jiġġustifikaw bidla ma dehru li jeżistu u lanqas ġew ikkomunikati tali ċirkostanzi lill-Kummissjoni. Tqies li l-Istati Uniti kienu rappreżentattivi bħala suq ta’ referenza, speċjalment fid-dawl tal-libertà u l-kompetittività tas-suq domestiku Amerikan. Barra minn hekk, produttur mill-Istati Uniti qabel li jikkoopera fir-reviżjoni preżenti.

(24) Għalhekk, l-Istati Uniti ntużat bħala pajjiż b’ekonomija tas-suq analogu għall-iskop ta’ din ir-reviżjoni.

#### 2.2. *Il-valur normali*

(25) Skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, il-valur normali ġie stabbilit skont l-informazzjoni vverifikata li waslet mill-produttur Amerikan li kkoopera fil-pajjiż analogu, jiġifieri skont il-prezzijiet imħallsa jew li jitħallsu fis-suq domestiku fl-Istati Uniti, għal tipi ta’ prodotti li nstabu li jinbiegħu fl-andament normali tal-kummerċ.

(26) B’konsegwenza ta’ dan, il-valur normali ġie stabbilit bħala prezz tal-bejgħ domestiku medju differenzjat lil klijenti mhux relatati mill-produtturi li kkooperaw fl-Istati Uniti.

(27) L-ewwel ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku totali tal-prodott simili lill-klijenti indipendenti tal-produttur Amerikan li kkoopera kienx rappreżentattiv skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri jekk ammontax għal 5 % jew iktar tal-volum tal-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni. Il-bejgħ domestiku tal-produttur Amerikan li kkoopera tqies li kienu rappreżentattivi biżżejjed tul il-perjodu ta’ investigazzjoni tar-reviżjoni.

(28) Sussegwentement il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott simili jistax jitqies bħala bejgħ li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi, għall-prodott simili mibjugħ fis-suq tal-Istati Uniti, ġie stabbilit proporzjon tal-bejgħ domestiku bi profitt lil klijenti indipendenti matul il-PIR.

(29) Billi l-volum ta’ bejgħ bi profitt tal-prodott simili rrappreżenta inqas minn 80 % tal-volum ta’ bejgħ totali tal-prodott simili, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku reali, ikkalkulat bħala medja differenzjata tal-bejgħ bi profitt.

#### 2.3. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(30) Kif spjegat hawn fuq, fid-dawl tal-fatt li l-produttur esportatur li kkoopera rrappreżenta iktar minn 90 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi lill-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni ġie eżaminat fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-produttur esportatur, jiġifieri l-prezz aġġustat sew effettivament imħallas jew li jista’ jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta jinbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

([1]) Il-perċentwali eżatta ma tistax tinkixef minħabba raġunijiet ta’ kunfidenzjalità.

2.4. *Tqabbil*

(31) Il-valur normali medju differenzjat tqabbel mal-prezz medju tal-esportazzjoni differenzjat għal kull tip ta' prodott ikkonċernat, fuq bażi tal-prezz tal-fabbrika u fuq l-istess livell tal-kummerċ u l-istess livell ta' tassazzjoni. Skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, u għall-fini li jiġi żgurat tqabbil ġust, tqiesu d-differenzi f'fatturi li ġew allegati u murija li jolqtu l-prezz u t-tqabbil tal-prezzijiet. Saru aġġustamenti għall-ispejjeż tal-merkanzija oċeanika u domestika, il-ħlasijiet lill-banek u l-ispejjeż tal-imballaġġ. Barra minn hekk, aġġustament ta' 5 % fuq il-prezz tal-esportazzjoni għat-taxxa tal-esportazzjoni u l-aġġustament għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq il-valur normali.

2.5. *Il-marġini tad-dumping*

(32) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-dumping ġie stabbilit għal kull tip ta' prodott fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju differenzjat mal-prezz medju differenzjati tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' kummerċ. Dan it-tqabbil wera l-eżistenza ta' dumping matul il-PIR li jammonta għal iktar minn 80 %, għalhekk f'livell sinifikattivament ogħla minn dak stabbilit fl-aħħar investigazzjoni tar-reviżjoni (31 %). Il-marġini preċiż tad-dumping ma jistax jinkixef minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Il-kalkoli kienu bbażati fuq data pprovduta minn produttur esportatur fir-RPĊ u produttur fil-pajjiż analogu. L-iżvelar tal-marġini ta' dumping jippermetti kemm lill-produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ u lill-produttur fil-pajjiż analogu biex jaslu għall-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni ta' wieħed lill-ieħor, li jammonta għal ksur ċar tad-dritt ta' kunfidenzjalità taż-żewġ partijiet.

## 3. L-iżvilupp tal-importazzjonijiet jekk jitħassru l-miżuri

3.1. *Rimarka preliminari*

(33) Id-data inkluża f'din it-taqsima nkisbet permezz tal-analiżi tad-data pprovduta mill-produttur esportatur li kkoopera, mill-Eurostat u mit-talba ta' reviżjoni.

3.2. *Il-kapaċità żejda tal-produtturi esportaturi Ċiniżi*

(34) Id-data dwar il-kapaċità żejda pprovduta mill-produttur esportatur Ċiniż kienu ppreżentati b'żieda jew tnaqqis ta' 20 % biex tiġi rrispettata l-kunfidenzjalità. Il-kapaċità ta' produzzjoni fir-RPĊ tammonta għal madwar 21 000 tunnellata fl-2006 u fl-2007 u żdiedet sostanzjalment għal madwar 35 000 tunnellata fl-2008 u l-PIR, żieda ta' iktar minn 80 % tul il-perjodu kkunsidrat. Dawn iċ-ċifri jistgħu jitqiesu bħala konservattivi, peress li t-talba ta' reviżjoni rrappurtat kapaċità ta' produzzjoni fil-viċinanzi ta' 50 000 tunnellata.

(35) Barra minn hekk il-produttur esportatur li kkoopera rrapporta żieda sostanzjali fil-kapaċità matul il-perjodu meqjus.

(36) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, il-produzzjoni Ċiniża total qabżet konsiderevolment il-produzzjoni Ċiniża reali (b'tal-anqas iktar minn 20 000 tunnellata fl-2008 u fil-PIR).

(37) Fil-PIR ir-RPĊ kellha kapaċità żejda li tammonta għal sitt darbiet il-konsum tal-Unjoni (25 000 tunnellata mqabbla ma' 3 800 tunnellata fil-konsum tal-Unjoni).

(38) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa ċar li parti kbira tal-kapaċità żejda disponibbli fir-RPĊ jista' jintuża biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping.

(39) Barra minn hekk, l-informazzjoni mibgħuta matul l-investigazzjoni indikat distorsjonijiet importanti fis-suq tal-materja prima użat għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat. L-ewwel nett, il-materja prima hija suġġetta għall-kwoti mogħtija mill-awtoritajiet Ċiniżi. It-tieni nett, l-awtoritajiet Ċiniżi jillimitaw l-aċċess għall-materja prima permezz tal-impożizzjoni tat-taxxi ta' esportazzjoni u politiki ta' tnaqqis fil-VAT, li kif indikat fil-premessa 31 applikat ukoll għall-prodott ikkonċernat. Dawn il-fatturi jikkostitwixxu elementi addizzjonali li juru l-probabilità li d-dumping ikompli fil-każ preżenti.

3.3. *L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni u l-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi*

(40) It-tagħrif dwar il-prezzijiet mill-esportatur li kkoopera, li ma jistax jinkixef minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, juri li l-Unjoni tikkostitwixxi realment suq interessanti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi. Tul il-perjodu meqjus il-prezzijiet miksuba fi swieq ta' pajjiżi terzi oħra kienu inqas (ħlief fl-2007) minn dawk li jiġu ċċarġjati lill-Unjoni (bejn wieħed u ieħor bejn 10 u 20 % inqas fi snin differenti tul il-perjodu kkunsidrat).

(41) Għal dawn ir-raġunijiet, wieħed jista' jikkonkludi li f'termini ta' prezzijiet li jistgħu jinkisbu, is-suq tal-UE huwa definittivament alternattiva attraenti għall-esportaturi Ċiniżi.

(42) Abbażi ta' dan, il-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom inċentiv li jiddieriegu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jiġu revokati. Il-prezzijiet prevalentement ogħla fis-suq tal-Unjoni għandhom jippermettu lill-produtturi esportaturi Ċiniżi biex jiksbu marġini ta' profitt aħjar.

3.4. *Evażjoni tal-miżuri*

(43) Fl-2005 l-miżuri ġew estiżi għal kodiċi NM addizzjonali peress li nstab li l-esportaturi Ċiniżi kienu qed jevadu l-miżuri billi jżidu kwantitajiet żgħar ta' trab metalliku ieħor (l-iktar il-kobalt) mat-trab tal-karbur tat-tangstin [1]. Din il-prattika kkonfermata ta' evażjoni hija terġa' element ieħor li jwasslu għall-konklużjoni ta' probabilità li d-dumping ikompli. Hija tikkostitwixxi evidenza ċara li s-suq Ewropew ikompli jkun attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li x'aktarx li jidderieġu volumi ogħla ta' karbur tat-tangstin fl-UE fin-nuqqas tal-miżuri anti-dumping.

3.5. *Konklużjoni dwar il-probabilità ta' tkomplija tad-dumping*

(44) L-analiżi ta' hawn fuq turi li l-importazzjonijiet Ċiniżi jkomplu jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet iddampjati b'marġini ta' dumping għoli ħafna. Minħabba l-iktar l-analiżi tal-livelli tal-prezzijiet fis-suq tal-UE u f'tal-pajjiżi terzi kif ukoll il-kapaċitajiet disponibbli fir-RPĊ, jista' jiġi konkluż li hemm il-probabilità tat-tkomplija ta' dumping jekk il-miżuri jitneħħew.

D. **IS-SITWAZZJONI FIS-SUQ TAL-UNJONI**

1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(45) Fi ħdan l-Unjoni, il-prodott simili huwa mmanifatturat minn seba' kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji.

(46) Għalhekk dawn huma meqjusin li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u għandhom minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-industrija tal-Unjoni".

2. **Rimarka preliminari**

(47) Id-data relatata mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni li joriġina fir-RPĊ għandha tiġi indiċizzata sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

(48) Rigward il-volumi tal-importazzjoni skont il-kodiċi TARIC 3824 30 00 10, minħabba l-inklużjoni ta' prodotti oħra minbarra l-prodott ikkonċernat fid-data tal-importazzjoni disponibbli fil-livell tal-kodiċi NM mill-Eurostat (kodiċi NM 3824 30 00), l-analiżi li ġejja saret abbażi tad-data tal-importazzjoni fil-livell tal-kodiċi TARIC, issupplimentata bl-informazzjoni mid-data miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku. Id-data tat-TARIC titqies bħala kunfidenzjali peress li tipprovdi livell ta' dettall li jippermetti l-identifikazzjoni tal-partijiet. Għal din ir-raġuni xi tagħrif ġie ppreżentat f'firxiet.

(49) Id-data tal-industrija tal-Unjoni inkisbet minn tweġibiet għall-kwestjonarji tas-seba' produtturi tal-Unjoni.

3. **Il-konsum fis-suq tal-Unjoni**

(50) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u data tal-importazzjoni mill-Eurostat.

(51) Bejn l-2006 u l-PIR, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 62 %, bit-tnaqqis ewlieni jseħħ bejn l-2008 u l-PIR. Fil-PIR, il-produzzjoni naqset bi 63 % meta mqabbla mal-2008.

*Tabella 1*

**Konsum**

| | | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum (tunnellati) | | | | | |
| + | L-importazzjoni totali | 1 766 | 1 885 | 2 303 | 755 |
| + | Il-produzzjoni tal-UE mibjugħa fis-suq tal-UE | 8 281 | 8 334 | 7 981 | 3 024 |
| = | Il-konsum | 10 047 | 10 218 | 10 284 | 3 779 |
| Żieda ta' sena fuq sena | | | 2 % | 1 % | – 63 % |

4. **Volum, sehem mis-suq u prezzijiet ta' importazzjonijiet iddampjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

(52) Il-volumi, l-ishma mis-suq u l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ żviluppaw kif muri hawn taħt. Il-kwalità u x-xejriet tal-prezzijiet li ġejjin huma bbażati fuq data tal-Eurostat.

*Tabella 2*

**Importazzjonijiet mir-RPĊ**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum ta' importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati) | Iktar minn 700 | Iktar minn 700 | Iktar minn 400 | Iktar minn 60 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 104 | 60 | 11 |
| Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat | 7,1 % | 7,3 % | 4,2 % | 2,1 % |
| Il-prezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (EUR/tunnellata) | 25 622 | 21 883 | 22 434 | 22 110 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 85 | 88 | 86 |

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1275/2005 tas-26 ta' Lulju 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2268/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' tungsten carbide u fused tungsten carbide li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 202, 3.8.2005, p. 1).

(53) Il-volum tal-importazzjonijiet iddampjati tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ naqsu bi 89 % matul il-perjodu kkunsidrat u laħaq livell ta' madwar 80 tunnellata matul il-PIR. Is-sehem mis-suq tagħhom ukoll naqas minn 7,1 % fl-2006 għal 2,1 % fil-PIR.

(54) Spjegazzjoni possibbli għal dan it-tnaqqis huwa żieda sostanzjali għall-konsum domestiku tar-RPĊ matul il-perjodu kkunsidrat. Barra minn hekk, permezz ta' sistema ta' kwoti tal-esportazzjoni u tariffi tal-esportazzjoni, l-awtoritajiet Ċiniżi jidhru li jridu politika fejn jikkonservaw ir-riżorsi ta' tangstin tar-RPĊ.

(55) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu b'14 % tul il-perjodu kkunsidrat. L-evoluzzjoni tirrifletti x-xejra ġenerali osservata wkoll fir-rigward tal-prezzjiet tal-industrija tal-Unjoni.

(56) It-tqabbil wera wkoll li l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'iktar minn 10 %, wara t-tnaqqis tad-dazju anti-dumping fis-seħħ. Dawn ir-riżultati huma l-istess bħal tal-aħħar investigazzjoni tar-reviżjoni ([1]).

### 5. **Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra**

(57) Il-volum ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu kkunsidrat qed jintwerew fit-tabella hawn taħt. Il-kwantità u x-xejriet tal-prezzijiet huma bbażati fuq data tal-Eurostat.

*Tabella 3*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (tunnellati) | 1 050 | 1 138 | 1 873 | 675 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 108 | 178 | 64 |
| Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra | 10,5 % | 11,1 % | 18,2 % | 17,9 % |
| Prezz medju (EUR/Tunnellata) | 27 309,1 | 26 626,0 | 21 607,5 | 24 867,4 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 97 | 79 | 91 |
| Sehem mis-suq tal-UE | 4,2 % | 3,9 % | 3,9 % | 3,6 % |
| Prezz medju (EUR/Tunnellata) | 32 948,1 | 32 356,0 | 29 353,3 | 32 054,4 |
| Sehem mis-suq tal-Korea t'Isfel | 2,2 % | 2,4 % | 2,6 % | 4,4 % |
| Prezz medju (EUR/Tunnellata) | 33 733,8 | 29 969,5 | 25 789,0 | 24 503,7 |

(58) L-importazzjoni minn pajjiżi terzi naqsu b'36 % matul il-perjodu kkunsidrat. Dan segwa xejra tas-suq ġenerali li ġie mit-tnaqqis fil-konsum (waqgħa ta' 62 %), imma mhux bl-istess pass. B'hekk is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet żdied minn 10,5 % għal 17,9 %. Madankollu, l-impatt ta' dawn l-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni ma jistax jitqies bħala negattiv kif juru l-premessi minn 85 sa 88 hawn taħt.

(59) Ta' min jinnota li s-sehem mis-suq tar-Repubblika tal-Korea ("il-Korea") irdoppja matul il-perjodu kkunsidrat, u laħħaq l-4,4 %. Il-prezzijiet tal-importazzjoni medja Koreani naqsu matul il-perjodu kkunsidrat, madankollu jibqgħu konsistentement ogħla mill-prezz tal-bejgħ medju tal-bejgħ tal-esportazzjoni Ċiniż.

### 6. **Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(60) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċijiet kollha rilevanti li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

#### 6.1. *Produzzjoni*

(61) Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni l-ewwel żdiedet bi 5,8 % fl-2007 u 11,6 % fl-2008, meta mqabbla mal-2006 u mbagħad naqset drastikament matul il-PIR, b'56 % meta mqabbla mal-2008.

([1]) Ara l-premessa 65 tar-Regolament (KE) Nru 2268/2004

*Tabella 4*

**Produzzjoni totali tal-Unjoni**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum (Tunnellati) | | | | |
| Produzzjoni | 10 094 | 10 679 | 11 268 | 4 861 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 106 | 112 | 48 |

6.2. *Kapaċità u rati tal-użu tal-kapaċità*

(62) Il-kapaċità ta' produzzjoni żdiedet b'10.8 % bejn l-2006 u l-PIR. Hekk kif il-produzzjoni naqset, b'mod partikolati matul il-PIR, l-użu tal-kapaċità li rriżulta wera tnaqqis kumplessiv ta' 57 % bejn l-2006 u l-PIR, li laħħaq 39 % użu tal-kapaċità matul il-PIR.

*Tabella 5*

**Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum (Tunnellati) | | | | |
| Il-kapaċità ta' produzzjoni | 11 110 | 11 610 | 12 230 | 12 310 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 105 | 110 | 111 |
| L-użu tal-kapaċità | 91 % | 92 % | 92 % | 39 % |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 101 | 101 | 43 |

6.3. *Ħażniet*

(63) Il-livell tal-ħażniet tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni żdied b'20 % fl-2008 meta mqabbel mal-2006 u mbagħad naqas b'26 % matul il-PIR.

*Tabella 6*

**Ħażniet**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum (Tunnellati) | | | | |
| Ħażna tal-għeluq | 1 714 | 1 808 | 2 054 | 1 514 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 106 | 120 | 88 |

6.4. *Volum tal-bejgħ*

(64) Il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni għal konsumaturi mhux relatati żdiedet kemm kemm bejn l-2006 u l-2008 u mbagħad naqset b'61 % bejn l-2008 u l-PIR. Il-volumi tal-bejgħ żdiedu fl-2007 u fl-2008 imma naqsu drastikament, matul il-PIR. Dan l-iżvilupp huwa konformi max-xejra ġenerali ta' tnaqqis fil-konsum fis-suq tal-Unjoni.

*Tabella 7*

**Bejgħ lil klijenti mhux relatati**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum (Tunnellati) | 5 594 | 5 630 | 5 874 | 2 292 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 101 | 105 | 41 |

6.5. *Sehem mis-suq*

(65) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni baqa' pjuttost stabbli bejn l-2006 u l-2008 biex imbagħad żdied b'4 punti perċentwali bejn l-2008 u l-PIR. Kumplessivament, kien hemm żieda b'5 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat.

*Tabella 8*

**Sehem mis-suq tal-UE**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Sehem mis-suq tal-UE | 56 % | 55 % | 57 % | 61 % |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 99 | 103 | 109 |

6.6. *Tkabbir*

(66) Billi t-tnaqqis fil-bejgħ kien kemm kemm inqas mit-tnaqqis fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tirbaħ ftit sehem mis-suq.

6.7. *L-impjiegi*

(67) Il-livell tal-impjieg tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 17 % bejn l-2006 u l-PIR. L-impjiegi naqsu wkoll fil-perjodu 2006-2008, meta l-produzzjoni żdiedet kemm kemm, li wriet l-isforzi li saru mill-industrija tal-Unjoni biex ittejjeb il-produttività tagħha. Matul il-PIR madankollu, it-tnaqqis drastiku fil-produzzjoni wassal għal deterjorament qawwi fl-impjiegi.

*Tabella 9*

**L-impjiegi**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Medja (perjodu kkunsidrat) | | | | |
| Impjiegi totali | 674 | 667 | 653 | 557 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 99 | 97 | 83 |

6.8. *Produttività*

(68) Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni ta' kull persuna impjegata kull sena, żdiedet fl-2007 u l-fl-2008 b'7 % u 15 % rispettivament, meta mqabbla mal-2006, u mbagħad żdiedet b'49 % bejn l-2008 u l-PIR.

*Tabella 10*

**Produttività**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Produttività (tunnellati fis-sena/impjegat) | 15 | 16 | 17 | 9 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 107 | 115 | 58 |

6.9. *Prezzijiet tal-bejgħ*

(69) Prezzijiet medji tal-bejgħ mill-fabbirka mill-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni segwew tendenza ta' tnaqqis matul il-perjodu kkunsidrat. Kollox ma' kollox, l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tagħha bi 15,4 % bejn l-2006 u l-PIR.

(70) Kif spjegat fil-premessi 55 u 56, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ segwew xejra simili għal dik tal-industrija tal-Unjoni, iżda kienu konsistentement iżjed baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Matul il-PIR, il-prezzijiet mir-RPĊ kienu iktar minn 10 % iktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

*Tabella 11*

**Il-prezz ta' unità tas-suq tal-UE**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Prezz ta' unità fis-suq tal-Unjoni (EUR/tunnellata) | 31 030 | 29 995 | 29 072 | 26 241 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 97 | 94 | 85 |

6.10. *Pagi*

(71) Bejn l-2006 u l-PIR, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet bi 4,8 %.

*Tabella 12*

**L-ispejjeż tax-xogħol**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| L-ispiża annwali tax-xogħol għal kull impjegat | 53 614 | 54 613 | 56 564 | 56 221 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 102 | 106 | 105 |

6.11. *Investimenti u abilità li jinġabar il-kapital*

(72) 'Bejn l-2006 u l-2008, il-fluss annwali tal-investimenti fil-prodott ikkonċernat li saru mill-industrija tal-Unjoni żdied bi 18 %. L-investimenti bejn l-2007 u l-2008 żdiedu b'103 %. Madankollu, matul il-PIR l-investimenti naqsu b'65 % meta mqabbla mal-2008.

(73) L-investimenti saru l-iktar fil-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda biex jipproduċu materjal tangstin minn materjali użati u ruttam. L-investimenti kellhom jitnaqqsu minħabba: i) it-tnaqqis fil-livell ġenerali tal-produzzjoni fis-suq tal-Unjoni, ii) id-distorsjonijiet fil-materja prima (ara l-premessa 39, iii) il-kriżi ekonomika.

(74) Matul il-PIR, ma saru l-ebda investimenti sinifikanti. Dan jista' jiġi spjegat fil-parti l-kbira mill-kriżi ekonomika li bdiet fl-2008 u laħqet l-iktar punt baxx tagħha matul il-PIR meta l-aċċess għal kapital ġdid kien terġa' iktar diffiċli.

*Tabella 13*

**Investimenti**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Investimenti netti ('000 EUR) | 18 403 | 10 711 | 21 756 | 7 568 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 58 | 118 | 41 |

6.12. *Profitabilità u redditu mill-investimenti*

(75) Bejn bis-saħħa tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ u bejn bis-saħħa tal-isforzi li saru mill-industrija tal-Unjoni biex jiddiversifikaw is-sorsi tal-materja prima, bejn l-2006 u l-2008 l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm livell pożittiv ta' profittabilità, anke jekk kumplessivament naqset b'26 % matul dan il-perjodu. Matul il-PIR, madankollu, l-industrija tal-Unjoni kellha riżultat ferm inqas favorevoli, li wriet ċerta fraġilità f'dan ir-rigward.

(76) Ir-redditu mill-investimenti ("ROI") segwew b'mod wiesa' x-xejra tal-profitabilità tul il-perjodu kollu kkunsidrat.

*Tabella 14*

**Il-profittabilità u l-ROI**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-Profitt Nett tal-bejgħ tal-UE lil klijenti mhux relatati (% ta' bejgħ nett) | 10,3 % | 5,8 % | 7,6 % | – 19,5 % |
| L-ROI (profitt nett f'% tal-valur nett skont il-kotba tal-investimenti) | 34,8 % | 22,1 % | 28,8 % | – 28,6 % |

6.13. *Likwidità*

(77) Ix-xejra tal-likwidità, li hija l-kapaċità tal-industrija biex tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha, baqgħet pożittiva matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Madankollu, bejn l-2006 u l-PIR, hija naqset bi kważi 35 %.

*Tabella 15*

**Likwidità**

| | 2006 | 2007 | 2008 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Likwidità ('000 EUR) | 36 125 | 39 868 | 44 102 | 23 540 |
| Indiċi (2006 = 100) | 100 | 110 | 122 | 65 |

6.14. *Id-daqs tal-marġni tad-dumping*

(78) Id-dumping mir-RPĊ kompla matul il-PIR f'livell li huwa 'l fuq sew mil-livell attwali tal-miżuri. Barra minn hekk, minħabba d-distorsjonijiet fil-materja prima, il-kapaċità żejda u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ, l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni tal-marġini reali tad-dumping ma jistax jitqies li hu negliġibbli.

6.15. *Irkupru minn dumping fil-passat*

(79) Ġie analizzat jekk l-industrija tal-Unjoni rkupratx mill-effetti ta' dumping fil-passat. Il-konklużjoni kienet li r-nexxielha tirkupra sa ċertu punt sew minn dawn l-effetti minħabba li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ urew li huma effettivi. Madankollu, il-kriżi ekonomika waqqfet dak il-proċess u aċċentwat id-diffikultajiet tal-industrija tal-Unjoni.

## 7. Impatt tal-importazzjonijiet iddampjati u fatturi oħra

7.1. *Impatt tal-importazzjonijiet iddampjati*

(80) B'mod parallel għall-konsum dejjem jonqos fl-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqas minn 7,1 % għal 2,1 % (ara l-premessa 52). L-informazzjoni disponibbli tindika li dawn l-importazzjonijiet saru bi prezzijiet li kienu iżjed baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni u wkoll iżjed baxxi mill-importazzjonijiet li joriġinaw f'pajjiżi terzi oħra. Kif imsemmi fil-premessa 56 hawn fuq, abbażi ta' kalkolu li jeskludi d-dazju anti-dumping, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu 10,7 % inqas mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-PIR. Ta' min ifakkar li r-rata tad-dazju tammonta għal 33 %. Għaldaqstant, il-livell ta' kemm kien iktar baxx juri minn naħa l-effettività tad-dazji fis-seħħ u min-naħa l-oħra l-bżonn li l-miżuri jkomplu. Din il-konklużjoni tissaħħah bil-fatt li l-ammont inqas kien fl-istess livell tal-aħħar investigazzjoni tar-reviżjoni. B'hekk, l-impatt fil-prezz tal-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ fuq l-industrija tal-Unjoni baqgħu l-istess u, fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza li turi bil-kontra, x'aktarx li jkompli.

7.2. *Impatt tal-kriżi ekonomika*

(81) Minħabba l-kundizzjonijiet ekonomiċi negattivi ħafna li prevalew matul il-PIR fis-settur li jsegwi fil-katina tal-produzzjoni tat-tangstin, b'mod partikolari fis-settur tal-azzar u l-karbur iċċimentat, li jirrappreżenta l-parti l-kbira tal-konsum tat-tangstin fl-Unjoni, l-industrija tal-Unjoni naqqset drastikament il-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

(82) Qabel il-kriżi, il-kumpaniji li joperaw fis-settur li jsegwi fil-katina tal-produzzjoni kellhom livell għoli ta' ħażniet ta' tangstin li ma kinux mibnijia matul il-PIR, li affettwaw ulterjorment il-livell tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(83) Minħabba li l-produzzjoni naqset, u li l-industrija tal-Unjoni hija waħda b'livell intensiv ta' kapital u għalhekk teħtieġ li tipproduċi ċerti volumi biex l-ispiża tal-unità fissa tinżamm baxxa, il-profitabilità ntlaqtet serjament.

(84) Madankollu, l-analiżi tal-industrija tal-Unjoni, qabel il-kriżi, hija prova tal-effettività tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ. L-investigazzjoni wriet li l-ikbar produtturi tal-Unjoni kienu qed jagħmlu investimenti importanti sabiex jevitaw id-distorsjonijiet fil-materja prima filwaqt li fl-istess ħin kienu kapaċi li jikkompetu fis-suq u jżommu pożizzjoni b'saħħitha.

7.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi oħra*

(85) Huwa stmat li l-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqas b'36 % minn madwar 1 500 tunnellata fl-2006 għal madwar 675 tunnellata fil-PIR. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra żdied minn 10,5 % fl-2006 għal 17,9 % fil-PIR. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet naqas bi 8,9 % bejn l-2006 u l-RIP. Il-pajjiżi importaturi ewlenin kienu l-Korea t'Isfel u l-Istati Uniti.

(86) Is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel irduppjaw matul il-perjodu kkunsidrat (minn 2,2 % għal 4,4 %). Madankollu, l-informazzjoni disponibbli tindika li matul il-PIR dawn l-importazzjonijiet saru għal prezzijiet li kienu kemm kemm iżjed baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni (b'6,6 %), iżda ogħla (b'9,8 %) minn dawk tal-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ.

(87) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Istati Uniti naqsu bi 15,1 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat (minn 4,2 % għal 3,6 %). L-informazzjoni disponibbli tindika li matul il-PIR dawn l-importazzjonijiet saru għal prezzijiet li kienu 'l fuq minn dawk tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk sostanzjalment ogħla (b'31 %) minn dawk tal-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ.

(88) Il-konklużjoni hi li fost l-ikbar importaturi tal-karbur tat-tangstin fl-UE, l-importazzjonijiet Sud Koreani u Amerikani ma setgħux iħallu impatt negattiv fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni l-iktar minħabba l-livelli tal-prezzijiet tagħhom (simili jew anke ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni) u fil-każ tal-Istati Uniti anke minħabba s-sehem mis-suq dejjem jonqos.

8. **Konklużjoni**

(89) Minħabba d-dazji anti-dumping effettivi fis-seħħ, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tirkupra sa ċertu punt mill-effetti tad-dumping dannuż tal-imgħoddi.

(90) Madankollu, ma jistax jiġi konkluż li l-qagħda tal-industrija tal-Unjoni hija waħda soda. Għalkemm kważi l-indikaturi tal-ħsara kollha relatati mar-rendiment finanzjarju tal-produtturi tal-Unjoni – bħall-profittabilità, ir-redditu mill-investimenti u l-likwidità – tjiebu matul l-ewwel snin tal-perjodu kkunsidrat, l-investigazzjoni wriet ukoll li matul il-PIR l-indikaturi tal-ħsara kollha ddeterjoraw.

(91) Minkejja l-fatt li t-tnaqqis fid-domanda matul il-PIR jista' jkun parzjalment attribwit għall-kriżi ekonomika, l-investigazzjoni analizzat bir-reqqa l-impatt ta' esportazzjonijiet bi prezzijiet iddampjati baxxi mir-RPĊ fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni.

(92) Kif jidher mill-premessa 52, il-volumi tal-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-fatt naqsu bejn l-2006 u l-PIR. Il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet naqsu b'14 % tul l-istess perjodu, li meta jkun analizzat mill-perspettiva tal-perjodu ta' erba' snin ikkunsidrati jkun mera tal-iżvilupp tal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Ta' min jinnota madankollu, li t-tnaqqis sostanzjali fil-prezz tal-importazzjonijiet iddampjati Ċiniżi ġraw bejn l-2006 u l-2007 (bi 15 %), jiġifieri sew qabel il-kriżi ekonomika fil-perjodu meta l-industrija tal-Unjoni kien fil-proċess tal-irkupru. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ stabbilizzaw minn hemm 'il quddiem u l-kriżi finanzjarja tidher li hi limitata. Il-waqt ta' meta seħħ it-tnaqqis sostanzjali fil-prezz min-naħa tal-esportaturi Ċiniżi (qabel il-kriżi) jista' jindika li kienu qed jistabbilixxu strateġija tal-prezzijiet iktar ikkonċentrata u b'saħħitha sabiex ikollhom prezzijiet iktar baxxi minn tal-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt id-differenzjal fil-prezzijiet bejn il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi u dawk tal-industrija tal-Unjoni tela' għal 27 % u 22,8 % fl-2007 u fl-2008 rispettivament.

(93) Fl-2008, il-prezzijiet fuq l-esportazzjoni miċ-Ċina kienu 22,8 % iktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni. Matul il-PIR, id-distakk naqas bi 15,7 %. Bit-tnaqqis drastiku fil-konsum, il-produtturi tal-Unjoni kellhom ibaxxu l-prezzijiet tagħhom sabiex iżommu s-sehem mis-suq.

(94) Kif deher fil-premessa 57, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqas b'36 %, b'konfomità mat-tnaqqis fil-konsum. Minkejja żieda fis-sehem mis-suq l-impatt ta' dawk l-importazzjonijiet fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni ma jistax jitqies bħala negattiv, kif turi l-premessa 88 hawn fuq.

(95) Fir-rigward tal-vijabilità tal-industrija tal-Unjoni ta' min jinnota li l-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tikkompeti skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq kontra l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u anke meta l-prezzijiet kienu iktar baxxi minn dawk tal-produtturi tal-Unjoni d-distakk ma kienx sinifikanti daqs mal-prezzijiet taċ-Ċina, kif jidher mil-premessi minn 85 sa 88 hawn fuq.

(96) Minħabba t-titjib fil-qagħda tal-industrija tal-Unjoni fis-snin ta' qabel il-PIR, l-industrija investiet f'teknoloġija iktar moderna u ġdida biex tipproduċi l-prodott ikkonċernat mill-bidu u b'hekk tegħleb parzjalment id-distorsjonijiet fis-seħħ fil-materja prima.

(97) Meta titqies il-qagħda kumplessiva tal-industrijat tal-Unjoni kif ukoll l-importazzjonijiet mir-RPĊ fil-perjodu mill-2006 sal-PIR, bħala konklużjoni, fid-dawl tal-iżvilupp pożittiv ta' xi indikaturi li jappartjenu għall-Industrija tal-Unjoni, tqies li l-industrija tal-Unjoni ma sofritx ħsara materjali matul il-perjodu meqjus. Għalhekk ġie eżaminat jekk kienx hemm probabilità ta' rikorrenza ta' ħsara f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

E. **PROBABILITÀ TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA**

1. **Rimarki preliminari**

(98) Kif deskritt fil-premessi minn 89 sa 97, l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping ppermettiet lill-industrija tal-Unjoni tirkupra biss mill-ħsara li sofriet, imma sa ċertu punt biss. Madankollu, meta l-livelli eċċezzjonali tal-konsum tal-Unjoni esperjenzati matul il-parti l-kbira tal-perjodu kkunsidrat naqsu b'od sinifikanti matul il-PIR, l-industrija tal-Unjoni dehret f'qagħda fraġili u vulnerabbli u baqgħet esposta għall-effett dannuż tal-importazzjonijiet iddampjati mir-RPĊ.

(99) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat ġew ivvalutati sabiex tiġi stabbilita l-probabilità ta' tkomplija tal-ħsara.

2. **Volumi tal-esportazzjonijiet Ċiniżi u l-prezzijiet għal pajjiżi terzi**

(100) Instab li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-bejgħ Ċiniż fuq swieq ta' pajjiżi terzi oħra kienu wkoll inqas minn dawk li jiġu ċċarġjati lill-UE (bejn wieħed u ieħor bejn 10 u 20 % inqas fi snin differenti tul il-perjodu kkunsidrat, ħlief fl-2007). Il-bejgħ tal-esportatur Ċiniż lill-pajjiżi

mhux tal-UE sar fi kwantitajiet sinifikanti, li jammontaw għal iktar minn 80 % tal-bejgħ totali tal-esportazzjoni totali tiegħu. Għalhekk tqies li jekk il-miżur jiskadu, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jkollhom inċentiv li jdawru kwantitajiet sinifikanti ta' esportazzjonijiet minn pajjiż terzi oħra lejn is-suq iktar attraenti tal-Unjoni.

3. **Kapaċità żejda fis-suq tar-RPĊ**

(101) Kif deskritt fil-premessi minn 34 sa 42, id-data miġbura matul l-investigazzjoni wriet li hemm kapaċità żejda sinifikanti disponibbli fir-RPĊ. Għadd ta' indikazzjonijiet ċari wasslu għall-konklużjoni li parti kbira tal-kapaċità żejda tista' tintuża biex jiżdiedu l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping. Dan huwa kkonfermat b'mod partikolari minħabba li ma hemmx indikazzjonijiet li s-swieq ta' pajjiżi terzi jew is-suq domestiku jistgħu jassorbu kwalunkwe produzzjoni żejda fir-RPĊ.

4. **Konklużjoni**

(102) L-industrija tal-Unjoni ġarrbet l-effetti tal-importazzjonijiet iddampjati Ċiniżi għal bosta snin u bħalissa għadha f'qagħda ekonomika fraġli.

(103) Kif deher minn hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tirkupra mill-prattika Ċiniża tad-dumping bissaħħa tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ. Matul il-PIR, madankollu, hija sabet ruħha f'qagħda ekonomika diffiċli l-iktar minħabba l-kriżi ekonomika. F'dan il-kuntest, jekk l-industrija tal-Unjoni tkun esposta għal żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet iddampjati bi prezz baxx mill-pajjiż ikkonċernat, dan x'aktarx li jirriżulta f'deterjorament ulterjuri tal-bejgħ, tas-sehem mis-suq, u tal-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, kif ukoll deterjorament konsegwenti tal-qagħda finanzjarja tagħha.

(104) Barra minn hekk, kif intqal fil-premessa 56 hawn fuq, instab ukoll li l-fatt li l-prezz tal-bejgħ tal-produtturi Ċiniżi kienu iktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni, bħala medja kważi 11 %, jidher li jindika li fin-nuqqas ta' miżuri tal-produtturi esportaturi Ċiniżi x'aktarx li jesportaw il-prodott ikkonċernat lis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet konsiderevolment iktar baxxi minn dawk tal-Unjoni.

(105) Fid-dawl tas-sejbiet li saru matul l-investigazzjoni, l-iktar il-kapaċità żejda fir-RPĊ, id-distorsjonijiet li nstabu fis-suq għal materja prima, il-potenzjal tal-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat biex iżidu u/jew idawru l-volumi tal-esportazzjoni tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni, l-imġiba tal-prezzijiet taċ-Ċiniża f'pajjiżi terzi oħra u l-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni li jrendi iktar, kwalunkwe tneħħija tal-miżuri jwasslu għal probabilità ta' rikorrenza tal-ħsara. Din tkun terġa' iktar serja meta tqis il-kriżi ekonomika preżenti.

F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

1. **Introduzzjoni**

(106) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni bħala entità. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażat fuq l-apprezzament tal-bosta interessi involuti, jiġifieri dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti.

(107) Ta' min ifakar li, fl-investigazzjonijiet ta' qabel, l-adozzjoni tal-miżuri ma kinitx ikkunsidrata li tmur kontra l-interess tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, li b'hekk tanalizza sitwazzjoni li fiha l-miżuri anti-dumping diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri anti-dumping eżistenti.

(108) Abbażi ta' dan ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabilità ta' tkomplija ta' dumping jew rikorrenza tal-ħsara, jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(109) Fid-dawl tal-konklużjonijiet dwar il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni stabbiliet fil-premessi minn 89 sa 97 hawn fuq, u skont l-argumenti relatati mal-analiżi tal-probabilità ta' rikorrenza ta' ħsara kif spjegat fil-premessi 102 sa 105, jista' jitqies ukoll li l-industrija tal-Unjoni aktarx li tesperjenza deterjorament serju fil-qagħda finanzjarja tagħha f'każ li d-dazji anti-dumping jitħallew jiskadu.

(110) Tqies li t-tkomplija tal-miżuri tibbenefika lill-industrija tal-Unjoni li mbagħad għandha tkun kapaċi li żżid il-volumi tal-bejgħ u, x'aktarx, il-prezzijiet tal-bejgħ u b'hekk jiġġeneraw il-livell ta' redditu meħtieġ li jippermetti li jkompli jinvesti f'teknoloġiji ġodda għall-faċilitajiet tal-produzzjoni tagħha. Kuntrarjament, il-waqfien tal-miżuri jwaqqaf l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni u b'hekk jhedded serjament il-vijabilità tagħha, u, minħabba f'hekk, tpoġġi l-eżistenza tagħha fil-periklu, b'hekk tonqos il-provvista u l-kompetizzjoni fis-suq.

3. **Interess tal-importaturi/utenti**

(111) Utent ippreżenta ruħu u ressaq tweġiba għall-kwestjonarju. L-utent li kkoopera sostna li t-tkomplija tal-miżuri ma jħallux impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni, anzi mill-banda l-oħra tippermetti lill-industrija li ssegwi fil-katina tal-produzzjoni biex ikollha firxa usa' ta' fornituri li jikkompetu fi prezzijiet tas-suq.

(112) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni preċedenti, instab li l-impatt tal-impożizzjoni tal-miżuri ma għandux ikun sinifikanti għall-utenti ([1]). Minkejja l-eżistenza tal-miżuri, l-importaturi/utenti fl-Unjoni setgħu ikomplu jakkwistaw il-provvisti tagħhom, fost l-oħrajn, mir-RPĊ. Ma tressqu l-ebda indikazzjonijiet dwar kienx hemm diffikultajiet fis-sejba ta' sorsi oħra. Għalhekk ġie konkluż li huwa improbabbli li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping jkollha effett serju fuq l-importaturi/utenti fl-Unjoni.

4. **Konklużjoni**

(113) L-effetti tat-tkomplija tal-miżuri jistgħu jkunu mistennija jgħinu lill-industrija tal-Unjoni, b'effetti ta' konsegwenza ta' benefiċċju fuq il-kondizzjonijiet kompetittivi fis-suq tal-Unjoni u t-tnaqqis ta' theddid ta' għeluq u tnaqqis fl-impjiegi.

(114) Barra minn hekk, it-tkomplija tal-miżuri tista' tkun mistennija li tibbenefika lill-utenti/importaturi billi żżomm firxa wiesgħa ta' fornituri fis-suq tal-Unjoni.

(115) Minħabba l-analiżi msemmija hawn fuq, ġie konkuż li t-tkomplija tal-miżuri ma tmurx kontra l-interess tal-Unjoni.

G. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(116) Il-partijiet kollha ġew informati dwar il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Dawn ingħataw ukoll perjodu biex jiabgħtu l-kummenti tagħhom wara dak l-iżvelar. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien ħaqqhom.

(117) Minn dak li ntqal fuq jirriżulta, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, li l-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-karbur tat-tangstin, li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jinżammu. Ta' min ifakkar illi dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazji ad valorem,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' karbur tat-tangstin, karbur tat-tangstin imħallat sempliċement ma' trab metalliku u karbur tat-tangstin imdewweb li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2849 90 30 u ex 3824 30 00 ([2]) (kodiċi TARIC 3824 30 00 10) u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1, għandha tkun ta' 33 %.

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

---

([1]) Ara l-premessa 101 tar-Regolament (KE) Nru 2268/2004.

([2]) Il-partiċelli huma irregolari u ma għandux fluss ħieles f'kuntrast mal-partiċelli tat-"trab lest għall-ippressar", li huma sferiċi jew b'forma mrammla, omoġenji u għandu fluss liberu. In-nuqqas ta' flussibilità jista' jitkejjel u jkun stabbilit bl-użu ta' lenbut ikkalibrat eż. il-miter tal-fluss HALL skont l-istandard ISO 4490.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 288/2011

## tat-23 ta' Marzu 2011

## li jimplimenta l-Artikolu 16(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) u (2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.

(2) Fis-17 ta' Marzu 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni UNSCR 1973 (2011) li wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi imposti mir-Riżoluzzjoni UNSCR 1970 (2011) u introduċiet miżuri restrittivi addizzjonali kontra l-Libja.

(3) Il-listi ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif jidhru fl-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandhom jiġu sostitwiti mit-test li jidher fl-Annessi I u II rispettivament ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

---

[1] ĠU L 58, 3.3.2011, p. 1.

*ANNESS I*

*"ANNESS II*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(1)**

1. **QADHAFI, Aisha Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Bint Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

2. **QADHAFI, Hannibal Muammar**

   Numru tal-passaport: B/002210. Data tat-twelid: 20.9.1975. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

3. **QADHAFI, Khamis Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

4. **QADHAFI, Muammar Mohammed Abu Minyar**

   Data tat-twelid: 1942. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

   Mexxej tar-Rivoluzzjoni, Kmandant Suprem tal-Forzi Armati. Responsabbiltà li ordna r-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

5. **QADHAFI, Mutassim**

   Data tat-twelid: 1976. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

6. **QADHAFI, Saif al-Islam**

   Direttur, Fondazzjoni Qadhafi. Numru tal-passaport: B014995. Data tat-twelid: 25.6.1972. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa li jheġġu l-vjolenza kontra d-dimostranti.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

7. **DORDA, Abu Zayd Umar**

   Direttur, Organizzazzjoni tas-Sigurtà Esterna. Fidil għar-reġim. Kap tal-aġenzija tal-Intelligence Esterna.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

8. **JABIR, Ġeneral Maġġur Abu Bakr Yunis**

   Data tat-twelid: 1952. Post tat-twelid: Jalo, il-Libja.

   Ministru tad-Difiża. Responsabbiltà ġenerali għall-azzjonijiet tal-forzi armati.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

9. **MATUQ, Matuq Mohammed**

   Data tat-twelid: 1956. Post tat-twelid: Khoms.

   Segretarju għall-Utilitajiet. Membru anzjan tar-reġim. Involviment mal-Kumitati Rivoluzzjonarji. Fil-passat kien involut f'soppressjoni tad-dissens u l-vjolenza.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

10. **QADHAFI, Mohammed Muammar**

Data tat-twelid: 1970. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

11. **QADHAFI, Saadi**

Numru tal-passaport: 014797. Data tat-twelid: 25/05/1973. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Kmandat tal-Forzi Speċjali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

12. **QADHAFI, Saif al-Arab**

Data tat-twelid: 1982. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

13. **AL-SENUSSI, Kurunell Abdullah**

Data tat-twelid: 1949. Post tat-twelid: is-Sudan.

Direttur tal-Intelligence Militari. Involviment tal-Intelligence Militari fis-soppressjoni tad-dimostrazzjonijiet. Passat li jinkludi suspett ta' involviment fil-massakru tal-ħabs ta' Abu Selim. Ikkundannat *in absentia* għall-bumbardament ta' titjira tal-UTA. Ħaten Muammar QADHAFI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

**Entitajiet**

1. **Bank Ċentrali tal-Libja**

Taħt il-kontroll ta' Muammar Qadhafi u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 10.3.2011)

2. **Awtorità tal-Investiment Libjan**

Taħt il-kontroll ta' Muammar Qadhafi u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

magħruf ukoll bħala: Libyan Arab Foreign Investment Company (LAFICO) 1 Fateh Tower Office No. 99, 22nd Floor, Borgaida Street, Tripli, 1103 il-Libja

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 10.3.2011)

3. **Bank Barrani Libjan**

Taht il-kontroll ta' Muammar Qadhafi u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoi tal-UE: 10.3.2011)

4. **Portafoll ta' Investiment Libja Afrika**

Taħt il-kontroll ta' Muammar Qadhafi u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Jamahiriya Street, LAP Building, PO Box 91330, Tripli, il-Libja

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 10.3.2011)

5. **Korporazzjoni taż-Żejt Nazzjonali Libjana**

Taħt il-kontroll ta' Muammar Qadhafi u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Bashir Saadwi Street, Tripli, Tarabulus, il-Libja

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011"

*ANNESS II*

*"ANNESS III*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 6(2)**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ABDULHAFIZ, Kurunell Mas'ud | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Armati | it-tielet fil-kmand tal-Forzi Armati. Rwol sinifikanti fl- Intelligence Militari. | 28.2.2011 |
| 2. | ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed | Pożizzjoni: Kap ta' Kontra t-Terroriżmu, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Membru prominenti tal-Kumitat Rivoluzzjonarju. Sieħeb qrib ta' Muammar GADDAFI. | 28.2.2011 |
| 3. | ABU SHAARIYA | Pożizzjoni: Viċi Kap, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Membru prominenti tar-reġim. Ħaten Muammar GADDAFI. | 28.2.2011 |
| 4. | ASHKAL, Al-Barrani | Pożizzjoni: Viċi Direttur, Intelligence Militari | Membru anzjan tar-reġim. | 28.2.2011 |
| 5. | ASHKAL, Omar | Pożizzjoni: Kap, Moviment tal-Kumitati Rivoluzzjonarji<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 6. | AL-BAGHDADI, Dr Abdulqader Mohammed | Pożizzjoni: Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Kumitati Rivoluzzjonarji<br>B010574<br>Data tat-twelid: 01.07.1950 | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 7. | DIBRI, Abdulqader Yusef | Pożizzjoni: Kap tas-sigurtà personali ta' Muammar GADDAFI.<br>Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Houn, il-Libja | Responsabbiltà għas-sigurtà tar-reġim. Storja ta' vjolenza kontra dissidenti. | 28.2.2011 |
| 8. | QADHAF AL-DAM, Ahmed Mohammed | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: L-Eġittu | Kuġin ta' Muammar GADDAFI. Huwa mifhum li ilu mill-1995 jikkmanda battaljun elitista tal-armata responsabbli għas-sigurtà personali ta' Gaddafi u li għandu rwol ewlieni fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. Huwa kien involut fl-ippjanar ta' operazzjonijiet kontra dissidenti Libjani barra mill-pajjiż u kien direttament involut f'attivitajiet terroristiċi. | 28.2.2011 |
| 9. | QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed | Data tat-twelid: 1948<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kuġin ta' Muammar GADDAFI. Fit-tmeninijiet, Sayyid kien involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament responsabbli għal diversi mwiet fl-Ewropa. involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament Huwa mifhum ukoll li kien involut fl-akkwist ta' armi. | 28.2.2011 |
| 10. | AL-BARASSI, Safia Farkash | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Al Bayda, il-Libja | Mart Muammar GADDAFI.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 11. | SALEH, Bachir | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Traghen | Kap tal-Kabinett tal-Mexxej.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 12. | TOHAMI, Ġeneral, Khaled | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Genzur | Direttur tal-Uffiċċju għas-Sigurtà Interna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 13. | FARKASH, Mohammed Boucharaya | Data tat-twelid: 1 ta' Lulju 1949<br>Post tat-twelid: Al-Bayda | Direttur tal-intelligence fl-Uffiċċju għas-Sigurtà Esterna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 14. | ZARTI, Mustafa | imwieled fid-29 ta' Marzu 1970, ċittadin Awstrijakk (nru tal-passaport P1362998, validu mis-6 ta' Novembru 2006 sal-5 ta' Novembru 2016) | Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim u viċi kap eżekuttiv tal-'Libyan Investment Authority', membru tal-bord tal-Korporazzjoni Nazzjonali taż-Żejt u viċi president tal-First Energy Bank f'Bahrain. | 10.3.2011 |
| 15. | EL-KASSIM ZOUAI, Mohamed Abou | | Segretarju Ġenerali tal-Kungress ġenerali tal-poplu; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 16. | AL-MAHMOUDI, Baghdadi | | Prim Ministru tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 17. | HIJAZI, Mohamad Mahmoud | | Ministru tas-Saħħa u l-Ambjent tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 18. | ZLITNI, Abdelhaziz | Data tat-twelid: 1935 | Ministru tal-Ippjanar u l-Finanzi tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 19. | HOUEJ, Mohamad Ali | Data tat-twelid: 1949<br>Post tat-twelid: Al-Azizia (viċin Tripli) | Ministru tal-Industrija, l-Ekonomija u l-Kummerċ tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 20. | AL-GAOUD, Abdelmajid | | Ministru tal-Agrikoltura u r-Riżorsi tal-Annimali u dawk Marittimi tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi. | 21.3.2011 |
| 21. | AL-CHARIF, Ibrahim Zarroug | | Ministru tal-Affarijiet Soċjali tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 22. | FAKHIRI, Abdelkebir Mohamad | | Ministru tal-Edukazzjoni, l-Edukazzjoni Gholja u r-Riċerka tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 23. | ZIDANE, Mohamad Ali | | Ministru tat-Trasport tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 24. | KOUSSA, Moussa Mohamad | | Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 25. | MANSOUR, Abdallah | | Kollaboratur mill-qrib tal-Kurunell Gaddafi, rwol ewlieni fis-servizzi tas-sigurtà u ex-direttur tar-Radju-Televiżjoni; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |

**Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Libyan Housing and Infrastructure Board (HIB) | Tajora, Tripli, Libja<br>Numru ta' leġislazzjoni: 60/2006 mil-Libyan General People's Committee<br>Telefon: +218 21 369 1840<br>Fax: +218 21 369 6447<br>http://www.hib.org.ly | Taħt il-kontroll ta' Mouammar Gaddafi u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 10.3.2011 |
| 2. | Fonds de développement économique et social (FDES) | Qaser Bin Ghasher road Salaheddine Cross - BP: 93599 Libya-Tripoli<br>Telefon: +218 21 490 8893 –<br>Fax: +218 21 491 8893 –<br>email: info@esdf.ly | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 3. | Libyan Arab African Investment Company - LAAICO | Sit: http://www.laaico.com<br>Soċjetà maħluqa fl-1981<br>76351 Janzour-Libya. 81370 Tripoli-Libya<br>Tel:<br>Fax: 00 218 (21) 4893800 - 4891867<br>email: info@laaico.com | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 4. | Fondation Qadhafi pour les associations caritatives et le développement | Dettalji tal-amministrazzjoni: Hay Alandalus – Jian St. – Tripoli – PoBox: 1101 – LIBYE<br>Telefon: +218 214778301 –<br>Fax: (+218) 214778766;<br>email: info@gicdf.org | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 5. | Fondation Waatassimou | Ibbażata fi Tripli | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 6. | Office général de la radio et de la télévision libyenne | Dettalji:<br>tel: 00 218 21 444 59 26;<br>00 21 444 59 00;<br>fax: 00 218 21 340 21 07<br>http://www.ljbc.net;<br>email: info@ljbc.net | Tixwix pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza bil-parteċipazzjoni f'kampanji ta' misinformazzjoni dwar il-vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 7. | Corps des gardes révolutionnaires | | Involuta fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 8. | National Commercial Bank | Orouba Street<br>AlBayda,<br>Libya<br>Tel: +218 21-361-2429<br>Fax: +218 21-446-705<br>www.ncb.ly | In-National Commercial Bank huwa bank kummerċjali fil-Libja. Il-bank ġie stabbilit fl-1970 u hu bbażat f'AlBayda, il-Libja. Għandu lokazzjonijiet fi Tripli u AlBayda, u jopera wkoll ferghat fil-Libja. Huwa 100% proprjetà tal-gvern u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim. | 21.3.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 9. | Gumhouria Bank | Gumhouria Bank Building<br>Omar Al Mukhtar Avenue<br>Giaddal Omer Al Moukhtar<br>P.O. Box 685<br>Tarabulus<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-333-4035<br>+218 21-444-2541<br>+218 21-444-2544<br>+218 21-333-4031<br>Fax: +218 21-444-2476<br>+218 21-333-2505<br>email: info@gumhouria-bank.com.ly<br>Sit elettroniku: www.gumhouria-bank.com.ly | Il-Gumhouria Bank huwa bank kummerċjali fil-Libja. Il-bank inħoloq fl-2008 permezz tal-inkorporazzjoni tal-banek Ummah u Gumhouria. Huwa 100 % proprjetà tal-gvern u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim. | 21.3.2011 |
| 10. | Sahara Bank | Sahara bank Building<br>First of September Street<br>P.O. Box 270<br>Tarabulus<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-379-0022<br>Fax: +218 21-333-7922<br>email: info@saharabank.com.ly<br>Sit elettroniku: www.saharabank.com.ly | Is-Sahara Bank huwa bank kummerċjali fil-Libja. Huwa 81% proprjetà tal-gvern u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim. | 21.3.2011 |
| 11. | Azzawia (Azawiya) Raffinar | P.O. Box 6451<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 023 7976 26778<br>http://www.arc.com.ly | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |
| 12. | Ras Lanuf Oil and Gas Processing Company (RASCO) | Ras Lanuf Oil and Gas Processing Company Building<br>Ras Lanuf City<br>P.O. Box 2323<br>Libya<br>Tel: +218 21-360-5171<br>+218 21-360-5177<br>+218 21-360-5182<br>Fax: +218 21-360-5174<br>Email: info@raslanuf.ly<br>Sit web: www.raslanuf.ly | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |
| 13. | Brega | Uffiċċju Prinċipali: Azzawia / Coast road<br>P.O. Box Azzawia 16649<br>Tel: 2 - 625021 - 023 / 3611222<br>Fax: 3610818<br>Telex: 30460 / 30461 / 30462 | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |
| 14. | Sirte Oil Company | Sirte Oil Company Building<br>Marsa Al Brega Area<br>P.O. Box 385<br>Tarabulus<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-361-0376<br>+218 21-361-0390<br>Fax: +218 21-361-0604<br>+218 21-360-5118<br>Email: info@soc.com.ly<br>Sit web: www.soc.com.ly | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 15. | Waha Oil Company | Post tal-Uffiċċju:<br>Airport Road<br>Tripoli<br>Tarabulus<br>Libya<br>Indirizz Postali: P.O. Box 395<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-333-1116<br>Fax: +218 21-333-7169<br>Telex: 21058 | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 289/2011

## tat-23 ta' Marzu 2011

## li jikkoreġi t-test Ungeriż tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43(a), (aa), (c), (d), (f), (j), (k), u (l) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) It-test Ungeriż tar-Regolament tal-Kummissjoni (EU) Nru 1272/2009 [2] fih żewġ żbalji li għandhom jissewwew b'effett mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (EU) Nru 1272/2009.

(2) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

(Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Ungeriża.)

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 290/2011

## tat-23 ta' Marzu 2011

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | ET | 73,9 |
| | IL | 82,8 |
| | MA | 53,7 |
| | TN | 115,9 |
| | TR | 81,7 |
| | ZZ | 81,6 |
| 0707 00 05 | EG | 170,1 |
| | TR | 147,0 |
| | ZZ | 158,6 |
| 0709 90 70 | MA | 39,2 |
| | TR | 109,9 |
| | ZZ | 74,6 |
| 0805 10 20 | EG | 54,1 |
| | IL | 78,1 |
| | MA | 53,8 |
| | TN | 51,1 |
| | TR | 74,0 |
| | ZZ | 62,2 |
| 0805 50 10 | EG | 66,4 |
| | MA | 45,2 |
| | TR | 53,6 |
| | ZZ | 55,1 |
| 0808 10 80 | AR | 91,7 |
| | BR | 88,0 |
| | CA | 88,7 |
| | CL | 99,7 |
| | CN | 84,0 |
| | MK | 50,2 |
| | US | 143,1 |
| | UY | 66,1 |
| | ZA | 98,4 |
| | ZZ | 90,0 |
| 0808 20 50 | AR | 92,8 |
| | CL | 83,9 |
| | CN | 56,3 |
| | US | 79,9 |
| | ZA | 97,0 |
| | ZZ | 82,0 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/178/PESK

**tat-23 ta' Marzu 2011**

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ([1]), li timplimenta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 1970 (2011).

(2) Fis-17 ta' Marzu 2011, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta l-UNSCR 1973 (2011), li wessgħat il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi imposti mill-UNSCR 1970 (2011) u introduċiet miżuri restrittivi addizzjonali kontra l-Libja.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2011/137/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/137/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) L-Artikolu li ġej huwa miżjud:

"*Artikolu 3a*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu titjiriet minn inġenji tal-ajru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom fl-ispazju tal-ajru tal-Libja, fid-dawl tal-ħtieġa għall-għajnuna fil-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal titjiriet li l-uniku skop tagħhom huwa umanitarju, bħall-forniment jew l-iffaċilitar tal-forniment ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, ħaddiema umanitarji u assistenza relatata, jew l-evakwazzjoni ta' ċittadini barranin mil-Libja, u lanqas m'għandu japplika għal titjiriet awtorizzati mill-paragrafu 4 jew 8 tal-UNSCR 1973 (2011), u lanqas għal titjiriet oħra meqjusin mill-Istati Membri, li jaġixxu taħt l-awtorizzazzjoni mogħtija fil-paragrafu 8 tal-UNSCR 1973 (2011), bħala meħtieġa għall-benefiċċju tal-poplu Libjan.".

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 53.

2) L-Artikolu 4(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jispezzjonaw, f'konformità mal-awtoritajiet u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar u ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, bastimenti u inġenji tal-ajru li sejrin jew li ġejjin mil-Libja, fit-territorju tagħhom, inklużi l-portijiet u l-ajruporti tagħhom, u fl-ibħra internazzjonali, jekk huma jkollhom informazzjoni li tipprovdi raġunijiet ġustifikati biex wieħed jemmen li l-merkanzija ta' tali bastimenti u inġenji tal-ajru tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont din id-Deċiżjoni.".

3) L-Artikolu li ġej huwa miżjud:

"*Artikolu 4a*

1. L-Istati Membri għandhom jiċħdu l-permess lil kwalunkwe inġenju tal-ajru reġistrat fil-Libja jew li huwa l-proprjetà ta' jew operat minn ċittadini jew kumpanniji Libjani, li jitlaq minn, jinżel fi jew itir fuq it-territorju tagħhom sakemm it-titjira partikolari ma tkunx ġiet approvata bil-quddiem mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, jew fil-każ ta' nżul ta' emerġenza.

2. L-Istati Membri għandhom jiċħdu l-permess lil kwalunkwe inġenju tal-ajru li jitlaq minn, jinżel fi jew itir fuq it-territorju tagħhom, jekk ikollhom informazzjoni li tipprovdi raġunijiet ġustifikati biex wieħed jemmen li l-inġenju tal-ajru fih oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment, jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont din id-Deċiżjoni, inkluż il-provvediment ta' persunal merċenarju armat, għajr fil-każ ta' nżul ta' emerġenza.".

4) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu d-dħul fi, jew it-transitu minn, it-territorji tagħhom ta':

(a) persuni elenkati fl-Anness I tal-UNSCR 1970 (2011), u persuni addizzjonali indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 tal-UNSCR 1970 (2011) u l-paragrafu 23 tal-UNSCR 1973 (2011), kif elenkat fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(b) persuni mhux koperti mill-Anness I ta' din id-Deċiżjoni involuti jew kompliċi fl-ordni, fil-kontroll jew fid-direzzjoni b'mod ieħor, tat-twettiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż b'involviment fi jew b'kompliċità fl-ippjanar, il-kmand, l-ordni jew it-twettiq ta' attakki, bi ksur tal-liġi internazzjonali, inkluż il-bombardament mill-ajru, fuq popolazzjonijiet jew faċilitajiet ċivili, jew b'aġir għal jew f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, kif elenkat fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.".

5. L-Artikolu 6(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fondi, l-assi finanzjarji l-oħra u r-riżorsi ekonomiċi kollha, li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn:

(a) persuni u entitajiet elenkati fl-Anness II tal-UNSCR 1970 (2011), u persuni u entitajiet addizzjonali indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 tal-UNSCR 1970 (2011) u l-paragrafi 19 u 23 tal-UNSCR 1973 (2011), kif elenkat fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni;

(b) persuni u entitajiet mhux koperti mill-Anness III ta' din id-Deċiżjoni involuti fi jew kompliċi fl-ordni, fil-kontroll, jew fid-direzzjoni b'mod ieħor, tat-twettiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż b'involviment jew b'kompliċità fl-ippjanar, il-kmand, l-ordni jew it-twettiq ta' attakki, bi ksur tal-liġi internazzjonali, inkluż il-bombardamenti mill-ajru, fuq popolazzjonijiet u faċilitajiet ċivili, jew mill-awtoritajiet Libjani, jew minn persuni u entitajiet li kisru jew għenu fil-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1970 (2011) jew ta' din id-Deċiżjoni, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew minn persuni u entitajiet elenkati fl-Anness III, kif elenkat fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni,

għandhom jiġu ffriżati.".

6) Fl-Artikolu 6, huwa miżjud il-paragrafu li ġej:

"4a. Fir-rigward ta' persuni u entitajiet elenkati fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni, jistgħu jsiru wkoll eżenzjonijiet għal fondi u riżorsi ekonomiċi li huma meħtieġa għal skopijiet umanitarji, bħall-forniment jew l-iffaċilitar tal-forniment ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, il-forniment tal-elettriku, ħaddiema umanitarji u assistenza relatata, jew l-evakwazzjoni ta' ċittadini barranin mil-Libja.".

7) L-Artikolu li ġej huwa miżjud:

"*Artikolu 6a*

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li ċ-ċittadini tagħhom, il-persuni soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom u d-ditti inkorporati fit-territorji tagħhom jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom jeżerċitaw viġilanza meta jagħmlu negozju ma' entitajiet inkorporati fil-Libja jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Libja, u kwalunkwe individwu jew entità li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, u entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew huma kkontrollati minnhom, bil-għan li jiġi pprevenut negozju li jista' jikkontribwixxi għall-vjolenza u l-użu tal-forza kontra l-popolazzjoni ċivili.".

*Artikolu 2*

L-Annessi I, II, III u IV tad-Deċiżjoni 2011/137/PESK huma b'dan sostitwiti mit-test imniżżel fl-Annessi I, II, III u IV rispettivament ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

MARTONYI J.

*ANNESS I*

*"ANNESS I*

**Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 5(1)(a)**

1. **AL-BAGHDADI, Dr Abdulqader Mohammed**

   Numru tal-passaport: B010574. Data tat-twelid: 01.07.1950.

   Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Kumitati Rivoluzzjonarji. Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

2. **DIBRI, Abdulqader Yusef**

   Data tat-twelid: 1946. Post tat-twelid: Houn, il-Libja.

   Kap tas-sigurtà personali ta' Muammar QADHAFI. Responsabbiltà għas-sigurtà tar-reġim. Passat ta' ordnijiet ta' vjolenza kontra d-dissidenti.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

3. **DORDA, Abu Zayd Umar**

   Direttur, Organizzazzjoni tas-Sigurtà Esterna. Fidil għar-reġim. Kap tal-aġenzija tal-intelligence esterna.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

4. **JABIR, Ġeneral Maġġur Abu Bakr Yunis**

   Data tat-twelid: 1952. Post tat-twelid: Jalo, il-Libja.

   Ministru tad-Difiża. Responsabbiltà ġenerali għall-azzjonijiet tal-forzi armati.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

5. **MATUQ, Matuq Mohammed**

   Data tat-twelid: 1956. Post tat-twelid: Khoms.

   Segretarju għall-Utilitajiet. Membru anzjan tar-reġim. Involviment mal-Kumitati Rivoluzzjonarji. Fil-passat kien involut f'soppressjoni tad-dissens u l-vjolenza.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

6. **QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed**

   Data tat-twelid:1948. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

   Kuġin ta' Muammar QADHAFI. Fis-snin 80, Sayyid kien involut fil-kampanja tal-assassinju tad-dissidenti u allegatament responsabbli minn diversi mwiet fl-Ewropa. Huwa suspettat ukoll li kien involut fl-akkwist tal-armi.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

7. **QADHAFI, Aisha Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Bint Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

8. **QADHAFI, Hannibal Muammar**

   Numru tal-passaport: B/002210. Data tat-twelid: 20.9.1975. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

9. **QADHAFI, Khamis Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

10. **QADHAFI, Mohammed Muammar**

Data tat-twelid: 1970. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

11. **QADHAFI, Muammar Mohammed Abu Minyar**

Data tat-twelid: 1942. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

Mexxej tar-Rivoluzzjoni, Kmandant Suprem tal-Forzi Armati. Responsabbiltà li ordna r-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

12. **QADHAFI, Mutassim**

Data tat-twelid: 1976. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

13. **QADHAFI, Saadi**

Numru tal-passaport: 014797. Data tat-twelid: 25.5.1973. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Kmandant tal-Forzi Speċjali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

14. **QADHAFI, Saif al-Arab**

Data tat-twelid: 1982. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

15. **QADHAFI, Saif al-Islam**

Numru tal-passaport: B014995. Data tat-twelid: 25.6.1972. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Direttur, Fondazzjoni Qadhafi. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa li jheġġu l-vjolenza kontra d-dimostranti.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

16. **AL-SENUSSI, Kurunell Abdullah**

Data tat-twelid: 1949. Post tat-twelid: is-Sudan.

Direttur tal-Intelligence Militari. Involviment tal-Intelligence Militari fis-soppressjoni tad-dimostrazzjonijiet. Passat li jinkludi suspett ta' involviment fil-massakru tal-ħabs ta' Abu Selim. Ikkundannat *in absentia* għall-bumbardament ta' titjira tal-UTA. Ħaten Muammar QADHAFI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

17. **AL QADHAFI, Quren Salih Quren**

Ambaxxatur Libjan għaċ-Ċad. Telaq miċ-Ċad lejn Sabha. Involut direttament fir-reklutaġġ u l-kordinazzjoni ta' merċenarji għar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011

18. **AL KUNI, Kurunell Amid Husain**

Gvernatur ta' Ghat (Nofsinhar tal-Libja). Involut direttament fir-reklutaġġ ta' merċenarji.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011"

*ANNESS II*

*"ANNESS II*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitatijiet u korpi msemmija fl-Artikolu 5(1)(b)**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ABDULHAFIZ, Kurunell Mas'ud | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Armati | It-tielet fil-kmand tal-Forzi Armati. Rwol sinifikanti fl-Intelligence Militari. | 28.2.2011 |
| 2. | ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed | Pożizzjoni: Kap ta' Kontra t-Terroriżmu, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Membru prominenti tal-Kumitat Rivoluzzjonarju. Sieħeb qrib ta' Muammar GADDAFI. | 28.2.2011 |
| 3. | ABU SHAARIYA | Pożizzjoni: Viċi Kap, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Membru prominenti tar-reġim. Ħaten Muammar GADDAFI. | 28.2.2011 |
| 4. | ASHKAL, Al-Barrani | Pożizzjoni: Viċi Direttur, Intelligence Militari | Membru anzjan tar-reġim. | 28.2.2011 |
| 5. | ASHKAL, Omar | Pożizzjoni: Kap, Moviment tal-Kumitati Rivoluzzjonarji Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 6. | QADHAF AL-DAM, Ahmed Mohammed | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: L-Eġittu | Kuġin ta' Muammar GADDAFI. Huwa mifhum li ilu mill-1995 jikkmanda battaljun elitista tal-armata responsabbli għas-sigurtà personali ta' Gaddafi u li għandu rwol ewlieni fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. Huwa kien involut fl-ippjanar ta' operazzjonijiet kontra dissidenti Libjani barra mill-pajjiż u kien direttament involut f'attivitajiet terroristiċi. | 28.2.2011 |
| 7. | AL-BARASSI, Safia Farkash | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Al Bayda, il-Libja | Mart Muammar GADDAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 8. | SALEH, Bachir | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Traghen | Kap tal-Kabinett tal-Mexxej. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 9. | TOHAMI, Ġeneral, Khaled | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Genzur | Direttur tal-Uffiċċju għas-Sigurtà Interna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 10. | FARKASH, Mohammed Boucharaya | Data tat-twelid: 1 ta' Lulju 1949<br>Post tat-twelid: Al-Bayda | Direttur tal-intelligence fl-Uffiċċju għas-Sigurtà Esterna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 11. | EL-KASSIM ZOUAI, Mohamed Abou | | Segretarju Ġenerali tal-Kungress ġenerali tal-poplu; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 12. | AL-MAHMOUDI, Baghdadi | | Prim Ministru tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 13. | HIJAZI, Mohamad Mahmoud | | Ministru tas-Saħħa u l-Ambjent tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 14. | ZLITNI, Abdelhaziz | Data tat-twelid: 1935 | Ministru tal-Ippjanar u l-Finanzi tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 15. | HOUEJ, Mohamad Ali | Data tat-twelid: 1949<br>Post tat-twelid: Al-Azizia (viċin Tripli) | Ministru tal-Industrija, l-Ekonomija u l-Kummerċ tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 16. | AL-GAOUD, Abdelmajid | | Ministru tal-Agrikoltura u r-Riżorsi tal-Annimali u dawk Marittimi tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi. | 21.3.2011 |
| 17. | AL-CHARIF, Ibrahim Zarroug | | Ministru tal-Affarijiet Soċjali tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 18. | FAKHIRI, Abdelkebir Mohamad | | Ministru tal-Edukazzjoni, l-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 19. | ZIDANE, Mohamad Ali | | Ministru tat-Trasport tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 20. | KOUSSA, Moussa Mohamad | | Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 21. | MANSOUR, Abdallah | | Kollaboratur mill-qrib tal-Kurunell Gaddafi, rwol ewlieni fis-servizzi tas-sigurtà u ex-direttur tar-Radju-Televiżjoni; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011" |

*ANNESS III*

*"ANNESS III*

**Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1)(a)**

1. **QADHAFI, Aisha Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Bint Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

2. **QADHAFI, Hannibal Muammar**

   Numru tal-passaport: B/002210. Data tat-twelid: 20.9.1975. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

3. **QADHAFI, Khamis Muammar**

   Data tat-twelid: 1978. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

4. **QADHAFI, Muammar Mohammed Abu Minyar**

   Data tat-twelid: 1942. Post tat-twelid: Sirte, il-Libja.

   Mexxej tar-Rivoluzzjoni, Kmandant Suprem tal-Forzi Armati. Responsabbiltà li ordna r-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet, abbużi tad-drittijiet tal-bniedem.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

5. **QADHAFI, Mutassim**

   Data tat-twelid: 1976. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

   Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

6. **QADHAFI, Saif al-Islam**

   Direttur, Fondazzjoni Qadhafi. Numru tal-passaport: B014995. Data tat-twelid: 25.6.1972. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja. Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Dikjarazzjonijiet pubbliċi xewwiexa li jheġġu l-vjolenza kontra d-dimostranti.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 26.2.2011.

7. **DORDA, Abu Zayd Umar**

   Direttur, Organizzazzjoni tas-Sigurtà Esterna. Fidil għar-reġim. Kap tal-aġenzija tal-intelligence esterna.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

8. **JABIR, Ġeneral Maġġur Abu Bakr Yunis**

   Data tat-twelid: 1952. Post tat-twelid: Jalo, il-Libja.

   Ministru tad-Difiża. Responsabbiltà ġenerali għall-azzjonijiet tal-forzi armati.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

9. **MATUQ, Matuq Mohammed**

   Data tat-twelid: 1956. Post tat-twelid: Khoms.

   Segretarju għall-Utilitajiet. Membru anzjan tar-reġim. Involviment mal-Kumitati Rivoluzzjonarji. Fil-passat kien involut f'soppressjoni tad-dissens u l-vjolenza.

   Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

10. **QADHAFI, Mohammed Muammar**

Data tat-twelid: 1970. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

11. **QADHAFI, Saadi**

Pożizzjoni: Kmandat tal-Forzi Speċjali

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. Kmand tal-unitajiet militari involuti fir-ripressjoni tad-dimostrazzjonijiet.

Data tat-twelid: 25.5.1973. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja. Numru tal-passaport: 014797.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

12. **QADHAFI, Saif al-Arab**

Iben Muammar QADHAFI. Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim.

Data tat-twelid: 1982. Post tat-twelid: Tripli, il-Libja.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

13. **AL-SENUSSI, Kurunell Abdullah**

Data tat-twelid: 1949. Post tat-twelid: is-Sudan.

Direttur tal-Intelligence Militari. Involviment tal-Intelligence Militari fis-soppressjoni tad-dimostrazzjonijiet. Passat li jinkludi suspett ta' involviment fil-massakru tal-ħabs ta' Abu Selim. Ikkundannat *in absentia* għall-bumbardament ta' titjira tal-UTA. Ħaten Muammar QADHAFI.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 28.2.2011)

**Entitajiet**

1. **Bank Ċentrali tal-Libja**

Taħt il-kontroll ta' Muammar QADHAFI u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 10.3.2011)

2. **Awtorità tal-Investiment Libjan**

Taħt il-kontroll ta' Muammar QADHAFI u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

magħruf ukoll bħala: Libyan Arab Foreign Investment Company (LAFICO) 1 Fateh Tower Office No. 99, 22nd Floor, Borgaida Street, Tripli, 1103 il-Libja

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 10.3.2011)

3. **Bank Barrani Libjan**

Taħt il-kontroll ta' Muammar QADHAFI u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoi tal-UE: 10.3.2011)

4. **Portafoll ta' Investiment Libja Afrika**

Taħt il-kontroll ta' Muammar QADHAFI u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Jamahiriya Street, LAP Building, PO Box 91330, Tripli, il-Libja

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011 (indikazzjoni tal-UE: 10.3.2011)

5. **Korporazzjoni taż-Żejt Nazzjonali Libjana**

Taħt il-kontroll ta' Muammar QADHAFI u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu.

Bashir Saadwi Street, Tripli, Tarabulus, il-Libja

Data tal-indikazzjoni tan-NU: 17.3.2011"

*ANNESS IV*

*"ANNESS IV*

**Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1)(b)**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 1. | ABDULHAFIZ, Kurunell Mas'ud | Pożizzjoni: Kmandant tal-Forzi Armati | it-tielet fil-kmand tal-Forzi Armati. Rwol sinifikanti fl-Intelligence Militari. | 28.2.2011 |
| 2. | ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed | Pożizzjoni: Kap ta' Kontra t-Terroriżmu, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna<br>Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Tripli, il-Libja | Membru prominenti tal-Kumitat Rivoluzzjonarju. Sieħeb qrib ta' Muammar GADDAFI. | 28.2.2011 |
| 3. | ABU SHAARIYA | Pożizzjoni: Viċi Kap, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna | Membru prominenti tar-reġim. Ħaten Muammar GADDAFI. | 28.2.2011 |
| 4. | ASHKAL, Al-Barrani | Pożizzjoni: Viċi Direttur, Intelligence Militari | Membru anzjan tar-reġim. | 28.2.2011 |
| 5. | ASHKAL, Omar | Pożizzjoni: Kap, Moviment tal-Kumitati Rivoluzzjonarji<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 6. | AL-BAGHDADI, Dr Abdulqader Mohammed | Pożizzjoni: Kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Kumitati Rivoluzzjonarji B010574<br>Data tat-twelid: 01.07.1950 | Kumitati Rivoluzzjonarji involuti fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 28.2.2011 |
| 7. | DIBRI, Abdulqader Yusef | Pożizzjoni: Kap tas-sigurtà personali ta' Muammar GADDAFI.<br>Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Houn, il-Libja | Responsabbiltà għas-sigurtà tar-reġim. Storja ta' vjolenza kontra dissidenti. | 28.2.2011 |
| 8. | QADHAF AL-DAM, Ahmed Mohammed | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: L-Eġittu | Kuġin ta' Muammar GADDAFI. Huwa mifhum li ilu mill-1995 jikkmanda battaljun elitista tal-armata responsabbli għas-sigurtà personali ta' Gaddafi u li għandu rwol ewlieni fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. Huwa kien involut fl-ippjanar ta' operazzjonijiet kontra dissidenti Libjani barra mill-pajjiż u kien direttament involut f'attivitajiet terroristiċi. | 28.2.2011 |
| 9. | QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed | Data tat-twelid: 1948<br>Post tat-twelid: Sirte, il-Libja | Kuġin ta' Muammar GADDAFI. Fit-tmeninijiet, Sayyid kien involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament responsabbli għal diversi mwiet fl-Ewropa. involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament involut fil-kampanja tal-qtil ta' dissidenti u allegatament Huwa mifhum ukoll li kien involut fl-akkwist ta' armi. | 28.2.2011 |
| 10. | AL-BARASSI, Safia Farkash | Data tat-twelid: 1952<br>Post tat-twelid: Al Bayda, il-Libja | Mart Muammar GADDAFI.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 11. | SALEH, Bachir | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Traghen | Kap tal-Kabinett tal-Mexxej.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 12. | TOHAMI, Ġeneral, Khaled | Data tat-twelid: 1946<br>Post tat-twelid: Genzur | Direttur tal-Uffiċċju għas-Sigurtà Interna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 13. | FARKASH, Mohammed Boucharaya | Data tat-twelid: 1 ta' Lulju 1949<br>Post tat-twelid: Al-Bayda | Direttur tal-intelligence fl-Uffiċċju għas-Sigurtà Esterna.<br>Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim. | 28.2.2011 |
| 14. | ZARTI, Mustafa | imwieled fid-29 ta' Marzu 1970, ċittadin Awstrijakk (nru tal-passaport P1362998, validu mis-6 ta' Novembru 2006 sal-5 ta' Novembru 2016) | Assoċjazzjoni mill-qrib mar-reġim u viċi kap eżekuttiv tal-'Libyan Investment Authority', membru tal-bord tal-Korporazzjoni Nazzjonali taż-Żejt u viċi president tal-First Energy Bank f'Bahrain. | 10.3.2011 |
| 15. | EL-KASSIM ZOUAI, Mohamed Abou | | Segretarju Ġenerali tal-Kungress ġenerali tal-poplu; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 16. | AL-MAHMOUDI, Baghdadi | | Prim Ministru tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 17. | HIJAZI, Mohamad Mahmoud | | Ministru tas-Saħħa u l-Ambjent tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 18. | ZLITNI, Abdelhaziz | Data tat-twelid: 1935 | Ministru tal-Ippjanar u l-Finanzi tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 19. | HOUEJ, Mohamad Ali | Data tat-twelid: 1949<br>Post tat-twelid: Al-Azizia (viċin Tripli) | Ministru tal-Industrija, l-Ekonomija u l-Kummerċ tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 20. | AL-GAOUD, Abdelmajid | | Ministru tal-Agrikoltura u r-Riżorsi tal-Annimali u dawk Marittimi tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi. | 21.3.2011 |
| 21. | AL-CHARIF, Ibrahim Zarroug | | Ministru tal-Affarijiet Soċjali tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 22. | FAKHIRI, Abdelkebir Mohamad | | Ministru tal-Edukazzjoni, l-Edukazzjoni Għolja u r-Riċerka tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 23. | ZIDANE, Mohamad Ali | | Ministru tat-Trasport tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 24. | KOUSSA, Moussa Mohamad | | Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-gvern tal-Kurunell Gaddafi; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-inklużjoni fil-lista |
|---|---|---|---|---|
| 25. | MANSOUR, Abdallah | | Kollaboratur mill-qrib tal-Kurunell Gaddafi, rwol ewlieni fis-servizzi tas-sigurtà u ex-direttur tar-Radju-Televiżjoni; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |

**Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Libyan Housing and Infrastructure Board (HIB) | Tajora, Tripli, Libja Numru ta' leġislazzjoni: 60/2006 mil-Libyan General People's Committee<br>Telefon: +218 21 369 1840<br>Fax: +218 21 369 6447<br>http://www.hib.org.ly | Taħt il-kontroll ta' Mouammar Gaddafi u l-familja tiegħu, u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 10.3.2011 |
| 2. | Fonds de développement économique et social (FDES) | Qaser Bin Ghasher road Salaheddine Cross - BP: 93599 Libya-Tripoli<br>Telefon: +218 21 490 8893 –<br>Fax: +218 21 491 8893 –<br>Email: info@esdf.ly | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 3. | Libyan Arab African Investment Company - LAAICO | Sit: http://www.laaico.com<br>Soċjetà maħluqa fl-1981<br>76351 Janzour-Libya. 81370 Tripoli-Libya<br>Tel:<br>Fax: 00 218 (21) 4893800 - 4891867<br>Email: info@laaico.com | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 4. | Fondation Qadhafi pour les associations caritatives et le développement | Dettalji tal-amministrazzjoni: Hay Alandalus – Jian St. – Tripoli – PoBox: 1101 – LIBYE<br>Telefon: +218 214778301 –<br>Fax: (+218) 214778766;<br>Email: info@gicdf.org | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 5. | Fondation Waatassimou | Ibbażata fi Tripli | Taħt il-kontroll tar-reġim ta' Mouammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għalih. | 21.3.2011 |
| 6. | Office général de la radio et de la télévision libyenne | Dettalji:<br>tel: 00 218 21 444 59 26;<br>00 21 444 59 00;<br>fax: 00 218 21 340 21 07<br>http://www.ljbc.net;<br>Email: info@ljbc.net | Tixwix pubbliku għall-mibegħda u l-vjolenza bil-parteċipazzjoni f'kampanji ta' misinformazzjoni dwar il-vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 7. | Corps des gardes révolutionnaires | | Involuta fi vjolenza kontra d-dimostranti. | 21.3.2011 |
| 8. | National Commercial Bank | Orouba Street<br>AlBayda,<br>Libya<br>Telefon: +218 21-361-2429<br>Fax: +218 21-446-705<br>www.ncb.ly | In-National Commercial Bank huwa bank kummerċjali fil-Libja. Il-bank ġie stabbilit fl-1970 u hu bbażat f'AlBayda, il-Libja. Għandu lokazzjonijiet fi Tripli u AlBayda, u jopera wkoll fergħat fil-Libja. Huwa 100 % proprjetà tal-gvern u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim. | 21.3.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 9. | Gumhouria Bank | Gumhouria Bank Building<br>Omar Al Mukhtar Avenue<br>Giaddal Omer Al Moukhtar<br>P.O. Box 685<br>Tarabulus<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-333-4035<br>+218 21-444-2541<br>+218 21-444-2544<br>+218 21-333-4031<br>Fax: +218 21-444-2476<br>+218 21-333-2505<br>Email: info@gumhouria-bank.com.ly<br>Sit elettroniku: www.gumhouria-bank.com.ly | Il-Gumhouria Bank huwa bank kummerċjali fil-Libja. Il-bank inholoq fl-2008 permezz tal-inkorporazzjoni tal-banek Ummah u Gumhouria. Huwa 100 % proprjetà tal-gvern u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim. | 21.3.2011 |
| 10. | Sahara Bank | Sahara bank Building<br>First of September Street<br>P.O. Box 270<br>Tarabulus<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-379-0022<br>Fax: +218 21-333-7922<br>Email: info@saharabank.com.ly<br>Sit elettroniku: www.saharabank.com.ly | Is-Sahara Bank huwa bank kummerċjali fil-Libja. Huwa 81 % proprjetà tal-gvern u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim. | 21.3.2011 |
| 11. | Azzawia (Azawiya) Raffinar | P.O. Box 6451<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 023 7976 26778<br>http://www.arc.com.ly | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |
| 12. | Ras Lanuf Oil and Gas Processing Company (RASCO) | Ras Lanuf Oil and Gas Processing Company Building<br>Ras Lanuf City<br>P.O. Box 2323<br>Libya<br>Tel: +218 21-360-5171<br>+218 21-360-5177<br>+218 21-360-5182<br>Fax: +218 21-360-5174<br>Email: info@raslanuf.ly<br>Sit web: www.raslanuf.ly | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |
| 13. | Brega | Uffiċċju Prinċipali: Azzawia / Coast road<br>P.O. Box Azzawia 16649<br>Tel: 2 - 625021 - 023 / 3611222<br>Fax: 3610818<br>Telex: 30460 / 30461 / 30462 | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |
| 14. | Sirte Oil Company | Sirte Oil Company Building<br>Marsa Al Brega Area<br>P.O. Box 385<br>Tarabulus<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-361-0376<br>+218 21-361-0390<br>Fax: +218 21-361-0604<br>+218 21-360-5118<br>Email: info@soc.com.ly<br>Sit web: www.soc.com.ly | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 15. | Waha Oil Company | Post tal-Uffiċċju:<br>Airport Road<br>Tripoli<br>Tarabulus<br>Libya<br>Indirizz Postali: P.O. Box 395<br>Tripoli<br>Libya<br>Tel: +218 21-333-1116<br>Fax: +218 21-333-7169<br>Telex: 21058 | Taħt il-kontroll ta' Muammar Gaddafi u sors potenzjali ta' finanzjament għar-reġim tiegħu. | 23.3.2011" |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta' Diċembru 2010

## dwar l-Għajnuna mill-Istat C 39/96 (ex NN 127/92) mogħtija minn Franza lill-Coopérative d'exportation du livre français (CELF)

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8938)*

**(It-test bil-lingwa Franċiża biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/179/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) ([1]),

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom skont l-artikolu msemmi ([2]), u wara li kkunsidrat dawn l-osservazzjonijiet,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' sentenza tal-15 ta' April 2008 ([3]) (iktar 'il quddiem is-"sentenza tal-Qorti Ġenerali"), il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/262/KE tal-20 ta' April 2004 dwar l-għajnuna mogħtija minn Franza lill-Coopérative d'exportation du livre français (CELF) ([4]) ([5]).

(2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ġdida.

(3) L-istess sentenza hija l-eżitu ta' proċedura li l-fażijiet prinċipali tagħha qegħdin jiġu mfakkra hawn taħt:

### A. L-Ewwel fażi

(4) Permezz ta' ittra tal-20 ta' Marzu 1992, is-Société internationale de diffusion et d'édition ("SIDE") ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni rigward ċerta għajnuna għall-promozzjoni, għat-trasport u għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi lill-CELF, għajnuna li ma kinitx ġiet innotifikata minn qabel lid-dipartimenti tal-Kummissjoni.

(5) Permezz tal-ittra tat-2 ta' April 1992, il-Kummissjoni, wara li fakkret lill-awtoritajiet Franċiżi li kull proġett intiż li jistabbilixxi jew ibiddel xi għajnuna kellu jiġi nnotifikat minn qabel lid-dipartimenti tagħha, talbet lill-istess awtoritajiet biex jinformawha fuq in-natura u s-suġġett tal-miżuri ta' għajnuna msemmija mis-SIDE.

(6) L-awtoritajiet Franċiżi, permezz tal-ittra tad-29 ta' Ġunju 1992, taw konferma lill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' sussidji lill-CELF. Huma ppreċiżaw li dawn il-miżuri kienu intiżi biex isiru magħrufa l-letteratura u l-lingwa Franċiża fil-pajjiżi li ma jitkellmux bil-Franċiż u li l-CELF, barra minn hekk, ġiet fdata biex tamministra tliet skemi ta' għajnuna ta' darba intiżi ukoll biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-qarrejja li huma mbiegħda mill-kotba Franċiżi.

(7) Permezz ta' ittra tas-7 ta' Awwissu 1992, il-Kummissjoni kkonfermat lis-SIDE li kienu jeżistu ċerti għajnuniet mogħtija lill-CELF u ppreċiżat l-għan tagħhom u informatha li l-miżuri inkwistjoni ma kinux ġew innotifikati. Hija ppreċiżat, madankollu, li l-għajnuniet ikkontestati ma kinux jidhru li huma tali li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-SIDE kienet mitluba tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

(8) Permezz tal-ittra tas-7 ta' Settembru 1992, is-SIDE informat lill-Kummissjoni li hija kienet fi ħsiebha tirrapporta n-natura diskriminatorja tal-miżuri u l-effetti li kienu jirriżultaw minnhom fuq il-kummerċ intrakomunitarju, mingħajr ma kkontestat, madankollu, l-għan kulturali li kellu l-Ministeru tal-Kultura li ħadem bix-xewqa li jara l-lingwa u l-letteratura Franċiża tinxtered.

---

([1]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 86, 87 u 88 tat-Trattat KE saru rispettivament l-Artikoli 106, 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). F'dawn it-tliet każijiet, id-dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi. Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, ir-riferimenti li saru għall-Artikoli 106, 107 u 108 tat-TFUE għandhom jittieħdu, jekk ikun hemm bżonn, bħala li saru għall-Artikoli 86, 87 u 88 tat-Trattat KE rispettivament.

([2]) ĠU C 366 tal-5.12.1996, p. 7; ĠU C 142 tat-23.6.2009, p. 6.

([3]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008, *Société internationale de diffusion et d'édition (SIDE)* vs *Il-Kummissjoni* (T-348/04, Ġabra p. II-625).

([4]) ĠU L 85 tat-2.4.2005, p. 27.

([5]) Il-Coopérative d'exportation du livre français topera taħt l-isem kummerċjali "Centre d'exportation du livre français" (CELF).

(9) Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Mejju 1993 ([1]), il-Kummissjoni kkunsidrat li, fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tal-kompetizzjoni fis-settur tal-kotba u tal-għan kulturali tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni, kellha tapplika għalihom id-deroga prevista fl-ex Artikolu 92(3)(c) tat-Trattat.

(10) Is-SIDE, permezz ta' rikors tat-2 ta' Awwissu 1993, ippreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni msemmija. Permezz ta' sentenza tat-18 ta' Settembru 1995 ([2]), il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikors ta' SIDE fejn annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 1993 safejn biss din kienet tikkonċerna l-għajnuna mogħtija lill-CELF fir-rigward tal-ordnijiet żgħar.

(11) Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kellha dritt tadotta deċiżjoni favur it-tliet skemi ta' għajnuna segwenti, li huma amministrati mill-CELF għan-nom tal-Istat:

(a) l-għajnuna għall-frejt bl-ajru jew għall-posta bl-ajru,

(b) il-programm "Page à Page" ([3]) (għajnuna għat-tixrid ta' kotba bil-lingwa Franċiża fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant),

(ċ) il-"Programme Plus" (manwali universitarji bil-lingwa Franċiża intiżi għall-istudenti tal-Afrika fil-parti ta' taħt is-Saħara).

(12) Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet kisbet biżżejjed informazzjoni fuq dawn l-aħħar tliet skemi biex tiġġustifika l-konstatazzjoni li waslet għaliha fis-sens li l-impatt ta' dawn l-iskemi fuq il-kompetizzjoni kien negliġibbli. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali indikat li "F'dak li jirrigwarda l-għan kulturali tal-għajnuniet ikkontestati, huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-għan imfittex mill-Gvern Franċiż huwa li tinxtered il-lingwa u l-letteratura Franċiża". Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li kellu jiġi konkluż li l-evalwazzjoni tal-għan kulturali tal-għajnuniet ikkontestati ma kinitx tqajjem diffikultajiet partikolari għall-Kummissjoni u li ma kienx meħtieġ li tinkiseb iktar informazzjoni biex jiġi rikonoxxut li dan l-għan kellu natura kulturali.

(13) Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, għal dak li jikkonċerna l-kumpens mogħti esklużivament lill-CELF għall-ordnijiet żgħar, li l-Kummissjoni kellha tagħmel analiżi dettaljata tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-settur ikkonċernat qabel ma tiddeċiedi fuq il-kompatibbiltà tal-miżuri mas-suq intern.

(14) Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet (punt 76 tas-sentenza) li l-Kummissjoni kellha tibda l-proċedura prevista fl-ex Artikolu 93(2) KE [li llum sar l-Artikolu 108(2) TFUE] u li, għaldaqstant, kellha tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 1993, safejn din kienet tikkonċerna s-sussidju mogħti esklużivament lill-CELF biex jiġu kkumpensati l-ispejjeż relatati mal-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar ta' kotba bil-lingwa Franċiża magħmula minn libreriji stabbiliti barra mill-pajjiż.

## B. **It-tieni fażi**

(15) Skont is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 1995, il-Kummissjoni ddeċidiet permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Lulju 1996 li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali. Il-partijiet interessati, li ġew mitluba jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni, għaddewlha l-kummenti tagħhom b'mod partikolari matul ix-xhur ta' Diċembru 1996 u Jannar 1997.

(16) Fi tmiem l-istruttorja tagħha, fl-10 ta' Ġunju 1998, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 1999/133/KE ([4]). Hija kkonfermat l-għan kulturali tal-għajnuniet dwar l-ordnijiet żgħar u kkonstatat li, skont l-ex Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat, l-imsemmija għajnuniet ma kinux ta' natura li jolqtu l-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni fis-suq tal-esportazzjoni tal-kotba bil-lingwa Franċiża.

(17) Permezz tas-sentenza tat-28 ta' Frar 2002 ([5]), il-Qorti Ġenerali annullat l-aħħar sentenza tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni msemmija. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kellha tagħmel il-verifiki meħtieġa biex tikseb l-informazzjoni rilevanti bil-għan li tiddistingwi bejn is-suq tal-aġenziji u dak tal-esportazzjoni tal-ktieb bil-lingwa Franċiża inġenerali.

(18) Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li peress li l-Kummissjoni naqset milli tagħmel dik il-verifika, hija wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset is-suq tal-esportazzjoni tal-ktieb bil-lingwa Franċiża inġenerali bħala li huwa s-suq rilevanti, filwaqt li kien ġie ppruvat li l-għajnuna kkontestata kienet intiża biss għall-aġenti fuq l-esportazzjoni.

([1]) Deċiżjoni NN 127/92 "Għajnuniet lill-esportaturi ta' kotba Franċiżi" (ĠU C 174 tal-25.6.1993, p. 6).

([2]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 1995, *Société internationale de diffusion et d'édition (SIDE) vs Il-Kummissjoni* (T-49/93, Ġabra p. II–2501).

([3]) Li sussegwentement sar il-programm "A l'Est de l'Europe".

([4]) ĠU L 44, 18.2.1999, p. 37.

([5]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2002, *Société internationale de diffusion et d'édition (SIDE) vs Il-Kummissjoni* (T-155/98, Ġabra p. II–1179).

(19) Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2000 ([1]), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet, mingħajr ma daħlet fil-mertu tal-kawża, ir-rikors tal-awtoritajiet Franċiżi kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 1998 u kkonfermat li, anki fil-każ fejn l-għajnuna tkun tista' titqies bħala li hija kompatibbli mas-suq komuni, dan il-fatt ma jaffettwax l-obbligu tan-notifika u li l-obbligu tan-notifika minn qabel kien jimplika l-obbligu tas-sospensjoni tal-għajnuna.

### C. **It-tielet fażi**

(20) Wara l-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-10 ta' Ġunju 1998, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Franċiżi u lis-SIDE, permezz tal-ittri tal-14 ta' Ġunju 2002, biex jibgħatulha l-osservazzjonijiet tagħhom fuq il-motivi tal-annullament tad-deċiżjoni u b'mod partikolari fuq l-elementi li jirrigwardaw is-suq inkwistjoni.

(21) L-awtoritajiet Franċiżi kienu mitluba jikkummentaw b'mod iktar partikolari fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-provvisti tal-CELF meta mqabbla ma' dawk tal-atturi l-oħra fis-suq, fosthom is-SIDE. Is-SIDE kienet mitluba tikkummenta b'mod iktar speċifiku fuq il-kunċett tal-ordnijiet żgħar u biex tindika x'kienet il-karatteristika partikolari tal-provvista tagħha meta mqabbla ma' dik tal-CELF u tal-atturi l-oħra fis-suq.

(22) Is-SIDE bagħtet it-tweġiba tagħha lill-Kummissjoni permezz ta' ittra tat-12 ta' Awwissu 2002. L-awtoritajiet Franċiżi bagħtu t-tweġiba tagħhom permezz tal-ittra tas-17 ta' Settembru 2002.

(23) Wara li saqsiet lis-SIDE, permezz tal-ittra tad-19 ta' Settembru 2002, biex tindikalha jekk it-tweġiba tagħha kienx fiha informazzjoni kunfidenzjali, u ħadet tweġiba fin-negattiv fit-30 ta' Settembru 2002, il-Kummissjoni, permezz tal-ittra tas-17 ta' Ottubru 2002, bagħtet lill-awtoritajiet Franċiżi t-tweġiba tas-SIDE flimkien mal-annessi tagħha biex huma jagħmlu l-kummenti tagħhom. F'din l-okkażjoni, hija għamlitilhom ukoll numru ta' mistoqsijiet addizzjonali ġodda.

(24) Permezz tal-ittra tat-30 ta' Ottubru 2002, il-Kummissjoni għamlet ukoll numru ta' mistoqsijiet addizzjonali lis-SIDE li għalihom din wieġbet permezz tal-ittri tal-31 ta' Ottubru 2002 u tad-9 ta' Diċembru 2002. Is-SIDE għarrfet lill-Kummissjoni, permezz tal-ittra tat-23 ta' Diċembru 2002, wara t-talba tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2002, li t-tweġibiet tagħha ma kien fihom ebda informazzjoni kunfidenzjali u li l-istess tweġibiet setgħu jintbagħtu lill-awtoritajiet Franċiżi biex huma jagħmlu l-kummenti tagħhom.

(25) Peress li l-awtoritajiet Franċiżi ma wieġbux fit-termini stabbiliti, il-Kummissjoni kienet kostretta tibagħtilhom avviż ta' tifkira permezz tal-ittra tas-27 ta' Novembru 2002. Permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2002, l-awtoritajiet Franċiżi talbu lill-Kummissjoni sabiex tagħtihom estensjoni oħra tat-terminu.

(26) Fid-9 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni bagħtet lill-awtoritajiet Franċiżi għall-kummenti tagħhom, it-tweġiba tas-SIDE tat-23 ta' Diċembru 2002. Permezz tal-ittra tas-17 ta' Jannar 2003, l-awtoritajiet Franċiżi wieġbu għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2002.

(27) Permezz tal-ittra tal-4 ta' Frar 2003, l-awtoritajiet Franċiżi talbu estensjoni oħra tat-terminu tal-Kummissjoni f'dak li jikkonċerna t-talba għall-kummenti għat-tieni tweġiba tas-SIDE tat-23 ta' Diċembru 2002. Permezz tal-ittra tal-11 ta' Frar 2003, il-Kummissjoni laqgħet parzjalment it-talbiet għall-estensjonijiet. Permezz tal-ittra tal-11 ta' Marzu 2003, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu t-tweġiba tagħhom lill-Kummissjoni.

(28) Barra minn hekk, is-SIDE, fuq talba tagħha stess, ġiet milqugħa mid-dipartimenti tal-Kummissjoni u setgħet tesponi l-idea tagħha dwar il-kwistjoni sa mill-bidu tagħha, u dan waqt laqgħa li nżammet fl-4 ta' Marzu 2003.

(29) Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni 2005/262/KE fejn iddeċidiet li l-għajnuna kkontestata kienet kompatibbli u dan abbażi tal-ex Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat, wara li kkonstatat b'mod partikolari li l-għajnuniet ma kinux tali li jikkumpensaw għall-ispejjeż involuti minħabba l-ipproċessar ta' ordnijiet żgħar.

### D. **Ir-raba' fażi**

(30) Permezz tas-sentenza tagħha tal-15 ta' April 2008, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2004.

(31) Hija ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet wettqet, f'dak li jikkonċerna l-parti tal-għajnuna mogħtija lill-CELF qabel l-1 ta' Novembru 1993 li hija d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, żball ta' dritt meta kkunsidrat li l-għajnuna kkontestata kienet kompatibbli mas-suq komuni skont l-ex Artikolu 87(3)(d), u dan peress li kellhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet sostantivi li kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Novembru 1993. Il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-fatt li t-Trattat UE ma kienx fih dispożizzjonijiet tranżitorji li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-ex Artikolu 87(3)(d) u li l-prinċipju taċ-ċertezza legali jipprekludi, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, li att Komunitarju jibda japplika b'effett minn data preċedenti għal dik tal-pubblikazzjoni tiegħu.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, *Franza* vs *Il-Kummissjoni, Għajnuna għall-Coopérative d'exportation du livre français,* (C-332/98, Ġabra p. I–4833).

(32) Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta eżaminat il-kompatibbiltà tal-għajnuna kkontestata u dan billi hija stmat iktar milli misthoqq l-ispejjeż marbuta mal-ipproċessar tal-ordnijet żgħar li kienu effettivament sostnuti mill-CELF. Fil-fatt, fid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' April 2004, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ispejjeż effettivi tal-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar, iżda għamlet stima ta' dawn l-ispejjeż abbażi tal-ispejjeż totali sostnuti mill-CELF (allokat parti mill-ispejjeż totali, għall-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar, u dan skont metodu ta' tqassim differenti għal kull kategorija ta' spejjeż). Għal ċerti kategoriji ta' spejjeż ġew applikati fatturi multiplikaturi u dan minħabba l-attivitajiet l-oħra tal-CELF. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dawn id-diffikultajiet setgħu jiġu solvuti permezz tat-teletrażmissjoni li kienet tikkonċerna żewġ terzi mill-ordnijiet żgħar. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet wettqet żball ta' evalwazzjoni meta applikat koeffiċjenti multiplikaturi għal ċerti spejjeż (u, fi kwalunkwe każ, għall-ordnijiet teletrażmessi) u kkonkludiet li fin-nuqqas tal-imsemmija koeffiċjenti, l-ispejjeż marbuta mal-ipproċessar tal-ordnijet żgħar kellhom jiġu mnaqqsa u r-riżultat tal-operat tal-attività marbuta mal-ordnijiet żgħar kellu jkun pożittiv (FRF 600 000, jiġifieri EUR 91 469). Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni għaldaqstant ma urietx li l-għajnuna ma kinitx ta' natura tali li tikkumpensa żżejjed.

### E. **Il-ħames fażi**

(33) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008, il-proċedura ta' eżami mibdija permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Lulju 1996 tibqa' għaldaqstant miftuħa u l-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ġdida.

(34) Fid-dawl tal-motivi tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008 u fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura kienet iġġorr id-data tat-30 ta' Lulju 1996, il-Kummissjoni xtaqet titlob mill-ġdid lill-awtoritajiet Franċiżi u lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

(35) Għaldaqstant, fit-8 ta' April 2009, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni biex testendi l-proċedura ([1]) [deċiżjoni C(2009)2481, id-"deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura"]. Din id-deċiżjoni għall-estensjoni, filwaqt li pprovdiet terminu ġdid għall-preżentazzjoni tal-osservazzjonijiet, ikkompletat id-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura tat-30 ta' Lulju 1996. Fiha hemm indikat li ż-żewġ deċiżjonijiet għandhom jitqiesu bħala indiviżibbli u jagħtu lok għal proċedura ta' investigazzjoni formali waħda u li, peress li d-deskrizzjoni tal-fatti u tad-dritt jew tal-evalwazzjoni preliminari tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura jitbiegħdu mid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċedura tat-30 ta' Lulju 1996, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biss id-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura.

(36) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq il-miżura inkwistjoni.

(37) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet mingħand l-awtoritajiet Franċiżi fid-9 ta' Ġunju 2009, kif ukoll osservazzjonijiet mingħand is-SIDE fit-23 ta' Lulju 2009. Hija bagħtet l-osservazzjonijiet tas-SIDE lill-awtoritajiet Franċiżi fl-24 ta' Awwissu 2009 fejn tagħthom il-possibbiltà li jikkummentaw fuqhom, u rċeviet il-kummenti tagħhom fl-24 ta' Settembru 2009.

(38) Madankollu, l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdewx id-dettalji li kienu ntalbu mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, u llimitaw ruħhom biss biex jirreferu, f'dak li jikkonċerna l-proporzjonalità tal-għajnuna, għall-informazzjoni li kienet diġà ġiet ipprovduta fis-17 ta' Settembru 2002, fis-17 ta' Jannar 2003 u fil-11 ta' Marzu 2003, li l-Kummissjoni ma setgħatx tuża bħala tali u dan minħabba s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008.

(39) Permezz tal-ittra tat-8 ta' Ottubru 2009, id-dipartimenti tal-Kummissjoni fakkru għaldaqstant lill-awtoritajiet Franċiżi bit-talba tagħhom biex tintbagħat l-informazzjoni fuq il-punti preċiżi msemmija, filwaqt li indikaw li jekk din l-informazzjoni ma taslilhomx fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol, il-Kummissjoni jkollha tieħu deċiżjoni finali abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Proċedura, wara li tkun bagħtet l-inġunzjoni għall-informazzjoni skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([2]).

(40) Permezz ta' ittra tal-21 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi informaw lill-Kummissjoni li l-CELF ġiet ordnata li tiġi likwidata ġudizzjarjament permezz ta' deċiżjoni tat-Tribunal de commerce de Paris (Qorti tal-Kummerċ ta' Pariġi) tad-9 ta' Settembru 2009 u kienet waqfet taħdem. Barra minn hekk, għal dak li jikkonċerna l-informazzjoni mitluba fl-ittra tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li ma għandhomx informazzjoni oħra x'jipprovdu u rreferu ruħhom għall-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati fid-9 ta' Ġunju 2009.

(41) Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Novembru 2009 [deċiżjoni C(2009)9256, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' inġunzjoni"], il-Kummissjoni ddeċidiet għaldaqstant li tordna lil Franza tippreżenta l-informazzjoni mitluba peress li minkejja t-talbiet ripetuti tagħha, din l-informazzjoni ma kinitx ġiet ipprovduta.

([1]) ĠU C 142, 23.6.2009, p. 6.

([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 1, p. 339 sa 347.

(42) Permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li huma ma kellhomx informazzjoni ohra x'jipprovdu lill-Kummissjoni u li huma kienu qegħdin jirreferu ruħhom għall-osservazzjonijiet mibgħuta fid-9 ta' Ġunju 2009.

(43) Għandu jiġi nnutat li fit-2 ta' Diċembru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu ukoll ittra dwar l-iskema ta' għajnuna msemmija "Programme de Livres Universitaires et Scientifiques" magħrufa bħala l-"Programme Plus". Din l-iskema ta' għajnuna mhijiex is-suġġett ta' din id-deċiżjoni.

(44) Permezz ta' ittra tat-22 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni talbet xi informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Franċiżi fuq is-sitwazzjoni tal-CELF u l-proċedura tal-likwidazzjoni li kienet tolqot lill-CELF. L-awtoritajiet Franċiżi wieġbu fis-27 ta' Jannar 2010. Fid-9 ta' Marzu 2010 u fis-26 ta' Novembru 2010 saru wkoll xi preċiżazzjonijiet.

F. **Proċedura quddiem il-qrati nazzjonali u d-domandi preliminari**

(45) Għandu jiġi nnutat ukoll li hemm proċeduri pendenti fi Franza quddiem il-qrati nazzjonali u li dawn wasslu għal rinviji għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE (ex Artikolu 234 KE). Il-fażijiet prinċipali ta' dawn il-proċeduri ser jiġu indikati fil-qosor hawn taħt.

(46) Is-SIDE pproċediet quddiem il-qrati Franċiżi bis-saħħa tal-effett dirett tal-ex Artikolu 88(3) KE. Permezz tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, li kkonfermat sentenza tat-Tribunal administratif de Paris (il-Qorti Amministrattiva ta' Pariġi) tas-26 ta' April 2001, il-Cour administrative d'appel de Paris (il-Qorti ta' Appell Amministrattiv ta' Pariġi) ordnat lill-Istat Franċiż sabiex jirkupra l-għajnuna mogħtija lill-CELF.

(47) Il-Conseil d'Etat (il-Kunsill tal-Istat), fil-kompetenza ta' kassazzjoni tiegħu, ikkonferma, permezz ta' sentenza tad-29 ta' Marzu 2006, ċerti aspetti mid-deċiżjoni tal-Cour administrative d'appel, b'mod partikolari l-fatt li l-għajnuna inkwistjoni ma kinitx ta' natura sempliċiment li tikkumpensa għall-obbligi ta' servizz pubbliku [1], ma setgħatx tiġi kklassifikata mill-qorti nazzjonali bħala għajnuna eżistenti, u li l-CELF ma setgħatx tinvoka l-aspettattivi leġittimi.

(48) Madankollu, fis-sentenza tiegħu tad-29 ta' Marzu 2006, il-Conseil d'Etat iddeċieda wkoll li jissospendi d-deċiżjoni fuq l-appelli sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tat deċiżjoni fuq id-domandi preliminari li huwa għamlilha f'dak li jikkonċerna l-obbligi tal-qorti nazzjonali fir-rigward ta' għajuna mill-Istat li ma tkunx ġiet notifikata iżda li sussegwentement tiġi ddikjarata li hija kompatibbli mas-suq komuni permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(49) Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Frar 2008 [2], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet:

"L-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE għandha tiġi interpretata fis-sens li l-qorti nazzjonali m'għandhiex l-obbligu li tordna l-irkupru ta' għajnuna implementata bi ksur ta' din id-dispożizzjoni, meta l-Kummissjoni adottat deċiżjoni finali li tikkonstata l-kompatibbiltà tal-imsemmija għajnuna mas-suq komuni fis-sens tal-Artiklu 87 KE. B'applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, hija għandha l-obbligu li tordna lill-benefiċjarju tal-għajnuna sabiex iħallas l-interessi għall-perijodu ta' illegalità. Fil-kuntest tad-dritt nazzjonali hija tista', jekk ikun il-każ, tordna, barra minn hekk, l-irkupru tal-għajnuna illegali, bla ħsara għad-dritt tal-Istat Membru li jerġa' jimplementa l-għajnuna, sussegwentement. Hija tista' wkoll tiġi mwassla sabiex tilqa' talbiet għal kumpens minħabba n-natura illegali tal-għajnuna.

F'sitwazzjoni proċedurali bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, l-obbligu li jirriżulta mill-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE, ta' rimedju għall-effetti ta' illegalità ta' għajnuna jestendi wkoll, għall-finijiet tal-kalkolu tas-somom li għandhom jithallsu mill-benefiċjarju, u bl-eċċezzjoni ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, għall-perijodu ta' żmien li jgħaddi bejn deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li tikkonstata l-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq komuni u l-annullament tal-imsemmija deċiżjoni mill-qorti Komunitarja".

(50) Wara li ħa inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Frar 2008 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008 iċċitata iktar 'il fuq, il-Conseil d'Etat, fis-sentenza tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2008, annulla l-Artikoli 2, 3 u 4 tas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tal-5 ta' Ottubru 2004 tal-Cour administrative d'appel de Paris u ddeċieda skont kif ġej.

(51) Qabel xejn, huwa ordna lill-Ministru tal-Kultura u tal-Komunikazzjoni sabiex jirkurpra l-imgħaxijiet li jolqtu l-għajnuna mogħtija mill-Istat lill-CELF mill-1980 u dan sad-data tas-sentenza tal-Conseil d'Etat, kif ukoll ikkalkolati skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 [3]. Huwa ordna lill-Ministru ukoll sabiex jieħu ħsieb jirkupra ukoll l-imgħaxijiet li jsiru dovuti bejn id-data tas-sentenza tal-Conseil d'Etat u d-data meta, jew tiġi kkonstatata b'mod definittiv il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni, jew meta tithallas lura l-għajnuna b'mod definittiv.

(1) Skont il-Conseil d'Etat, il-Cour administrative d'appel (il-Qorti ta' Appell Amministrattiv ta' Pariġi) setgħet legalment tibbaża fuq il-fatt li ma kienx ippruvat li l-ammont tal-għajnuniet ma kienx jeċċedi l-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuq il-CELF, u fuq il-fatt li ma ngħatatx definizzjoni minn qabel u trasparenti tal-bażijiet ta' kumpens.

(2) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Frar 2008, *Centre d'exportation du livre français (CELF), Ministre de la Culture et de la Communication vs Société internationale de diffusion et d'édition (SIDE)* (C-199/06, Ġabra I-00469).

(3) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

(52) Barra minn hekk, il-Conseil d'Etat iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tkun iddeċidiet fuq id-domandi preliminari segwenti:

"1) Tista l-qorti nazzjonali tissospendi l-proċeduri dwar il-kwistjoni tal-obbligu ta' rifużjoni ta' għajnuna mill-Istat sakemm il-Kummissjoni […] tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni finali fuq il-kompatibbiltà tal-għajnuna mar-regoli tas-suq komuni, meta l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet iddikjarat din l-għajnuna kompatibbli ġiet annullata mill-qorti Komunitarja?

2) Meta l-Kummissjoni ddikjarat għal tliet darbiet li l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq komuni qabel ma dawn id-deċiżjonijiet ġew annullati mill-Qorti tal-Prim'Istanza […], sitwazzjoni bħal din tista' tikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali li tista' twassal lill-qorti nazzjonali sabiex tillimita l-obbligu ta' rkupru tal-għajnuna?"

(53) Fil-11 ta' Marzu 2010 ([1]), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq l-imsemmija domandi preliminari u ddikjarat li:

"1. Qorti nazzjonali, adita abbażi tal-Artikolu 88(3) KE b'talba intiża għar-rifużjoni ta' għajnuna mill-Istat illegali, ma tistax tissospendi l-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba sa meta l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni wara l-annullament ta' deċiżjoni pożittiva preċedenti.

2. L-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ta' tliet deċiżjonijiet suċċessivi li jiddikjaraw għajnuna kompatibbli mas-suq komuni, deċiżjonijiet li sussegwentement ġew annullati mill-qorti Komunitarja, ma tistax, fiha nfisha, tikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali ta' natura li tiġġustifika limitazzjoni tal-obbligu tal-benefiċjarju li jħallas lura din l-għajnuna meta din l-għajnuna tkun ġiet implementata bi ksur tal-Artikolu 88(3) KE".

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA INKWISTJONI

(54) L-awtoritajiet Franċiżi għarrfu lill-Kummissjoni li l-Ministeru tal-Kultura ddeċieda fl-1980, skont it-tendenzi tal-politika ġenerali tal-Gvern Franċiż dwar il-promozzjoni tal-kotba u tal-letteratura bil-lingwa Franċiża, li jagħti xi għajnuniet lill-aġenti fuq l-esportazzjoni li jaċċettaw kull tip ta' ordni, indipendentement mill-ammont jew il-vijabbiltà tagħhom. Dawn il-miżuri kienu ġew implementati bil-għan li jtaffu n-nuqqas tas-suq u biex jippromwovu l-permanenza ta' attività marbuta mal-ordnijiet żgħar li mhumiex vijabbli fi ħdan is-suq tal-aġenziji fuq l-esportazzjoni.

(55) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-libreriji żgħar, stabbiliti f'żoni li essenzjalment ma jitkellmux il-Franċiż, li spiss ikunu diffiċli jintlaħqu u/jew ikunu 'il bogħod, kienu jiltaqgħu ma' diffikultajiet serji biex jirċievu l-provvisti, u dan peress li t-talbiet tagħhom ma jistgħux ikunu sodisfatti permezz tal-linji ta' distribuzzjoni tradizzjonali, meta l-kwantitajiet ta' kotba ordnati jkunu insuffiċjenti jew meta l-prezz tal-kotba ordnati ma jkunx għoli biżżejjed biex il-provvista tkun vijabbli.

(56) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-għajnuniet inkwistjoni kellhom, għaldaqstant, l-għan li jippermettu lill-aġenti fuq l-esportazzjoni li jservu l-ordnijiet kollha li joriġinaw mil-libreriji stabbiliti barra mill-pajjiż f'żoni li essenzjalment ma jitkellmux il-Franċiż, ikun x'ikun l-ammont, il-vijabbiltà u d-destinazzjoni tagħhom. L-għan kien li fil-kuntest tal-politika Franċiża ta' sostenn għad-diversità kulturali, tkun tista' tiġi żgurata distribuzzjoni tajba tal-kotba bil-lingwa Franċiża, u li jiġi hekk iffavorit it-tixrid tal-letteratura bil-lingwa Franċiża fid-dinja kollha.

(57) Il-mekkaniżmu ta' għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi, imsemmi "Programme petites commandes" ("Programm ordnijiet żgħar"), kien jikkonsisti f'sussidju li huwa intiż li jikkumpensal-ispejjeż relatati mal-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar, li kienu ġew definiti mill-awtoritajiet Franċiżi bħala li huma dawk ta' ammont inqas minn, jew daqs il-FRF 500, jiġifieri madwar EUR 76.

(58) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-impriża benefiċjarja tas-sussidji kellha tintrabat li tibgħat lid-Dipartiment tal-kotba u tal-qari tal-Ministeru tal-Kultura, l-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-attività ġenerali tal-impriża (id-dħul mill-bejgħ globali, il-kontijiet finanzjarji, l-estimi, il-kopji tar-riżoluzzjonijiet li japprovaw din l-informazzjoni, u jekk ikun il-każ, ir-rapport tal-awditur u l-iskeda rekapitulatttiva tal-pagi), kif ukoll id-dokumenti kollha dwar l-attività li tkun ser tiġi ssussidjata, b'mod partikolari r-rendikont dwar l-użu tas-sussidji, li jiġġustifika l-eżekuzzjoni tas-servizzi li jwasslu għas-sussidju mogħti fis-sena preċedenti.

(59) Fil-prattika, impriża waħda biss, il-CELF, ibbenefikat mill-Programm "petites commandes". Skont l-awtoritajiet Franċiżi, l-impriża kellha tiġġustifika kull sena l-ispejjeż relatati mas-servizz dwar l-ordnijiet żgħar insostenn tat-talba tagħha għas-sussidju tas-sena sussegwenti. B'mod konkret, kwart mis-sussidju mogħti matul is-sena preċedenti kien tħallas fil-bidu tas-sena, bil-bilanċ jingħata fil-ħarifa sussegwenti, wara li l-awtoritajiet pubbliċi eżaminaw l-estimi tal-impriża benefiċjarja u ċ-ċaqliq reġistrat matul l-ewwel parti tas-sena. Kien maqbul li jekk l-ammont tal-għajnuna ma jintużax kollu kemm hu, il-bilanċ li jifdal jiġi mnaqqas mis-sussidji previsti għas-sena sussegwenti. Barra minn hekk, il-Ministeru tal-Kultura attenda bħala osservatur mistieden għal-laqgħat tal-bord tad-diretturi u għal-laqgħat ġenerali tal-CELF.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Marzu 2010, *CELF u Ministre de la Culture vs SIDE* (C-1/09).

(60) Għandu jiġi ppreċiżat li wara li b'effett mill-1997 l-għajnuna inkwistjoni baqgħet titnaqqas b'mod kostanti, din l-istess għajnuna twaqqfet fl-2002. Għaldaqstant, kull sena mill-1980 sal-aħħar tas-sena 2001, il-CELF irċeviet għajnuna li skont l-awtoritajiet Franċiżi kienet intiża li tnaqqas l-ispiża tal-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar li joriġinaw minn barra mill-pajjiż u li jirrigwardaw il-kotba mitkuba bil-lingwa Franċiża. Bħala total, mill-1980 sa tmiem l-2001, il-CELF irċeviet madwar EUR 4.8 miljun bħala għajnuna.

*Tabella*

**Ammonti tal-għajnuniet mogħtija lill-CELF mill-1980 minħabba l-ipproċessar ta' "ordnijiet żgħar"**

Informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi

(iċ-ċifri ġew imqarrba f'EUR)

| Sena | Ammont tal-għajnuna | Sena | Ammont tal-għajnuna |
|---|---|---|---|
| 1980 | 91 469,41 | 1992 | 422 283,78 |
| 1981 | 91 469,41 | 1993 | 382 647,03 |
| 1982 | 205 806,17 | 1994 | 304 898,03 |
| 1983 | 164 644,94 | 1995 | 304 898,03 |
| 1984 | 137 204,12 | 1996 | 304 898,03 |
| 1985 | 141 777,59 | 1997 | 243 918,43 |
| 1986 | 248 491,90 | 1998 | 182 938,82 |
| 1987 | 214 953,11 | 1999 | 121 959,21 |
| 1988 | 213 428,62 | 2000 | 60 979,61 |
| 1989 | 259 163,33 | 2001 | 38 112,25 |
| 1990 | 304 898,03 | 2002 | 0 |
| 1991 | 373 500,09 | | |

## 3. KUMMENTI TA' FRANZA U OSSERVAZZJONIJIET TAS-SIDE WARA L-ESTENSJONI TAL-PROĊEDURA

(61) Fir-risposta tagħhom tad-9 ta' Ġunju 2009 għad-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura, l-awtoritajiet Franċiżi għamlu, b'mod partikolari, l-osservazzjonijiet li ġejjin.

(62) Huma indikaw qabel xejn li kienu jaqblu mal-analiżi tal-Kummissjoni fejn qalet li l-għajnuna mogħtija lill-CELF kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li d-derogi previsti fl-Artikolu 107(2) u (3)(a) u (b) TFUE ma kinux japplikaw.

(63) Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-għajnuniet fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) u (d) TFUE, l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdewx informazzjoni ġdida f'dak li jikkonċerna l-proporzjonalità tal-għajnuniet.

(64) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw, barra minn hekk, li huma kien jidhrilhom li l-missjoni mogħtija lill-CELF kienet tikkostitwixxi servizz ta' importanza ġenerali fis-sens tal-Artikolu 106(2) TFUE.

(65) Fl-aħħar nett u fuq kollox, l-awtoritajiet Franċiżi invokaw l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li għandhom iwasslu lill-Kummissjoni biex ma tirkuprax l-għajnuna.

(66) Kif diġà ntqal qabel, l-awtoritajiet Franċiżi għaldaqstant ma pprovdewx l-informazzjoni dettaljata li ntalbet mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, u llimitaw ruħhom biss biex jirreferu, f'dak li jikkonċerna l-proporzjonalità tal-għajnuna, għall-informazzjoni pprovduta fl-2002 u fl-2003 li l-Kummissjoni ma setgħatx tuża bħala tali minħabba s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008. Wara ittra ta' tifkira tat-8 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet għalhekk, fl-20 ta' Novembru 2009, li tordna lill-awtoritajiet Franċiżi sabiex jippreżentaw l-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi wieġbu li huma ma kellhomx informazzjoni oħra x'jagħtu lill-Kummissjoni.

(67) Fl-osservazzjonijiet tagħha tat-23 ta' Lulju 2009, is-SIDE għamlet, b'mod partikolari, l-osservazzjonijiet li ġejjin.

(68) Is-SIDE fakkret li l-CELF biss ibbenefikat mill-għajnuna minkejja li fil-fehma tagħha, l-attività tal-ĊELF mhijiex speċifika biss għal-CELF peress li l-fatt li jiġu onorati l-ordnijiet ta' kull daqs, anki jekk minimi, li jidħlu mil-librerji ġeografikament imbiegħda, biex imbagħad jingħaqdu flimkien ħalli lill-edituri jingħatawlhom ordnijiet ikbar, huwa preċiżament, fil-fehma tas-SIDE, id-definizzjoni stess tal-attività ta' aġenzija fuq l-esportazzjoni. Is-SIDE indikat ukoll li mhuwiex minħabba xi allegat nuqqas ta' trasparenza li hija ġiet miċħuda l-għajnuna imma minħabba li hija impriża privata u mhux kooperattiva ta' edituri.

(69) Barra minn hekk, is-SIDE kkontestat fid-dettall il-fatt li l-għajnuniet kienu meħtieġa. F'dan il-kuntest, hija sostniet b'mod partikolari li l-kunċett ta' "ordnijiet żgħar" kien arbitrarju u ċaħdet iċ-ċifri ppreżentati mill-awtoritajiet Franċiżi.

(70) Barra minn hekk, is-SIDE sostniet li l-għajnuna ma setgħatx tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE u kienet ibbażata, b'mod partikolari, fuq is-sentenzi tal-qrati nazzjonali dwar l-attività tal-CELF.

(71) Fl-aħħar nett, is-SIDE indikat li hija deherilha li, f'dan il-każ, ma kien hemm ebda ċirkustanza eċċezzjonali li tippermetti li jiġi limitat l-obbligu tal-irkupru.

## 4. EVALWAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

(72) Għandu jiġi stabbilit jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat u jekk din tistax, jekk ikun il-każ, titqies bħala li hija kompatibbli mas-suq intern. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008.

A. **Evalwazzjoni tal-miżura fid-dawl tal-Artikolu 107(1) TFUE**

(73) L-Artikolu 107(2) TFUE jipprovdi li "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(74) Preliminarjament, kif diġà ntqal fid-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni tfakkar li l-konklużjoni tal-Kummissjoni fejn ikkonkludiet li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tat-Trattat qatt ma ġiet ikkontestata la fid-diversi fażijiet tal-proċedura quddiem il-Kummissjoni, la quddiem il-qrati tal-Unjoni Ewropea ([1]), u lanqas quddiem il-qrati nazzjonali ([2]). Għaldaqstant, fir-risposta tagħhom tad-9 ta' Ġunju 2009 għad-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li huma kienu jaqblu mal-analiżi tal-Kummissjoni fejn din ikkonkludiet li l-għajnuna mogħtija lill-CELF kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

(75) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE [ex Artikolu 87(1) KE] għar-raġunijiet segwenti.

(76) Qabel xejn, il-miżura tagħti vantaġġ lill-CELF peress li tippermettilha tnaqqas l-ispejjeż tal-ordnijiet żgħar tagħha. Il-miżura hija selettiva peress li, fil-prattika, CELF biss ibbenefikat minnha.

(77) Barra minn hekk, il-miżura hija ffinanzjata permezz tar-riżorsi finanzjarji tal-Istat Franċiż, jiġifieri permezz ta' riżorsi tal-Istat. L-implementazzjoni tagħha ġiet deċiża mill-Ministeru tal-Kultura u għaldaqstant, il-miżura hija imputabbli lill-awtoritajiet Franċiżi.

(78) Iktar minn hekk, il-miżura hija suxxettibbli li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-għajnuna hija fil-fatt attribwita lil aġenti Franċiżi (prattikament, lill-CELF) li jesportaw kotba bil-lingwa Franċiża prinċipalment lejn pajjiżi li ma jitkellmux bil-Franċiż. Għaldaqstant, l-imsemmija aġenti Franċiżi jikkompetu, tal-inqas potenzjalment, ma' aġenti fuq l-esportazzjoni oħra ta' kotba bil-lingwa Franċiża li jkunu stabbiliti f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea li jitkellmu bil-Franċiż (il-Belġju u l-Lussemburgu). Il-fatt li l-impatt fuq il-kummerċ u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni maħluqa bill-miżura jidhru li huma żgħar ma jbiddel xejn minn din il-konklużjoni. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni mhijiex obbligata ġġib prova tal-impatt reali tal-għajnuna fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u tad-distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni; huwa biżżejjed li l-għajnuna tkun suxxettibbli li taffettwa l-kummerċ u suxxettibbli li twassal għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(79) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet li fihom tapplika l-ġurisprudenza *Altmark* ma humiex sodisfatti. Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Lulju 2003 ([3]), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat taħt liema kundizzjonijiet is-sussidju lil impriża responsabbli mill-amministrazzjoni ta' servizz ta' importanza ekonomika ġenerali ma jkunx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat: "l-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja kienet effettivament inkarigata sabiex twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, u tali obbligi għandhom ikunu ddefiniti b'mod ċar; it-tieni nett, il-parametri li fuqhom huwa kkalkolat il-kumpens għandhom ikunu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti; t-tielet nett, il-kumpens ma jistax ikun iktar minn dak li hu neċessarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż, kollha jew parti minnhom, li jirriżultaw mit-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġjonevoli għat-twettiq ta' tali obbligi; ir-raba' nett, meta l-impriza li għandha twettaq l-obbligi ta' servizz pubbliku, ma ntgħażlitx permezz ta' proċedura ta' appalt pubbliku, il-livell tal-kumpens neċesarju għandu jkun stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' trasport sabiex tkun tista' tissodisfa l-bżonnijiet neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet tagħmel sabiex twettaq tali obbligi, filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dħul rilevanti kollu kif ukoll il-profitt raġjonevoli għat-twettiq ta' dawn l-obbligi".

(80) F'dan il-każ, u mingħajr il-bżonn li tiġi elaborata kull waħda mill-kundizzjonijiet peress li dawn huma kumulattivi, il-Kummissjoni tikkonstata li l-għażla tall-CELF ma saritx f'kuntest ta' proċedura ta' appalt pubbliku u li l-livell ta' kumpens ma ġiex stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li jkollha impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija b'mezzi ta' produzzjoni.

(81) F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għajnuna mogħtija lill-CELF tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE peress li l-elementi li jikkostitwixxu l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huma sodisfatti.

([1]) Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' April 2008, il-Qorti Ġenerali ma annullatx l-ewwel u t-tieni sentenzi tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2004 fejn jingħad "L-għajnuna mogħtija lill- Coopérative d'exportation du livre français (CELF) għall-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar ta' kotba bil-Franċiż, li ġiet implementata minn Franza bejn l-1980 u l-2001, tikkostitwixxi għajnuna li taqa' taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE. Fid-dawl tal-fatt li Franza ma nnotifikatx din l-għajnuna lill-Kummissjoni qabel ma implementatha, din l-għajnuna ngħatat b'mod illegali".

([2]) Pereżempju, fis-sentenza tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2008, il-Conseil d'Etat qal li "il-motivi li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni tal-ammonti mħallsa lill-CELF bħala għajnuna mill-Istat u l-obbligu li din tiġi notifikata bħala tali ma jistgħux jiġu skartati". Fil-fatt, fis-sentenza preliminari tiegħu tad-29 ta' Marzu 2006, il-Conseil d'Etat kien diġà kkunsidra li "il-cour administrative d'appel la żnaturat xi provi fil-proċess u lanqas ikklassifikat il-fatti miġjuba quddiemha b'mod mhux preċiż meta hija ddeċidiet li l-għajnuniet inkwistjoni ma kinux ta' natura sempliċiment li jikkumpensaw għall-obbligi ta' servizz pubbliku u kienu jikkostitwixxu għajnuniet mill-Istat suġġetti għall-obbligu ta' notifika lill-Kummissjoni minn qabel".

([3]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans et Regierungspräsidium Magdeburg* vs *Nahverkehrsgesellschaft Altmark* (C-280/00, Ġabra p. I-7747).

(82) F'dan il-każ, il-miżura inkwistjoni ma ġietx innotifikata lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Franċiżi. Għaldaqstant l-għajnuna ġiet mogħtija bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE li jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tiġi informata, fil-ħin sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, dwar kull proġett sabiex tiġi mogħtija jew sabiex tiġi modifikata għajnuna. Għaldaqstant, l-għajnuna ngħatat b'mod illegali.

(83) Peress li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, għandha tiġi evalwata l-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

B. **Evalwazzjoni tal-miżura fid-dawl tal-Artikolu 107(2) u (3) TFUE**

(84) Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-derogi mill-Artikolu 107(2) TFUE ma japplikawx f'dan il-każ, peress li l-miżuri inkwistjoni ma kinux intiżi manifestament biex jilħqu l-għanijiet hemm definiti.

(85) L-għajnuna lanqas ma tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(a) TFUE inkwantu hija ma kinitx intiża li tippromwovi l-iżvilupp ta' reġjuni li jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjoni msemmija. Lanqas id-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(b), dwar għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett fuq skala kbira ta' interess komuni Ewropew, ma tista' tapplika f'dan il-każ, u dan peress li l-miżura inkwistjoni ma kinitx intiża li tippromwovi dak it-tip ta' proġett. Peress li l-għajnuna lanqas ma kienet intiża biex tirrimedja taħwid serju fl-ekonomija Franċiża, lanqas id-deroga li tinsab fit-tieni parti tal-Artikolu 107(3)(b) ma tapplika għal dan il-każ partikolari.

(86) Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tivverifika l-applikabbiltà tal-Artikolu 107(3)(c) u (d) TFUE [ex Artikolu 87(3)(c) u (d) KE].

(87) Kont meħud tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008, għandha ssir distinzjoni bejn l-għajnuniet li ngħataw wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (fl-1 ta' Novembru 1993), minn dawk li ngħataw qabel dak id-dħul fis-seħħ u li għalihom għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet sostantivi li kienu fis-seħħ matul il-perijodu inkwistjoni.

(88) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota l-fatt li kwart mis-sussidju mogħti matul is-sena preċedenti ġie mħallas lill-CELF fil-bidu tas-sena, bil-bilanċ jingħata fil-ħarifa sussegwenti, wara li l-awtoritajiet pubbliċi eżaminaw l-estimi tal-impriża benefiċjarja u ċ-ċaqliq reġistrat matul l-ewwel parti tas-sena. Għalkemm l-ammont tal-għajnuna ma ntużax kollu kemm hu, il-bilanċi ġew imnaqqsa mis-sussidji previsti għas-sena sussegwenti. Is-sussidju mħallas għas-sena 1993 ġie, għaldaqstant, imħallas parti fil-bidu tas-sena 1993 u l-bilanċ ngħata fil-ħarifa tas-sena 1993. Id-deċiżjoni biex tingħata l-għajnuna għas-sena 1993 ittieħdet mill-awtoritajiet Franċiżi fi tmiem is-sena 1992 jew fil-bidu tas-sena 1993, u fi kwalunkwe każ qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ssostni għaldaqstant li l-għajnuna mogħtija għas-sena 1993 għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet legali li kienu japplikaw qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(a) *Evalwazzjoni tal-għajnuniet fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(d) TFUE*

(89) L-Artikolu 107(3)(d) TFUE [ex Artikolu 87(3)(d) KE] jippreċiża li "It-tipi ta' għajnuna li ġejjin jistgħu jkunu kunsidrati bħala kompatibbli mas-suq intern […] għajnuna sabiex tiġi promossa l-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni".

(90) Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk l-għajnuniet mogħtija lill-CELF bejn l-1994 u tmiem l-2001 kellhomx fil-fatt għan kulturali u jekk dawn jolqtux il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea sa grad li huwa kuntrarju għall-interess komuni.

(i) Għan kulturali

(91) Preliminarjament, il-Kummissjoni tfakkar li l-għan kulturali tal-għajnuniet mogħtija lill-CELF ġie rikonoxxut mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tat-18 ta' Settembru 1995. Għaldaqstant, fil-punt 62 tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li "Għal dak li jirrigwarda l-għan kulturali tal-għajnuniet ikkontestati, huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-għan imfittex mill-Gvern Franċiż huwa li tinxtered il-lingwa u l-letteratura Franċiża. F'dan ir-rigward, il-Qorti tikkonstata ukoll li l-informazzjoni li kellha l-Kummissjoni meta hija adottat id-deċiżjoni, inkluża l-informazzjoni li tinsab fl-ittra tal-bord taddiretturi tar-rikorrenti tas-7 ta' Settembru 1992, kienet tali li tikkorrobora l-evalwazzjoni li hija għamlet fuq il-portata u r-realtà u l-leġittimità ta' dan l-għan. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li l-evalwazzjoni tal-għan kulturali tal-għajnuniet ikkontestati ma kinitx tqajjem diffikultajiet partikolari għall-Kummissjoni u li ma kienx meħtieġ li din tikseb iktar informazzjoni biex tirrikonoxxi li dan l-għan kellu natura kulturali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

(92) Fil-fatt, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-għajnuniet inkwistjoni kellhom għan kulturali li kien li jiffavorixxu fil-pajjiżi li ma jitkellmux bil-Franċiż, it-tixrid tal-kitbiet bil-lingwa Franċiża. Għaldaqstant din kienet politika volontarista intiża li tippreżerva u tinkoraġġixxi d-diversità kulturali fuq livell internazzjonali.

(93) F'dan il-każ, il-preżervazzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali jinsabu fost il-prinċipji fundaturi tal-mudell Ewropew. Dawn jinsabu mniżżla fl-Artikolu 167(1) TFUE [ex Artikolu 151(1) KE]: "L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta il-wirt kulturali komuni", u ukoll fl-Artikolu 167(4) li jipprovdi li "L-Unjoni għandha tagħti kas tal-aspetti kulturali fl-azzjonijiet tagħha taħt dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, partikolarment sabiex tirrispetta u tippromwovi id-diversità tal-kulturi tagħha".

(94) Il-Kummissjoni tikkunsidra, għaldaqstant, li l-għajnuniet li ngħataw lill-CELF mill-awtoritajiet Franċiżi bil-għan li jiġi żgurat it-tixrid tal-kitbiet bil-lingwa Franċiża kellhom fil-fatt għan kulturali.

(ii) Il-kriterju tal-bdil fil-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni

(95) Il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk il-miżuri inkwistjoni kinux neċessarji u proporzjonati meta mqabbla mal-għan ta' politika kulturali mfittex mill-awtoritajiet Franċiżi.

(96) Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li skont is-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2002, huwa fir-rigward tas-suq tal-aġenziji fuq l-esportazzjoni tal-kotba bil-lingwa Franċiża li l-miżuri inkwistjoni għandhom jiġu evalwati.

(97) Fl-ewwel lok, għandha tiġi evalwata n-neċessità tal-għajnuna.

(98) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-miżuri kienu ġew stabbiliti fl-1980 mill-Ministeru tal-Kultura f'mument fejn ċerti atturi fis-settur (il-Groupe Hachette u l-Messageries du livre) kienu xtaqu jabbandunaw is-suq tal-aġenziji fuq l-esportazzjoni. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-mekkaniżmu kkontestat ġie stabbilit b'mod li jinkoraġġixxi lill-operaturi jidħlu fis-suq biex ikunu jistgħu jiġu onorati l-ordnijiet kollha għall-kotba bil-lingwa Franċiża li joriġinaw mil-libreriji li jinsabu fiż-żoni li ma jitkellmux bil-Franċiż. Dan kien jiggarantixxi li l-kotba bil-lingwa Franċiża jkunu jistgħu jaslu fil-libreriji kollha, inklużi l-libreriji żgħar nett fil-pajjiżi mbiegħda, anki f'każ fejn huma ma kellhomx bżonn ħlief xi ftit kotba, li spiss ikunu ukoll ippubblikati minn edituri differenti.

(99) Min-naħa tagħha, is-SIDE indikat, b'mod partikolari fil-kuntest tal-osservazzjonijiet li hija bagħtet wara d-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura, li l-għajnuna inkwistjoni ma kinitx meħtieġa. Għaldaqstant, għalkemm huwa minnu li ċerti atturi, fl-1980, kienu abbandunaw l-attività tal-aġenziji fuq l-esportazzjoni, is-SIDE tfakkar li kien preċiżament f'dak iż-żmien li hija stess kienet ġiet maħluqa biex tintervjeni fis-suq. Barra minn hekk, is-SIDE tikkontesta l-fatt li l-CELF kellha attività speċifika għall-ipproċessar ta' ordnijiet żgħar. Is-SIDE tikkontesta, b'mod partikolari, iċ-ċifri pprovduti mill-awtoritajiet Franċiżi u tikkunsidra li l-informazzjoni dwar il-CELF u s-SIDE fir-rigward tal-proporzjon, meħud kont tad-dħul mill-bejgħ rispettiv ta' kull waħda mill-impriżi, tan-numru ta' fatturi u tan-numru ta' linji ta' ordnijiet, fil-fatt, huma pjuttost simili. B'mod iktar ġenerali, is-SIDE tikkontesta l-kunċett ta' "ordnijiet żgħar" kif definit mill-awtoritajiet Franċiżi. Skont is-SIDE, dan il-kunċett huwa arbitrarju peress li l-ispejjeż għall-ipproċessar ta' ordni mhijiex relatata mal-ammont tagħha, imma man-numru ta' linji.

(100) Il-Kummissjoni ssostni li mhuwiex meħtieġ li tiġi magħluqa definittivament il-kwistjoni dwar in-neċessità tal-għajnuna u dan peress li l-kundizzjonijiet tan-neċessità u tal-proporzjonalità huma kumulattivi u fil-premessa 121 ser jiġi konkluż li ma ġiex ippruvat li l-kundizzjoni tal-proporzjonalità hija sodisfatta.

(101) Fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-impatt fuq il-kummerċ ġewwa l-Unjoni Ewropea u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni li twassal għaliha l-miżura huma żgħar wisq, u dan fid-dawl, b'mod partikolari, tal-ammonti tal-miżura inkwistjoni, tas-sostitwibbiltà baxxa wisq bejn il-kotba bil-lingwa Franċiża u dawk b'lingwi oħra, kif ukoll tad-differenza sostanzjali li teżisti bejn il-volum ta' kotba bil-lingwa Franċiża esportati minn Franza lejn pajjiżi li ma jitkellmux bil-Franċiż, minn naħa waħda, u dawk esportati mill-Belġju u mil-Lussemburgu, min-naħa l-oħra.

(102) B'mod iktar preċiż, f'dak li jikkonċerna s-suq tal-aġenziji fuq l-esportazzjoni ta' kotba bil-lingwa Franċiża, il-Kummissjoni tinnota li l-CELF u s-SIDE, fil-kuntest tal-attività tagħhom bħala aġenti fuq l-esportazzjoni, iqassmu kotba f'pajjiżi u territorji li ma jitkellmux bil-Franċiż. Fil-fatt, fil-pajjiżi li jitkellmu bil-Franċiż, is-suq lokali huwa kopert mill-edituri l-kbar permezz tas-sussidjarji jew ir-rappreżentanti tagħhom. Għaldaqstant, l-aġenziji fuq l-esportazzjoni m'għandhomx ħlief rwol marġinali ħafna fis-swieq li jitkellmu bil-Franċiż li jikkostitwixxu, għaldaqstant, is-swieq prinċipali għall-kotba bil-lingwa Franċiża.

(103) Fis-suq nazzjonali tal-aġenziji fuq l-esportazzjoni ta' kotba bil-lingwa Franċiża, jeżistu aġenziji ġenerali bħalma huma s-SIDE u l-CELF, u kif ukoll aġenziji speċjalizzati, għalkemm f'ammont iżgħar, li jbiegħu ukoll, b'mod marġinali, direttament lill-utenti finali u li jikkompetu b'mod marġinali maż-żewġ aġenziji ġenerali, kif ukoll ċertu numru ta' libreriji li jaqdu, anki b'mod okkażjonali, ordnijiet lil-libreriji barranin u libreriji online li l-attività tagħhom kienet madankollu relattivament imnaqqsa fiż-żmien tal-miżuri inkwistjoni.

(104) Fis-suq inkwistjoni, hija l-kumpanija li lmentat li allura kienet l-operatur prinċipali affettwat bil-miżuri kkontestati. Minn naħa waħda, l-awtoritajiet Franċiżi jaffermaw li l-programm li jirrigwarda l-ordnijiet żgħar kien, fil-prinċipju, aċċessibbli għal kull impriża li tagħmel talba għalih, u dan peress li hija tkun aċċettat il-kundizzjonijiet dwar l-għoti tal-għajnuna. Huma jgħidu li ċ-ċaħda li ġiet ikkonfrontata biha s-SIDE min-naħa tal-Ministeru tal-Kultura fl-1991 kienet iġġustifikata minħabba ċ-ċaħda tas-SIDE li toqgħod għall-obbligu ta' trasparenza meħtieġ biex hija tibbenefika mill-għajnuniet imsemmija. Min-naħa l-oħra, is-SIDE indikat li ċ-ċaħda tal-awtoritajiet Franċiżi kienet marbuta mal-fatt li hija kienet impriża privata u mhux kooperattiva ta' edituri. Barra minn hekk, fl-1996, wara l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 1993, il-Ministeru tal-Kultura, li xtaq itemm il-proċedura, fakkar lis-SIDE li l-iskema ta' għajnuna għall-ordnijiet żgħar ma kinitx, minnha nfisha, riżervata għall-CELF. Permezz ta' ittra tat-3 ta' Settembru 1996, hija ġiet offruta laqgħa sabiex jiġi eżaminat jekk hija kinitx f'pożizzjoni li toffri, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' trasparenza, l-istess servizzi bħal dawk offruti mill-CELF. Waqt laqgħa li nżammet fis-26 ta' Settembru 1996, id-diriġenti tas-SIDE għarrfu lill-Ministreru tal-Kultura li huma kienu qegħdin jirrifjutaw milli jibbenefikaw minn programm li l-kompatibbiltà tiegħu mad-dritt Komunitarju setgħat tiġi kkontestata mill-Kummissjoni.

(105) Fi kwalunkwe każ, l-elementi msemmija iktar 'il fuq fil-premessa 101 *et seq* jidhru li jindikaw li l-bdil tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea minħabba l-miżuri inkwistjoni kien relattivament limitat.

(106) Madankollu, sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżura kinitx fil-fatt proporzjonata, il-Kummissjoni għandha tqabbel ukoll, fit-tielet lok, l-ammont ta' għajnuniet meħuda, mal-ispejjeż sostnuti mill-CELF biex tilħaq l-għan imfittex mill-awtoritajiet Franċiżi.

(107) F'dan ir-rigward, għandhom jiġu mfakkra d-diversi fażijiet tal-proċess ta' pproċessar ta' ordnijiet, li fuqhom hemm qbil bejn il-partijiet:

(a) id-dħul tal-ordni tal-librerija;

(b) il-kodifikazzjoni tal-ordni;

(c) ir-reġistrazzjoni tal-ordni;

(d) it-trażmissjoni tal-ordni lill-editur;

(e) il-wasla tal-kotba;

(f) l-allokazzjoni għal kull klijent ta' post fiżiku, il-"case" li fiha l-kotba ordnati jiġu stokkjati;

(g) l-ippakkjar.

(108) Skont l-awtoritajiet Franċiżi, il-CELF kienet tbati ċerti spejjeż marbutin mal-ipproċessar ta' "ordnijiet żgħar". L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu fil-fatt li fis-suq tal-aġenziji fuq l-esportazzjoni, ċerti ordnijiet jiġġeneraw spejjeż tali li jrendu l-provvista mhux vijabbli. L-awtoritajiet Franċiżi qalu li huma kienu stabbilixxew il-limitu ta' FRF 500 (EUR 76,22) biex jiddefinixxu l-"ordni żgħira" u li dan il-limitu kien ġie stabbilit b'mod empiriku. L-awtoritajiet Franċiżi jippreċiżaw li ċerti ordnijiet iżgħar minn FRF 500 setgħu jkunu vijabbli, mentri oħrajn, ogħla minn dan l-ammont, setgħu ma jkunux. L-għan kien li jinsab metodu ekonomikament aċċettibbli biex il-CELF tieħu ħsieb l-ordnijiet żgħar anki jekk mhux vijabbli biżżejjed.

(109) Kif indikat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, huma l-awtoritajiet Franċiżi, fil-kuntest tal-analiżi tal-kompatibbiltà, li jistabbilixxu l-ammont u r-realtà tal-ispejjeż sostnuti mill-CELF.

(110) F'dan ir-rigward, fid-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni kienet talbet lill-awtoritajiet Franċiżi biex jipprovdulha ċerta informazzjoni sabiex tipprova tislet il-konsegwenzi mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali u biex tipprova tiddeċiedi fuq il-proporzjonalità tal-għajnuna. Il-Kummissjoni kienet talbet, b'mod partikolari, biex tingħata l-informazzjoni segwenti:

— ġustifikazzjoni suffiċjenti li tispjega għaliex l-informazzjoni dwar l-ispejjeż marbutin mal-ordnijiet żgħar mhijiex disponibbli għad-diversi snin ikkonċernati u prova suffiċjenti tar-raġunijiet li għalihom l-inferenza bbażata biss fuq is-sena 1994 tista' tkun aċċettabbli;

— l-informazzjoni li tippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż effettivi (u mhux sempliċi stimi) tal-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar fl-1994 (tal-inqas għal ċerti kategoriji ta' spejjeż) u l-eventwali ġustifikazzjoni suffiċjenti tar-raġunijiet li għalihom l-estimi ta' dawn l-ispejjeż abbażi tal-ispejjeż totali sostnuti mill-CELF jistgħu jkunu aċċettabbli;

— il-kriterju tat-tqassim tal-ispejjeż ġustifikabbli li jippermetti li parti mill-ispejjeż totali jiġu allokati għall-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar, u li jista', b'mod partikolari, jiġi applikat għal kull kategorija ta' spejjeż matul il-perijodu kkonċernat;

— informazzjoni fuq iċ-ċaqliq tal-proporzjon tal-ordnijiet teletrażmessi matul is-snin ikkonċernati;

— l-ispejjeż marbutin mal-ordnijiet żgħar fin-nuqqas ta' koeffiċjenti multiplikaturi mhux ġustifikati;

— il-kalkolu tal-ispejjeż sostnuti mill-CELF għall-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar mingħajr ma jiġu applikati l-koeffiċjenti multiplikaturi, kif ukoll fil-każ fejn jiġu applikati l-koeffiċjenti multiplikaturi biss fil-każ ta' ordnijiet mhux teletrażmessi;

— il-pożizzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi fuq il-kalkolu tal-Qorti Ġenerali li tgħid li fin-nuqqas tal-koeffiċjenti msemmija, l-ispejjeż marbutin mal-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar kienu jitnaqqsu b'iktar minn FRF 635 000 (EUR 96 805,13), anki jekk ma jittiħdux inkunsiderazzjoni l-kategoriji ta' spejjeż li ma humiex dawk li għalihom ġie applikat koeffiċjent ta' "tlieta". Għandu jiġi mfakkar li, skont il-kalkolu tal-Qorti Ġenerali, ir-riżultat tat-tmexxija tal-attività tal-ipproċessar ta' ordnijiet żgħar kien, għaldaqstant, jeċċedi b'iktar minn FRF 600 000 (EUR 91 469,41);

— il-pożizzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi fuq il-possibbiltà li l-CELF ikollha profitt raġonevoli.

(111) B'mod partikolari, kif hija kienet diġà indikat fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni addizzjonali u aġġornament tal-informazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet Franċiżi, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tuża r-rendikont dwar l-użu tal-programm tal-ipproċessar ta' ordnijiet żgħar li l-awtoritajiet Franċiżi kienu pprovdew f'dak li jikkonċerna s-snin 1994 sa 2001 fl-ittra tagħhom tas-17 ta' Jannar 2003, u lanqas l-ispjegazzjonijiet dwar it-tmexxija tal-analiżi tal-kompatibbiltà analitika pprovduta fl-ittra tal-5 ta' Marzu 1998.

(112) Madankollu, l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdewx id-dettalji li kienu mitluba mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, u llimitaw ruħhom biex jirreferu, f'dak li jikkonċerna l-proporzjonalità tal-għajnuna, għall-elementi diġà pprovduti fis-17 ta' Settembru 2002, fis-17 ta' Jannar 2003 u fil-11 ta' Marzu 2003, li l-Kummissjoni ma setgħatx tuża bħala tali u dan minħabba s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008.

(113) Permezz tal-ittra tat-8 ta' Ottubru 2009, id-dipartimenti tal-Kummissjoni fakkru għaldaqstant lill-awtoritajiet Franċiżi bit-talba tagħhom għall-informazzjoni fuq il-punti preċiżi msemmija, filwaqt li indikaw li jekk dik l-informazzjoni ma taslilhomx fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol, il-Kummissjoni jkollha tieħu deċiżjoni finali abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħha, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Proċedura, wara li tkun baghtet, jekk ikun il-każ, l-inġunzjoni għall-informazzjoni skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999.

(114) Permezz tal-ittra tal-21 ta' Ottubru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li ma għandhomx informazzjoni oħra x'jipprovdu u rreferu ruħhom għall-osservazzjonijiet tagħhom mibgħuta fid-9 ta' Ġunju 2009.

(115) Permezz tad-deċiżjoni tal-20 ta' Novembru 2009 (id-"deċiżjoni ta' inġunzjoni"), il-Kummissjoni ddeċidiet għaldaqstant li tordna lil Franza tippreżenta l-informazzjoni mitluba peress li minkejja t-talbiet ripetuti tagħha, din l-informazzjoni ma kinitx ġiet ipprovduta.

(116) Permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2009, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li huma ma kellhomx informazzjoni oħra x'jipprovdu lill-Kummissjoni u li huma kienu qegħdin jirrimettu ruħhom għall-osservazzjonijiet mibgħuta fid-9 ta' Ġunju 2009.

(117) F'dan il-każ, l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Proċedura jipprovdi li "L-eżami ta' għajnuna illegali possibbli għandu jirriżulta f'deċiżjoni […]. Jekk Stat Membru jonqos milli jikkonforma ma' inġunzjoni ta' informazzjoni, dik id-deċiżjoni għandha tittieħed abbażi tal-informazzjoni disponibbli".

(118) Kif ġie indikat qabel, l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdewx lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li hija kienet talbithom diversi drabi, u fl-aħħar lok, fid-deċiżjoni ta' inġunzjoni tagħha tal-20 ta' Novembru 2009.

(119) Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Proċedura, il-Kummissjoni tieħu għaldaqstant id-deċiżjoni tagħha abbażi tal-informazzjoni disponibbli, filwaqt li tfakkar, fi kwalunkwe każ, li huwa l-obbligu tal-awtoritajiet Franċiżi li juru li l-għajnuna inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern, u għaldaqstant li l-għajnuna hija proporzjonata.

(120) Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008 u tal-informazzjoni li kienet disponibbli għall-Kummissjoni, ma jidhirx li huwa possibbli, b'mod partikolari, li wieħed jibbaża fuq l-estimi tal-ispejjeż tal-ipproċessar ta' ordnijiet żgħar għas-sena 1994. Lanqas ma jidher li huwa possibbli, b'mod partikolari, li jintużaw kriterji għat-tqassim tal-ispejjeż mhux ġustifikati u li wieħed jibbaża ruħu fuq informazzjoni li għaliha ġew applikati koeffiċjenti multiplikaturi mhux ġustifikati, b'mod partikolari għall-ordnijiet teletrażmessi. Fid-dawl tal-kalkolu tal-ispejjeż marbutin mal-ipproċessar tal-ordnijiet żgħar li jinsabu fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali, u peress li l-awtoritajiet Franċiżi naqsu milli jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li tippermetti tweġiba għad-dubji li din kienet qajmet, fid-deċiżjoni għall-estensjoni tal-proċedura, fuq il-proporzjonalità tal-għajnuna, in-natura mhux vijabbli tal-attività tal-ipproċessar ta' ordnijiet żgħar ma ġietx ippruvata.

(121) Il-Kummissjoni tikkunsidra, konsegwentement, li ma ntweriex li l-għajnuniet mogħtija matul is-snin 1994 sal-2001 josservaw il-kriterju tal-proporzjonalità.

(122) Għaldaqstant, dawn l-għajnuniet mhumiex kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(d) TFUE.

(b) *Evalwazzjoni tal-għajnuniet fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE*

(123) L-Artikolu 107(3)(c) TFUE [ex Artikolu 87(3)(c) KE] jippreċiża li "It-tipi ta' għajnuna li ġejjin jistgħu jkunu kunsidrati bħala kompatibbli mas-suq intern: […] għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni".

(124) Skont is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008, id-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(d) TFUE [ex Artikolu 87(3)(d) KE] ma tistax tiġi applikata għall-għajnuniet li ngħataw lill-CELF matul is-snin 1980 sal-1993. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit jekk tistax tapplika għalihom id-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(c) TFUE [ex Artikolu 87(3)(c) KE].

(125) L-istess għandu jsir għall-għajnuniet mogħtija bejn l-1994 u t-tmiem tal-2001, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni kkonkludiet, iktar 'il fuq fil-premessa 122, li d-deroga prevista fl-Artikolu 107(3)(d) TFUE [ex Artikolu 87(3)(d) KE] ma kinitx tapplika għalihom.

(126) Sabiex jiġi stabbilit jekk l-Artikolu 107(3)(c) TFUE jistax iservi ta' bażi għall-kompatibbiltà, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk l-għajnuniet inkwistjoni għandhomx għan ta' interess komuni u jekk huma jolqtux il-kummerċ sa grad li huwa kuntrarju għall-interess komuni.

(127) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-għajnuniet għandhom fil-fatt interess komuni u dan kif diġà ssemma qabel. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-introduzzjoni fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tad-deroga prevista fl-ex Artikolu 87(3)(d) KE [li llum sar l-Artikolu 107(3)(d) TFUE] wasslet biex tiġi kkonfermata l-politika segwita mill-Kummissjoni abbażi tal-ex Artikolu 92(3)(c) qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, abbażi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni, fil-passat, kienet awtorizzat għajnuniet li kellhom għanijiet kulturali. Din il-prattika ġiet ikkonfermata mill-qrati tal-Unjoni Ewropea, pereżempju, fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 1996, fejn il-Qorti Ġenerali kkunsidrat fil-fatt li l-Kummissjoni kellha dritt tadotta, abbażi tal-ex Artikolu 92(3)(c) KE, deċiżjoni favorevoli fir-rigward ta' tliet skemi ta' għajnuna mmexxija mill-CELF (l-għajnuniet għall-frejt bl-ajru, il-programm "Page à Page", u l-"Programme Plus").

(128) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma ġiex ippruvat li l-għajnuniet kienu proporzjonati għall-għan imfittex.

(129) Fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, kif ukoll wara d-deċiżjoni ta' inġunzjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet talbet lill-awtoritajiet Franċiżi biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq il-proporzjonalità tal-għajnuniet fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

(130) Kif diġà ntqal qabel, l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdewx lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li tippermetti li tiġi ppruvata l-proporzjonalità tal-għajnuniet mogħtija b'effett mill-1980 u li l-istess Kummissjoni kienet talbithom b'mod partikolari, fl-aħħar lok, fid-deċiżjoni ta' inġunzjoni tagħha tal-20 ta' Novembru 2009.

(131) Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Proċedura, il-Kummissjoni tieħu għaldaqstant id-deċiżjoni tagħha abbażi tal-informazzjoni disponibbli, filwaqt li tfakkar, fi kwalunkwe każ, li huwa l-obbligu tal-awtoritajiet Franċiżi li juru li l-għajnuna inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern, u għaldaqstant li l-għajnuna hija proporzjonata.

(132) Ir-raġunament espost qabel dwar il-proporzjonalità tal-għajnuna fil-kuntest tal-Artikolu 107(3)(d) TFUE japplika *mutatis mutandis* hawnhekk.

(133) Il-Kummissjoni tikkunsidra, konsegwentement, li ma ġiex ippruvat li l-għajnuniet mogħtija josservaw il-kriterju tal-proporzjonalità.

(134) Bħala konklużjoni jingħad li l-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżura inkwistjoni mhijiex kompatibbli mas-suq intern taħt l-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

### C. **Evalwazzjoni tal-miżura fid-dawl tal-Artikolu 106(2) TFUE**

(135) L-awtoritajiet Franċiżi sostnew diversi drabi li l-CELF kellha missjoni ta' servizz pubbliku u li l-miżuri kkontestati kellhom jiġu evalwati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 106(2) TFUE [ex Artikolu 86(2) KE].

(136) Dak l-artikolu jipprovdi li "Kull impriża responsabbli sabiex topera servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali jew li jkollha l-karattru ta' monopolju fiskali għandha tkun suġġetta għar-regoli tat-Trattati, b'mod partikolari dawk li jirriferu għall-kompetizzjoni, safejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma jostakolawx it-twettiq de jure jew de facto tal-funzjonijiet speċifiċi mogħtija lil dik l-impriża. L-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux jiżviluppa b' mod kuntrarju għall-interessi tal-Unjoni".

(137) Qabel xejn, f'dan il-każ għandha tiġi verifikata l-eżistenza ta' servizz ta' importanza ekonomika ġenerali. Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ħlief għas-setturi fejn din il-materja hija diġà s-suġġett ta' regolament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fir-rigward tan-natura tas-servizzi li jistgħu jkunu kklassifikati bħala ta' importanza ekonomika ġenerali. Għaldaqstant, xogħol il-Kummissjoni huwa li tiżgura li dan il-marġni ta' diskrezzjoni jintuża mingħajr żbalji manifesti f'dak li jikkonċerna d-definizzjoni tas-servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali.

(138) F'dan il-każ, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw diversi drabi li l-CELF kellha l-missjoni speċifika ta' servizz pubbliku ta' natura kulturali li jikkonsisti fil-fatt li tonora kull ordni għal kotba bil-lingwa Franċiża li toriġina minn libreriji stabbiliti barra mill-pajjiż, indipendentement mill-volum u n-natura tal-ordni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li din il-missjoni tista', fil-fatt, tikkostitwixxi servizz ta' importanza ekonomika ġenerali.

(139) Fit-tieni lok, għandu jiġi verifikat jekk il-CELF kinitx fil-fatt responsabbli minn dan is-servizz ta' importanza ekonomika ġenerali. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea, l-impriżi inkwistjoni jridu jkunu ġew inkarigati mill-Istat tal-amministrazzjoni tas-servizz inkwistjoni permezz ta' att uffiċjali wieħed jew iktar, li l-forma tiegħu jista' jiġi stabbilit minn kull Stat Membru.

(140) F'dan il-każ, l-awtoritajiet Franċiżi pproduċew diversi konvenzjonijiet konklużi bejn il-CELF u l-Ministeru tal-Kultura li juru, fil-fehma tagħhom, li l-CELF fil-fatt kienet responsabbli mill-amministrazzjoni tas-servizz ta' importanza ekonomika ġenerali inkwistjoni. Skont l-awtoritajiet Franċiżi, id-Dipartiment tal-kotba u tal-qari kkonkluda konvenzjonijiet annwali mal-CELF, sas-sena 2001.

(141) Madankollu, minkejja t-talbiet tal-Kummissjoni, inkluża d-deċiżjoni ta' inġunzjoni tagħha, l-awtoritajiet Franċiżi ma pproduċewx kopja tal-konvenzjonijiet ta' servizz pubbliku għall kull waħda mis-snin inkwistjoni.

(142) Barra minn hekk, fil-konvenzjonijiet li huma fil-pussess tal-Kummissjoni, in-natura preċiża tal-obbligi ta' servizz pubbliku mhijiex definita (għaldaqstant, l-ammont li minnu l-ordnijiet jibdew jitqiesu bħala li huma "ordnijiet żgħar" mhuwiex indikat fil-konvenzjoni). Minn dan jirriżulta li, anki għal dawn is-snin, ma jeżistix att li jindika bi preċiżjoni suffiċjenti l-obbligi ta' servizz pubbliku li għandha l-CELF.

(143) Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li ma ġiex ippruvat li l-CELF kienet fil-fatt ġiet inkarigata permezz ta' att uffiċjali, għal kull waħda mis-snin inkwistjoni, mill-amministrazzjoni tas-servizz pubbliku inkwistjoni.

(144) Fl-aħħar nett, u mingħajr il-bżonn li tintlaħaq konklużjoni dwar il-kundizzjoni tan-neċessità minħabba l-fatt li l-kundizzjonijiet huma kumulattivi, il-Kummissjoni tikkunsidra li lanqas il-kundizzjoni tal-proporzjonalità ma hija sodisfatta.

(145) Fil-fatt, fil-konvenzjonijiet li huma fil-pussess tal-Kummissjoni ma hemm ebda spjegazzjoni fuq il-mod li bih ġie kkalkolat l-ammont tal-għajnuna. Barra minn hekk, l-obbligu impost fuq il-CELF biex tipprovdi r-rendikonti dwar l-użu tas-sussidju mhuwiex akkumpanjat b'definizzjoni preċiża tal-kriterji tal-kalkolu u tal-kontroll tal-ispiża tas-servizz pubbliku li tippermetti li jiġi verifikat li ma hemmx kumpens żejjed. Barra minn hekk, għalkemm il-konvenzjonijiet kienu fil-fatt jipprevedu li f'każ li xi parti mis-sussidju ma tkunx ġiet użata hija tinġarr għas-sena ta' wara, huma ma fihom ebda preċiżazzjoni dwar il-funzjonament ta' dan il-mekkaniżmu, li wara kollox ma jidhirx li ġie applikat. Fl-aħħar nett, b'mod iktar ġenerali u kif ġie indikat fil-kuntest tal-analiżi tal-kriterju tal-proporzjonalità fid-dawl tal-Artikolu 107(3) TFUE, l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdewx informazzjoni li tagħti prova tal-proporzjonalità tal-għajnuniet fid-dawl tad-diversi punti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

(146) Għaldaqstant, l-awtoritajiet Franċiżi ma pprovdewx lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li tippermetti li tiġi ppruvata l-proporzjonalità tal-għajnuniet fil-kuntest tal-Artikolu 106(2) TFUE u li hija kienet talbithom b'mod partikolari, fl-aħħar lok, fid-deċiżjoni ta' inġunzjoni tagħha tal-20 ta' Novembru 2009.

(147) Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Proċedura, il-Kummissjoni tadotta għaldaqstant id-deċiżjoni tagħha abbażi tal-informazzjoni disponibbli, filwaqt li tfakkar, fi kwalunkwe każ, li huwa l-obbligu tal-awtoritajiet Franċiżi li juru li l-għajnuna inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern, u għaldaqstant li l-għajnuna hija proporzjonata.

(148) Għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-kuntest tal-analiżi tal-proporzjonalità tal-għajnuna taħt l-Artikolu 107(3)(d) TFUE, il-Kummissjoni tikkunsidra, konsegwentement, li ma ġiex ippruvat li l-għajnuniet mogħtija jissodisfaw il-kriterju tal-proporzjonalità.

(149) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) TFUE mhumiex sodisfatti.

(150) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra għaldaqstant li l-mekkaniżmu ta' għajnuna, imsemmi Programme "petites commandes" (Programm "ordnijiet żgħar"), implementat fi Franza favur il-CELF bejn l-1980 u tmiem l-2001 jikkostitwixxi għajnuna inkompatibbli mas-suq intern.

## 5. TERMINU TA' PRESKRIZZJONI, ĊIRKUSTANZA EĊĊEZZJONALI, ASPETTATTIVI LEĠITTIMI, PRINĊIPJU TAĊ-ĊERTEZZA LEGALI, PRINĊIPJU TAL-PROPORZJONALITÀ

(151) F'każ ta' għajnuna mill-Istat li hija illegali u inkompatibbli, il-Kummissjoni għandha, fil-prinċipju, tordna lill-Istat Membru kkonċernat biex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirkupra l-għajnuna mingħand il-benefiċjarju. Fil-fatt, l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jipprovdi li "[f]ejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju".

(152) Madankollu, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi li ġejjin:

(153) Qabel xejn, l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jipprovdi li l-poteri tal-Kummissjoni sabiex jirkupraw l-għajnuna huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin. It-terminu ta' preskrizzjoni jibda dakinhar li fih l-għajnuna illegali tingħata lill-benefiċjarju u kull azzjoni meħudha mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-għajnuna llegali għandha tinterrompi l-perijodu ta' preskrizzjoni.

(154) Kif diġà esponiet fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, mingħajr ma rċeviet xi kummenti partikolari fuq dan il-punt min-naħa tal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-regola tal-preskrizzjoni msemmija fil-premessa preċedenti tapplika għal dan il-każ. Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 2006 fil-kawża Transalpine ([1]), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat fil-fatt li, safejn ir-Regolament (KE) Nru 659/1999 fih regoli ta' natura proċedurali, dawn japplikaw għall-proċeduri amministrattivi kollha fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat li kienu pendenti quddiem il-Kummissjoni fil-mument meta r-Regolament (KE) Nru 659/1999 daħal fis-seħħ, jiġifieri fis-16 ta' April 1999. F'dan il-każ, din il-kawża tidħol fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali mibdija b'effett mit-30 ta' Ġunju 1996.

(155) F'dan il-każ partikolari, peress li l-għajnuniet ingħataw kull sena b'effett mill-1980 u peress li l-Kummissjoni għamlet talba għall-informazzjoni lill-awtoritajiet Franċiżi f'April 1992, jidher li l-għajnuniet mogħtija lill-CELF fl-1980 u l-1981 ma jistgħux jiġu rkuprati u dan minħabba l-iskadenza tat-terminu tal-preskrizzjoni.

(156) Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ma teżiġix l-irkupru tal-għajnuna jekk, b'dan il-mod, hija tmur kontra xi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw li hija ma tordnax li l-għajnuniet mogħtija illegalment jiġu rkuprati meta dak l-irkupru jmur kontra xi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

(157) Huwa f'dan il-kuntest li, fid-deċiżjoni tagħha għall-estensjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni kienet talbet lill-awtoritajiet Franċiżi, lill-benefiċjarju tal-għajnuna u lil kull parti interessata oħra biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-applikazzjoni, f'dan il-każ, tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi, tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, jew ta' kull prinċipju ieħor li seta' jwassal lill-Kummissjoni biex ma teżiġix li l-għajnuna tiġi rkuprata.

(158) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Franċiżi, fl-osservazzjonijiet tagħhom, ikkunsidraw li kienu jeżistu ċirkustanzi eċċezzjonali li jippermettu li jiġi limitat l-obbligu tar-restituzzjoni tal-għajnuniet. Min-naħa l-oħra, is-SIDE sostniet li mhuwiex minnu li tali ċirkustanzi kienu jeżistu.

(159) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li fil-kuntest tad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża CELF iċċitata iktar 'il fuq, il-qorti tar-rinviju kienet staqsiet, essenzjalment, dwar jekk l-adozzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' tliet deċiżjonijiet suċċessivi li jiddikjaraw għajnuna bħala li hija kompatibbli mas-suq intern, li sussegwentement ġew annullati mill-qorti Komunitarja, kinitx, fiha nfisha, suxxettibbli li tikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali ta' natura li tiġġustifika li jiġi limitat l-obbligu tal-benefiċjarju biex iħallas lura dik l-għajnuna.

(160) Fis-sentenza tagħha ċċitata iktar 'il fuq, tal-11 ta' Marzu 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet qabel xejn għas-sentenza tagħha tat-12 ta' Frar 2008, fejn hija kienet indikat fil-punti 65 *et seq* li wara l-annullament ta' deċiżjoni pożittiva tal-Kummissjoni, il-possibbiltà, għall-benefiċjarju ta' għajnuna implementata b'mod illegali, li jinvoka ċirkustanzi eċċezzjonali li setgħu jkunu bażi leġittima għall-aspettattivi tiegħu li din l-għajnuna kienet legali, u li jikkontesta, għaldaqstant, il-ħlas lura tagħha, ma setgħatx tkun eskluża ([2]).

(161) Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat hemmhekk ukoll illi l-benefiċjarju tal-għajnuna ma jistax jibni aspettattivi leġittimi minn deċiżjoni pożittiva tal-Kummissjoni, minn naħa, meta din id-deċiżjoni tkun ġiet ikkontestata fit-termini għall-preżentata ta' rikors u tkun sussegwentement ġiet annullata mill-qorti tal-Unjoni Ewropea u lanqas, min-naħa l-oħra, sakemm ma jiskadi t-terminu għall-preżentata ta' rikors jew, fil-każ li jiġi ppreżentat rikors, sakemm il-qorti tal-Unjoni Ewropea ma tkun tat deċiżjoni finali f'dan ir-rigward ([3]).

(162) F'dan il-każ, fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li l-annullament tat-tielet deċiżjoni pożittiva tal-Kummissjoni permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2008, fih innifsu, mhuwiex ta' natura li joħloq aspettattivi leġittimi u li jikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali ([4]).

(163) Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li s-suċċessjoni mhux ordinarja ta' tliet annullamenti tirrifletti, *a priori*, id-diffikultà tal-każ u mhux talli ma toħloqx aspettattivi leġittimi iżda hija pjuttost ta' natura li trawwem dubji għall-benefiċjarju fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni. Hija tirrikonoxxi li s-suċċessjoni ta' tliet annullamenti tammonta għal sitwazzjoni rara ħafna, iżda ssostni li tali ċirkustanzi jagħmlu parti mill-funzjonament normali tas-sistema ġudizzjarja, sistema li toffri lill-individwi li jħossu li ġarrbu l-konsegwenzi tal-illegalità ta' għajnuna l-possibbiltà li jippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjonijiet suċċessivi li fil-fehma tagħhom ikkawżaw din is-sitwazzjoni.

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ottubru 2006, *Transalpine Ölleitung in Österreich* (C-368/04, Ġabra I-09957, punt 34).

([2]) Punti 42 *et seq*.

([3]) Punti 66 sa 68.

([4]) Punti 50 *et seq*.

(164) Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat f'dan il-każ li l-eżistenza ta' ċirkustanza eċċezzjonali lanqas ma tista' tiġi kkonstatata fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali ([1]). Fil-fatt, sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni li tapprova l-għajnuna u sakemm it-termini għall-preżentata ta' rikors kontra tali deċiżjoni jkunu għadhom ma skadewx, il-benefiċjarju ma jkollu ebda ċertezza fir-rigward tal-legalità tal-għajnuna, b'tali mod li la jista' jiġi invokat il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u lanqas dak taċ-ċertezza legali.

(165) Barra minn hekk, kif indikat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2010 ([2]), f'dan il-każ partikolari, l-eżistenza ta' ċirkustanza eċċezzjonali ma tistax tiġi kkonstatata fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, il-kanċellament ta' għajnuna illegali permezz ta' rkupru hija l-konsegwenza loġika tal-konstatazzjoni tal-illegalità tagħha, b'tali mod li l-irkupru ta' din l-għajnuna, bil-għan li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti, ma jistax jiġi kkunsidrat, bħala prinċipju, li huwa miżura sproporzjonata meta mqabbla mal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat.

(166) Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' tliet deċiżjonijiet suċċessivi li jiddikjaraw għajnuna kompatibbli mas-suq komuni, deċiżjonijiet li sussegwentement ġew annullati mill-qorti Komunitarja, ma tistax, fiha nfisha, tikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali ta' natura li tiġġustifika limitazzjoni tal-obbligu tal-benefiċjarju li jħallas lura din l-għajnuna illegali u inkompatibbli.

(167) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel u fin-nuqqas ta' xi elementi oħra li jistgħu jikkostitwixxu ċirkustanza eċċezzjonali, il-Kummissjoni tikkunsidra għaldaqstant li f'dan il-każ ma teżistix ċirkustanza eċċezzjonali li tista' tillimita l-obbligu tal-CELF li tħallas lura l-għajnuniet inkwistjoni (ħlief għall-ammonti mħallsa fl-1980 u 1981, kif ġie spjegat qabel).

## 6. **IRKUPRU**

(168) Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/99, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jirkupraw mingħand il-CELF l-ammonti ta' għajnuniet li ngħatawlha taħt il-programm "petites commandes" ("ordnijiet żgħar") matul is-snin 1982 sal-2001.

(169) Skont ma' dak li jirriżulta mit-tabella Nru 1 ([3]), l-ammont totali tal-għajnuna biex tiġi rkuprata mingħand il-CELF li hija rċeviet matul is-snin 1982 sal-2001 jitla' għaldaqstant għal EUR 4 631 401 li magħhom għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet.

(170) Skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/99, l-għajnuna li trid tiġi rkuprata għandha fil-fatt tinkludi l-imgħaxijiet komposti li għandhom jgħoddu mid-data li fiha l-għajnuna illegali tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sad-data tal-irkupru effettiv.

(171) Madankollu, jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ottubru 2000, mogħtija fil-kawża Magefesa ([4]), li meta impriża tkun falluta u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprovdi hekk, l-imgħaxijiet li jkunu pagabbli wara d-dikjarazzjoni ta' falliment tal-impriża, fuq l-ammont ta' għajnuniet li jkunu ttieħdu b'mod illegali qabel dik id-dikjarazzjoni, ma jkunux dovuti.

(172) F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li, fin-nota tagħhom mibgħuta fis-27 ta' Jannar 2010, l-awtoritajiet Franċiżi informaw lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni li fiha kienet tinsab il-CELF.

(173) Kont meħud tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-CELF, il-CELF tpoġġiet taħt proċedura ta' salvagwardja fil-25 ta' Frar 2009. Ġie maħtur ukoll amministratur ġudizzjarju.

(174) Fil-kuntest tat-tilwima fuq l-għajnuniet mill-Istat, l-Istat Franċiż semma d-djun segwenti: EUR 11 885 785,02 (bħala ħlas ta' imgħaxijiet skont is-sentenza ċċitata iktar 'il fuq tal-Conseil d'État tad-19 ta' Diċembru 2008), u EUR 4 814 339,9 (bħala r-rimbors eventwali tal-kapital tal-għajnuna meħuda matul is-snin 1980-2001).

(175) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li mill-istat tad-djun jirriżulta li fuq passiv totali ddikjarat ta' EUR 21 254 232,29, id-djun ikkontestati jitilgħu għal EUR 17 045 039,50.

(176) Wara li kkonstata li l-ħlas ta' dawn kien manifestament impossibbli, l-amministratur ġudizzjarju talab li l-proċedura ta' salvagwardja tinbidel f'waħda ta' likwidazzjoni ġudizzjarja b'mod partikolari minħabba d-djun iddikjarati mill-Istat.

(177) Permezz tas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2009 li kkonstatat l-eżistenza ta' passiv li jipprekludi l-idea ta' pjan ta' kontinwazzjoni, it-Tribunal de Commerce de Paris (il-Qorti tal-Kummerċ ta' Pariġi) iddikjarat li l-CELF għandha tiġi likwidata ġudizzjarjament u ħatret likwidatur. Il-Qorti tal-Kummerċ imsemmija stabbilixxiet terminu ta' sentejn li mal-għeluq tiegħu għandha tiġi eżaminata l-likwidazzjoni ġudizzjarja. L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-kwistjonijiet pendenti u/jew li għad iridu jqumu jistgħu madankollu jiġġustifikaw li d-data tal-għeluq tal-likwidazzjoni ġudizzjarja tiġi estiża.

([1]) Punt 53.
([2]) Punt 54.
([3]) Ara t-tabella Nru 1 murija fil-premessa 60 ta' din id-deċiżjoni.
([4]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ottubru 2000, *Il-Kummissjoni* vs *Spanja, "Magefesa"*, (C-480/98, Ġabra I-08717).

(178) L-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-persunal kollu tal-CELF ġie mkeċċi u li l-korp tal-likwidazzjoni ġie xolt fil-31 ta' Diċembru 2009. L-uniċi operazzjonijiet pendenti huma dawk biex jiġu rkuprati d-djun rimanenti dovuti mill-klijenti.

(179) Fl'ittra elettronika tad-9 ta' Marzu 2010, l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-proċedura ta' likwidazzjoni implementata għall-CELF kienet fil-fatt osservat ir-regoli normali tal-proċedura ta' likwidazzjoni tal-impriżi.

(180) Skont l-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Franċiżi, illum il-ġurnata l-CELF ma għadha twettaq ebda attività ekonomika.

(181) Konsegwentement, kont meħud tal-proċedura ta' likwidazzjoni pendenti fir-rigward tal-CELF, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-obbligu tagħhom biex jirkupraw l-għajnuna inkompatibbli, l-osservanza tal-ġurisprudenza li tapplika fil-każijiet ta' likwidazzjoni tal-impriża benefiċjarja [1]. Dan jippreżumi, b'mod partikolari, li l-attiv tal-CELF jinbiegħ bil-prezz tas-suq, li l-Istat jirreġistra d-djun tiegħu li jirrigwardaw l-irkupru tal-għajnuniet illegali inkompatibbli mal-passiv tal-impriża li tkun qegħda tiġi likwidata, u jinsisti b'mod sħiħ fuq id-drittijiet tiegħu bħala kreditur fil-fażijiet kollha tal-proċedura sa tmiem il-likwidazzjoni.

(182) Għal dak li jikkonċerna l-kalkolu tal-imgħaxijiet, għandu jiġi nnutat li fid-dritt Franċiż, l-Artikolu L 622-28 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jipprovdi li "id-deċiżjoni biex tinbeda [il-proċedura ta' salvagwardja] twaqqaf id-dekorriment tal-imgħaxijiet legali u konvenzjonali, kif ukoll l-imgħaxijiet moratorji u s-surcharges kollha".

(183) Konsegwentement, f'din il-kawża, l-ammonti mħallsa lill-CELF għandhom jgħaddu l-imgħax fuqhom b'effett mid-data li fiha l-istess ammonti kienu għad-dispożizzjoni tagħha sal-25 ta' Frar 2009, li hija d-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal de Commerce de Paris (il-Qorti tal-Kummerċ ta' Pariġi) biex tinbeda l-proċedura ta' salvagwardja li sussegwentement ġiet ikkonvertita f'likwidazzjoni ġudizzjarja permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Settembru 2009.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(184) Il-Kummissjoni tikkonstata li Franza tat għajnuna b'mod illegali lill-CELF bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

(185) Din l-għajnuna hija inkompatibbli mas-suq intern u għandha tiġi rkuprata mill-awtoritajiet Franċiżi, ħlief għal dak li jikkonċerna l-ammonti mħallsa fl-1980 u l-1981 li huma preskritti.

(186) L-awtoritajiet Franċiżi għandhom għaldaqstant jirkupraw mingħand il-CELF l-ammont ta' EUR 4 631 401 li magħhom għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet għal kull waħda mill-għajnuniet imħallsa fis-sena b'effett mill-1982. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati jagħtu lok għal imgħaxijiet b'effett mid-data li fiha huma tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-25 ta' Frar 2009, li hija d-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal de Commerce de Paris (il-Qorti tal-Kummerċ ta' Pariġi) biex tinbeda l-proċedura ta' salvagwardja.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat mogħtija minn Franza b'mod illegali, bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, lill-Coopérative d'exportation du livre français (CELF), hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

1. Franza hija obbligata li tirkupra l-ammont ta' EUR 4 631 401 li jikkorrispondi għall-ammonti, li CELF irċeviet matul is-snin 1982 sal-2001, bħala l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1.

2. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati jagħtu lok għal imgħaxijiet b'effett mid-data li fiha huma tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sal-25 ta' Frar 2009, li hija d-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal de Commerce de Paris (il-Qorti tal-Kummerċ ta' Pariġi) biex tinbeda l-proċedura ta' salvagwardja.

3. L-imgħaxijiet għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004.

*Artikolu 3*

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmi fl-Artikolu 2 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Franza għandha tiżgura li din id-deċiżjoni tiġi implementata fl-erba' xhur ta' wara d-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 4*

1. Fix-xahrejn ta' wara n-notifika ta' din id-deċiżjoni, Franza għandha tibgħat l-informazzjoni segwenti:

(a) l-ammont totali (prinċipal u imgħaxijiet) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarju;

[1] Ara l-punti 63 *et seq* tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Lejn implimentazzjoni effettiva tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri biex tiġi rkuprata Għajnuna mill-Istat inkompatibbli li ngħatat kontra l-liġi (ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4).

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li jkunu ttieħdu diġà u dawk li huma previsti biex hija tikkonforma ma’ din id-deċiżjoni.

(c) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarju ntalab iħallas lura l-għajnuna.

2. Franza għandha żżomm lill-Kummissjoni informata minn qabel bil-miżuri nazzjonali li jittieħdu biex tiġi implementata din id-deċiżjoni sal-ikrupru sħiħ tal-għajnuna msemmi fl-Artikolu 2. Hija għandha tibgħat, immedjatament, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni kollha fuq il-miżuri li jkunu ttieħdu diġà u dawk li jkunu previsti biex hija tikkonforma ma’ din id-deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi l-informazzjoni dettaljata li tikkonċerna l-ammont tal-għajnuna u l-imgħaxijiet li jkunu ġew irkuprati diġà mingħand il-benefiċjarju.

*Artikolu 5*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lil Franza.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi-President*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Marzu 2011

## li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet li taħthom jista' jiġi awtorizzat it-tqegħid fis-suq ta' pakketti żgħar ta' taħlitiet ta' żrieragħ standard ta' varjetajiet differenti ta' ħxejjex li jappartjenu għall-istess speċi

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1760)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/180/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing [it-tqegħid fis-suq] ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3) tagħha,

Billi:

(1) Xi Stati Membri għarrfu lill-Kummissjoni li hemm domanda fis-suq għal pakketti żgħar ta' taħlitiet ta' varjetajiet ta' ħxejjex tal-istess speċi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dettaljati fir-rigward ta' dawn il-pakketti żgħar.

(2) Meta titqies id-domanda fl-Istati Membri kkonċernati, din id-Deċiżjoni għandha tkopri l-ispeċi kollha li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2002/55/KE. Id-daqs massimu għal dawn il-pakketti żgħar għandu jiġi espress bħala piż nett massimu taż-żrieragħ li jkun fih, u kif stabbilit fl-Artikolu 2(1)(g) tad-Direttiva 2002/55/KE.

(3) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għat-tikkettar ta' dawn il-pakketti żgħar sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà u l-informazzjoni xierqa għall-utenti.

(4) L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni sal-aħħar tal-2012 dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta l-effettività ta' din id-Deċiżjoni u sabiex tidentifika kwistjonijiet possibbli li jista' jkollhom bżonn jiġu indirizzati aktar.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-proċeduri tagħhom stess għat-tqegħid fis-suq ta' pakketti żgħar ta' taħlitiet ta' żrieragħ standard tal-ispeċi elenkati fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2002/55/KE. Dawn il-pakketti żgħar jista' jkun fihom varjetajiet differenti tal-istess speċi biss.

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.

*Artikolu 2*

Il-pakketti żgħar imsemmija fl-Artikolu 1 jista' jkun fihom żrieragħ sa piż nett kif stabbilit fl-Artikolu 2(1)(g) tad-Direttiva 2002/55/KE.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pakketti żgħar, kif imsemmija fl-Artikolu 1, ikollhom tikketta tal-fornitur jew avviż stampat jew ittimbrat.

Din it-tikketta jew dan l-avviż għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kliem "regoli u standards tal-UE";

(b) l-isem u l-indirizz jew il-marka ta' identifikazzjoni tal-persuna responsabbli għat-twaħħil tat-tikketta;

(c) is-sena tas-siġill espressa bħala: "siġillat … [is-sena]", jew is-sena tal-aħħar teħid ta' kampjuni għall-iskopijiet tal-aħħar ittestjar tal-ġerminazzjoni espressa bħala: "teħid ta' kampjuni … [is-sena]"; tista' tiżdied l-indikazzjoni "uża qabel … [id-data]";

(d) il-kliem "taħlita ta' varjetajiet ta' … [l-isem tal-ispeċi]";

(e) id-denominazzjoni tal-varjetajiet;

(f) il-proporzjon tal-varjetajiet, espress bħala piż nett jew bħala għadd ta'żrieragħ;

(g) in-numru ta' referenza tal-lott mogħti mill-persuna responsabbli għat-twaħħal tat-tikketti;

(h) il-piż nett jew gross jew l-għadd taż-żrieragħ;

(i) meta l-piż ikun indikat u jintużaw pestiċidi granulati, sustanzi fl-għamla ta' pretkuni jew addittivi solidi oħra, in-natura tat-trattament kimiku jew l-addittiv u l-proporzjon approssimattiv bejn il-piż tal-ħbub jew taż-żrieragħ puri u l-piż totali.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI TAL-ISTATI TAL-EFTA

## Nru 5/2010/KP

## tad-9 ta' Diċembru 2010

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 4/2004/KP li tistabbilixxi Kumitat tal-Mekkaniżmu Finanzjarju

IL-KUMITAT PERMANENTI TAL-ISTATI TAL-EFTA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE bejn l-2009 u l-2014,

Wara li kkunsidra il-Protokoll 38b dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE, imdaħħal fil-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Ftehim imsemmi hawn fuq bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE bejn l-2009 u l-2014,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja għall-perjodu 2009 – 2014,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 4/2004/KP tat-3 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi Kumitat tal-Mekkaniżmu Finanzjarju ([1]),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 1/2010/KP tat-28 ta' Jannar 2010 li tistabbilixxi Kumitat Interim tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2009-2014 ([2]),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 4/2004/KP it-tieni sentenza tal-paragrafu 1 għandha tinbidel permezz ta' dan li ġej:

> "Il-Kumitat għandu jmexxi l-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2004-2009 u l-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2009-2014".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika fil-ġurnata li tidħol fis-seħħ jew fil-ġurnata tal-applikazzjoni proviżorja tal-att legali li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu 2009-2014.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2010.

*F'isem il-Kumitat Permanenti*

| *Il-President* | *Is-Segretarju Ġenerali* |
| --- | --- |
| Stefán Haukur JÓHANNESSON | Kåre BRYN |

([1]) ĠU L 52, 23.2.2006, p. 54.
([2]) ĠU L 53, 4.3.2010, p. 19.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI TAL-ISTATI TAL-EFTA

## Nru 6/2010/KP

## tad-9 ta’ Diċembru 2010

## li testendi x-xogħlijiet tal-Uffiċċju għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja

IL-KUMITAT PERMANENTI TAL-ISTATI TAL-EFTA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 1/2004/KP tal-5 ta’ Frar 2004 li tistabbilixxi Uffiċċju għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja;

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE bejn l-2009 u l-2014,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 38b dwar il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE, imdaħħal fil-Ftehim taż-ŻEE permezz tal-Ftehim imsemmi hawn fuq bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE bejn l-2009 u l-2014,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja għall-perjodu 2009-2014,

Waqt li jfakkar li, l-Artikolu 1, il-paragrafu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 1/2004/KP jagħti mandat għall-amministrazzjoni tal-Mekkaniżmi Finanzjarji 2004-2009 biss lill-Uffiċċju għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja,

Filwaqt li jikkunsidra l-bżonn ta’ Segretarjat biex jamministra l-Mekkaniżmi Finanzjarji taż-ŻEE u tan-Norveġja 2009-2014,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. L-Uffiċċju għall-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u l-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 1/2004/KP, qiegħed hawnhekk jiġi mogħti responsabbiltà ta’ xogħol addizzjonali biex iservi bħala segretarjat għall-assistenza waqt l-immaniġġjar tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2009-2014 u l-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja 2009-2014.

2. Rigward il-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE 2009-2014, l-Uffiċċju għandu jirrapporta lill-Kumitat tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE.

3. Rigward il-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja 2009-2014, l-Uffiċċju għandu jirrapporta lill-Ministeru tan-Norveġja għall-Affarjijiet Barranin.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika fil-ġurnata li tidħol fis-seħħ jew fil-ġurnata tal-applikazzjoni proviżorja tal-att legali li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu 2009-2014.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, id-9 ta’ Diċembru 2010.

*F’isem il-Kumitat Permanenti*

| *Il-President* | *Is-Segretarju Ġenerali* |
|---|---|
| Stefán Haukur JÓHANNESSON | Kåre BRYN |

IV

*(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)*

# DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

# Nru 290/09/COL

# tal-1 ta' Lulju 2009

# dwar l-għajnuna mogħtija lis-settur tal-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fil-Kontea ta' Troms

# (In-Norveġja)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea [2], partikolarment l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar il-Ħolqien ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], partikolarment l-Artikolu 24 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Artikolu 1(2) tal-Parti I u l-Artikoli 7(2), 7(5), 13 u 14 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE [4], partikolarment il-Kapitoli dwar il-kumpens għas-servizz pubbliku u dwar il-garanziji mill-Istat,

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija taħt l-Artikolu 27 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti [5],

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 389/06/COL tat-13 ta' Diċembru 2006 biex jingħata bidu għall-proċeduri li jipprovdi għalihom l-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti [6],

WARA LI STIEDNET lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom [7] u wara li kkunsidrat dawn il-kummenti,

Billi:

## I. FATTI

### 1. Proċedura

B'ittra datata s-17 ta' Marzu 2006, North European Aviation Resources AS (minn issa 'l quddiem "NEAR" jew "il-kwerelant") ressaq ilment kontra l-għotja tal-għajnuna, permezz tal-Baġit Nazzjonali Rivedut, lill-Kulleġġ Norveġiż dwar l-Avjazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-KNA"). L-ittra waslet u ġiet reġistrata mill-Awtorità fl-20 ta' Marzu 2006 (Avveniment Nru 366921). B'ittra datata l-25 ta' Awwissu 2006, li waslet u ġiet reġistrata mill-Awtorità fit-28 ta' Awwissu (Avveniment Nru 385471), in-NEAR ressqu parti ulterjuri mal-ilment tagħhom rigward bosta flejjes mogħtija lill-KNA mill-Kontea ta' Troms u mill-Muniċipalità ta' Målselv.

B'ittri datati l-11 ta' April 2006 (Avveniment Nru 369763) u s-7 ta' Settembru 2006 (Avveniment Nru 385794), l-Awtorità infurmat lill-awtoritajiet Norveġiżi dwar l-ilment u l-parti ulterjuri tagħha u stednithom biex jikkumentaw dwar dawn.

Wara li eżaminat dawk il-kummenti, l-Awtorità infurmat lill-awtoritajiet Norveġiżi, b'ittra datata t-13 ta' Diċembru 2006 (Avveniment Nru 401508), li ddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stabbilità fl-Artikolu 1(2) tal-Parti 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti rigward l-għajnuna mogħtija fis-settur tal-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fil-Kontea ta' Troms [8]. Il-Gvern tan-Norveġja ġie mistieden biex jikkummenta dwar id-deċiżjoni. B'ittra datata l-15 ta' Frar 2007, li waslet u ġiet reġistrata mill-Awtorità fid-19 ta' Frar 2007 (Avveniment Nru 410248), l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-kummenti tagħhom.

---

[1] Minn issa 'l quddiem l-Awtorità.

[2] Minn issa 'l quddiem il-Ftehim taż-ŻEE.

[3] Minn issa 'l quddiem il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

[4] Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità taż Sorveljanza tal-EFTA fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (minn issa 'l quddiem ĠU) L 231, 3.9.1994 p. 1 u s-Supplimenti taż-ŻEE Nru 32, 3.9.1994. Il-Linji Gwida ġew emendati l-aħħar fil-25 ta' April 2007. Minn issa 'l quddiem il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat.

[5] ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37 u s-Suppliment taż-EE 26, 25.5.2006, p. 1.

[6] Minn issa 'l quddiem id-Deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali.

[7] ĠU C 77, 5.4.2007, p. 35 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 17, 5.4.2007, p. 16.

[8] Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar il-korrispondenza bejn l-awtoritajiet Norveġiżi u l-Awtorità, issir referenza għad-Deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali.

Id-Deċiżjoni Nru 389/06/COL biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Supplement taż-ŻEE tiegħu. L-Awtorità stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom ([9]).

L-Awtorità rċeviet żewġ settijiet ta' kummenti minn partijiet interessati. B'ittra datata l-10 ta' Ottubru 2007 (Avveniment Nru 446322), l-Awtorità ressqet dawn lill-awtoritajiet Norveġiżi, u tathom l-opportunità biex iwieġbu. B'ittra datata t-13 ta' Novembru 2007 (Avveniment Nru 451773), l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu kummenti.

## 2. **Deskrizzjoni tal-miżura proposta**

### 2.1. *Miżuri li qed jiġu eżaminati*

(a) Għotja lill-KNA

Skont il-Gvern Norveġiż, il-Parlament introduċa għotja ta' NOK 4,5 miljun għall-"edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru li jinsabu f'Tromsø/Bardufoss" f'Ġunju 2005. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u r-Riċerka alloka din l-għotja direttament lill-KNA fit-8 ta' Lulju 2005.

NOK 4,5 miljun oħrajn inkitbu fil-Baġit tal-Istat tal-2006 u ġew proposti għal darb'oħra fl-abbozz tal-baġit għall-2007. Madankollu, skont il-Gvern Norveġiż, il-Parlament ġie notifikat dwar l-ilment u allokazzjonijiet ulterjuri lill-KNA ġew sospiżi sakemm tiġi riżolta l-kwistjoni.

(b) Finanzjament tal-Proġett għal Norsk Luftfartshøgskole

Il-Kontea ta' Troms ikkonfermat li, bid-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2006, hija tat finanzjamet għall-proġett ta' NOK 1,9 miljun lill-Norsk Luftfartshøgskole (in-NLH), korp li l-awtoritajiet Norveġiżi jiddiskrivu bħala fondazzjoni mhux kummerċjali mwaqqfa biex tiffaċilita l-edukazzjoni lill-bdoti fit-Tramuntana tan-Norveġja.

(c) Self lill-KNA mill-Kontea ta' Troms u r-remissjoni sussegwenti tiegħu

Skont il-Kontea ta' Troms County, hija tat self ta' NOK 400 000 lill-KNA fil-1999 b'konformità mal-Iskema ta' Self Reġjonali notifikata lill-Awtorità u awtorizzata minnha. Is-self oriġinali antiċipa ħlas lura f'rati ta' mgħax prevalenti wara perjodu inizjali ta' tliet snin. Wara l-estensjonijiet tal-perjodu għall-ħlas lura, il-Kontea ta' Troms tat remissjoni tas-self bid-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-kondizzjoni li l-kredituri kollha l-oħra jipparteċipaw fir-rimbors tad-djun tal-KNA.

(d) Garanzija tas-self

Il-Kontea ta' Troms ikkonfermat li ggarantiet NOK 500 000 tad-dejn tal-KNA għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2002 sal-1 ta' Settembru 2012 mingħajr ma talbet lill-KNA biex tħallas primjum ta' garanzija.

(e) Self lin-NLH mill-Muniċipalità ta' Målselv

Il-Muniċipalità ta' Målselv iddikjarat li, bid-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2006, hija tat self subordinat ta' NOK 1,3 miljun lill-KNA b'rata ta' mgħax ta' 8,5 % fis-sena, l-ammont totali flimkien mal-imgħax li jkun wasal biex jagħlaq mhux aktar tard minn tmiem l-2007. Bid-deċiżjoni tal-24 ta' April 2008, il-Muniċipalità ta' Målselv estendiet l-iskadenza għall-ħlas lura sal-31 ta' Diċembru 2008. Minn dak in-nhar l-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li s-self kien għan-NLH u mħallas lilu.

### 2.2. *L-għan tal-miżuri li qed jiġu eżaminati*

(a) Għotja

Skont il-Gvern Norveġiż, kemm il-kapaċita tal-Forza tal-Ajru biex tħarreġ bdoti għal servizz mhux relatat ma' dak tal-forzi armati, kif ukoll is-sostenn finanzjarju għall-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru provduta mill-linja tal-ajru SAS f'dawn l-aħħar snin bdew jonqsu. Il-finanzjament ikkontestat wieħed jista' jarah bħala konsegwenza ta' dawn il-bidliet. L-għotja tista' tintuża biss biex tiġi assigurata l-kontinwità tal-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru attwali fil-KNA, bit-tħassib ikun dwar kif se tinżamm il-kapaċità attwali għall-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fin-Norveġja u biex tiġi evitata kriżi fir-reklutaġġ tal-bdoti.

(b) Finanzjament tal-proġett għan-NLH

Skont il-Kontea ta' Troms, il-finanzjament tal-proġett jimmira biex jassigura li l-kompetenza tal-avjazzjoni attwali fil-Kontea tiġi żviluppata u mtejba.

(c) Is-self lill-KNA mill-Kontea ta' Troms u l-eżenzjoni sussegwenti

Skont il-Kontea ta' Troms, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-KNA wasslet għall-ħtieġa li jingħataw estensjonijiet għall-iskadenza għal ħlas lura tas-self u eventwalment biex jitħassar kollu kemm hu.

(d) Garanzija tas-self

Is-sidien tal-KNA ġew mitluba jagħtu garanzija fi proporzjon mas-sehem tat-titolu tagħhom u rigward self biex jiġi finanzjat simulatur tat-titjira.

(e) Self lin-NLH mill-Muniċipalità ta' Målselv

L-ebda għan ma' ġie speċifikat

([9]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 7.

2.3. *Bażi legali nazzjonali għall-miżura tal-għajnuna*

L-għotja diretta, li tammonta għal NOK 4,5 miljun, hija provduta fil-kuntest tal-Baġit Nazzjonali Rivedut għall-2005 (Kap. 281, post 1). Din il-lijna baġitarja tinkludi wkoll NOK 574 000 għal għanijiet oħrajn li mhux relatati mal-miżuri li qed jiġu eżaminati.

Il-miżuri l-oħrajn huma riżultat ta' deċiżjonijiet jew tal-Kunsill tal-Kontea ta' Troms jew tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Muniċipalità ta' Målselv.

2.4. *Riċevituri*

Il-KNA hi kumpanija b'responabbiltà limitata reġistrata fin-Noverġja sa mill-1993. Hija kienet proprjetà tal-SAS (60 %), Norsk Luftfartshøgskole (29 %) u azzjonisti oħrajn iżgħar. F'Novembru 2006, in-NLH żiedet il-parteċipazzjoni tagħha fil-KNA għal 95,65 %. L-4,35 % tal-ishma li jifdal huma miżmuma mill-Hurtigruten AS.

Il-KNA, li tmexxi l-unika edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fir-reġjun ta' Tromsø/Bardufoss, instabet li hija l-unika benefiċjarja possibbli għall-għotja parlamentari.

Il-KNA hija wkoll il-benefiċjarja speċifika tas-self (sussegwentament maħfur) u garanzija tas-self mill-Kontea ta' Troms. Il-finanzjament tal-proġett ingħata mill-Kontea ta' Troms lill-Norsk Luftfartshøgskole, kif wkoll is-self mill-Muniċipalità ta' Målselv.

Norsk Luftfartshøgskole hi fondazzjoni reġistrata fin-Noverġja sa mill-1997. Il-membri li waqqfuha huma Troms fylkeskommune, SAS Flight Academy u l-Muniċipalitajiet ta' Bardu u Målselv. L-għan ta' din il-fondazzjoni mingħajr skop ta' qligħ hu reġistrat bħala l-kiri ta' proprjetà u l-objettiv huwa dikjarat bħala l-iffaċilitar tal-operat għall-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fit-Tramuntana tan-Noverġja billi tiżviluppa, tagħti bidu għal, u tikkoordina offerti dwar l-edukazzjoni u l-ksib tal-l-bini meħtieġ.

## 3. **Id-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali**

Fid-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni preliminari li l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi eskluża u li, abbażi l-informazzjoni disponibbli, dublji li jeżistu dwar il-kompatibbiltà ta' dik l-għajnuna mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE.

## 4. **Kummenti mill-awtoritajiet Norveġiżi dwar dik id-deċiżjoni**

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-finanzjament ikkontestat ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat għax l-edukazzjoni offruta mill-KNA mhix attività ekonomika u għalhekk ma taqax biex tiġi valutata taħt l-Artikolu 61 taż-ŻEE. L-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw ukoll li, anka jekk l-attività taqa' fl-ambitu ta' dik id-dispożizzjoni, il-finanzjament ikkontestat jkun kumpens għall-provvista ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali fit-tifsira tal-Artikolu 59(2) taż-ŻEE.

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-edukazzjoni, anke jekk taqa' barra l-ambitu tas-sistema nazzjonali tal-edukazzjoni, tista' tħares lejha bħala attività mhux ekonomika. Il-kontenut u l-istandard tal-kors offrut mill-KNA hu stabbilit f'att pubbliku, l-Att Norveġiż dwar l-Avjazzjoni. Barra minn hekk, attwalment qed tiġi esplorata l-possibbiltà li l-edukazzjoni lill-bdoti tiġi integrata fis-sistema nazzjonali tal-edukazzjoni. L-awtoritajiet Norveġiżi jidentifikaw problema potenzjali dwar ir-reklutaġġ fix-xejra attwali biex il-piż tal-ispejjeż tal-edukazzjoni jintefa' fuq l-istudenti (tradizzjonalment l-ispejjeż kienu kondiviżi bejn il-kumpaniji tal-avjazzjoni u l-istudenti). L-ispiża li tiġi offruta edukazzjoni bħal din hija kbira u, għalkemm l-edukazzjoni hija provduta minn operatturi privati, ma jidhirx li tinvolvi attività ekonomika ta' gwadann ([10]). Għalhekk, l-awtoritajiet Norveġiżi jiddikjaraw li, b'konformità mal-każistika tal-QEĠ, il-finanzjament ikkontestat sempliċement irrappreżenta l-Istat li qed jissodisfa l-obbligu tiegħu lejn il-popolazzjoni tiegħu fil-qasam tal-edukazzjoni.

Fl-alternattiva, l-awtoritajiet Norveġiżi huma tal-fehma li l-finanzjament ikkontestat, meta eżaminat fid-dawl tal-Artikolu 59(2) taż-ŻEE, huwa legali. Huma jenfasizzaw id-diskrezzjoni li tħalliet f'idejn l-Istat meta kellu jiġi definit x'jikkostitwixxi "servizz ta' interess ekonomiku ġenerali" (SIEĠ) u ddikjaraw li dan il-kunċett japplika għall-edukazzjoni lill-bdoti provduta mill-KNA. Rigward dan, huma enfasizzaw li l-edukazzjoni speċifika offruta mill-KNA, peress li hi l-unika Programm għall-Bdoti tat-Traffiku tal-Linji tal-Ajru li għalihom it-taħriġ iseħħ fin-Noverġja, kellha rwol importanti ħafna fir-reklutaġġ ta' bdoti biex iservu s-suq Norveġiż. B'hekk is-sostenn tat-taħriġ lill-bdoti fil-KNA hu kwistjoni ta' politika nazzjonali ta' edukazzjoni marbuta direttament mal-benefiċċju għal perjodu twil lill-pubbliku u ma jiddiskriminax, peress li ma hemmx aktar fornituri ta' edukazzjoni integrata fin-Noverġja.

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-ewwel kondizzjoni fl-Artikolu 59(2) taż-ŻEE, dik ta' għotja, inkisbet permezz ta' allokazzjoni ta' baġit speċifika "għall-edukazzjoni lill-bdoti għat-trasport bil-linji tal-ajru fil-Kontea ta' Troms/Bardufoss" flimkien mal-Att Norveġiż dwar l-Avjazzjoni. L-awtoritajiet Norveġiżi ddikkjaraw li t-tieni kondizzjoni tinvolvi kontroll għal "żball evidenti" kontra "relazzjoni raġonevoli bejn l-għan u l-metodi użati". Huma ddikjaraw li d-deroga tapplika jekk hi meħtieġa biex tippermetti t-twettiq tax-xogħlijiet tagħha fuq termini finanzjarji aċċettabbli ([11]). L-awtoritajiet Norveġiżi jeskludu l-possibbiltà li jagħtu kumpens żejjed, u jinnotaw li l-allokazzjoni ta' NOK 4,5 miljun tkopri biss 20 % tal-ispejjeż tal-programm tal-bdoti tal-linji tal-ajru.

([10]) L-awtoritajiet Norveġiżi jidhru li qed jirreferu għall-proċedimenti ta' stralċ li ngħataw bidu mill-bord tal-KNA bħala sostenn ta'din il-proposta.

([11]) Il-fatt li l-KNA attwalment hi soġġetta għal proċedimenti ta' falliment qed jintuża għas-sostenn ta' din id-dikjarazzjoni.

L-awtoritajiet Norveġiżi jenfasizzaw li r-rekwiżit fl-Artikolu 59(2) taż-ŻEE li l-kummerċ ma ntlaqatx "b'tali mod li jkun kontra l-interessi tal-Partijiet Kontraenti" hu inqas strett minn dak il-kriterju ta' effett fuq il-kummerċ għall-iskopijiet li tiġi stabbilità l-preżenza ta' għajnuna taħt l-Artikolu 61(1) taż-ŻEE. Huma kkwotaw l-eżerċizzju ta' bilanċ imsemmi mill-Qorti tal-Ġustizja fil-każistika tagħha ([12]), u kkunsidraw li l-piż tal-prova f'din il-kwistjoni jaqa' fuq l-Awtorità ([13]).

Kummenti speċifiċi mill-Kontea ta' Troms

Il-Kontea ta' Troms hi tal-opinjoni li l-iżgurar ta' edukazzjoni xierqa lill-bdoti tal-linji tal-ajru hi biċċa xogħol vitali ta' importanza nazzjonali. Hi tal-fehma li l-parteċipazzjoni tagħha, kemm diretta (garanzija tas-self u r-remissjoni tas-self) kif ukoll indiretta (bħala sid tan-NLH), fir-ristrutturar finanzjarju tal-KNA bħala prattika normali tas-suq u tenfasizza li l-kontribuzzjoni tagħha ġiet ibbażata fuq il-kondizzjoni li kredituri oħrajn jipparteċipaw fl-irristrutturar tad-dejn ([14]).

Il-Kontea ta' Troms spjegat li l-garanzija tassigura self biex jiġi finanzjat simulatur tat-titjira. Is-sidien aħħarija tal-KNA ġew mitluba jiggarantixxu is-self, biex jevitaw ħlas bil-quddiem. Il-garanzija mill-Kontea ta' Troms tirrappreżenta 12,27 % tal-ammont tas-self. Il-Kontea ta' Troms tenfasizza n-natura ta' sussidjarja ewlenija tar-relazzjoni bejn il-KNA u l-Kontea. Tiddikjara wkoll li kull primjum, fil-każ li ġie mitlub, mhux ser ikun aktar mil-limitu *de minimis* għall-għajnuna.

Kummenti speċifiċi mill-Muniċipalità ta' Målselv

Il-Muniċipalità ta' Målselv tenfasizza li d-diffikultajiet finanzjarji esperjenzati mill-KNA fil-perjodu tas-self ġew perċepiti li huma temporanji u, bħala parti interessata, il-Muniċipalità pparteċipat fil-proċess ta' finanzjament mill-ġdid attwali. Il-Muniċipalità tiddikjara li, sakemm ir-riskji huma valutati kif inhu xieraq u b'mod oġġettiv fil-perjodu ta' meta ttieħdet id-deċiżjoni biex jingħata self, l-Awtorità għandha tibqa' lura milli teżamina l-livell ta' mgħax stabbilit sakemm ma jidhirx li ma kienx hemm raġunijiet oġġettivi *bona fide* biex jiġi kkunsidrat li investitur privat kellu jsellef xi flus fiċ-ċirkustanzi tal-każ.

## 5. **Kummenti mressqa minn partijiet terzi interessati**

B'ittra datata t-3 ta' Mejju 2007, li waslet u ġiet reġistrata mill-Awtorità fl-istess ġurnata (Avveniment Nru 420011), Rørosfly AS ressqet kummenti dwar id-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali. Huma jappoġġaw lill-kwerelant u jenfasizzaw il-vantaġġ kompetittiv li jinvolvi sostenn pubbliku ta' skola tat-titjir waħda biss.

B'ittra datata l-4 ta' Mejju 2007, li waslet u ġiet reġistrata mill-Awtorità fl-istess ġurnata (Avveniment Nru 420422), il-kwerelant ressaq kummenti dwar id-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali. Bħala rimarka preliminari, il-kwerelant jikkonfuta d-deskrizzjoni tas-sistema għall-edukazzjoni lill-bdoti mogħtija mill-awtoritajiet Norveġiżi u jsostni li hu, kif ukoll il-KNA, għandhom l-istess liċenzja (mogħtija mill-Awtorità Norveġiża dwar l-Avjazzjoni Ċivili) u t-tnejn li huma joffru edukazzjoni integrata fin-Noverġja biex issir Bdot għat-Trasport bil-Linji tal-Ajru ([15]).

B'referenza għall-argument li l-KNA ma jistax iwettaq attività ekonomika, il-kwerelant ifakkar it-tifsira tat-terminu "impriża", u jissuġġerixxi li t-test hu dwar jekk l-entità hix involuta jew le f'attività li hi waħda ekonomika, li tinvolvi l-offerta ta' oġġetti jew servizzi fis-suq li jistgħu, għalinqas fi prinċipju, jitwettqu minn impriża privata biex tagħmel xi profitti ([16]). Fil-fehma tal-kwerelant, il-KNA qed twettaq negozju kummerċjali tipiku bi skop ekonomiku evidenti. B'appoġġ għal din il-pożizzjoni, il-kwerelant jirreferi għar-reklamar estensiv tal-KNA bħala karatteristika tal-parteċipanti fis-suq. In-NEAR tirreferi wkoll għażżieda tad-dħul prorju tagħha ta' studenti sa mill-istarċ tal-KNA bħala spjegazzjoni tar-relazzjoni kompetittiva bejn il-bosta skejjel tat-titjir.

Rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 59(2) taż-ŻEE, il-kwerelant jistaqsi dwar il-kontenut eżatt tal-SIEĠ kwotat mill-awtoritajiet Norveġiżi. L-iskejjel kollha tat-titjir fin-Noverġja għandhom ikunu konformi mal-istess regoli nazzjonali u internazzjonali. Konsegwentament, l-attivitajiet kollha tal-KNA ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala SIEĠ; Il-KNA għandu jipprovdi xi ħaġa "addizzjonali" meta mqabbla ma' skejjel oħrajn. Il-kwerelant jidentifika l-provvistà tat-taħriġ kollu fin-Noverġja bħala l-unika element "addizzjonali" offrut mill-KNA. Minkejja kollox, filwaqt li l-karatteristika ta' SIEĠ hi dik li ma jiġix provdut mingħajr intervent pubbliku, in-NEAR toffri edukazzjoni integrata lill-bdoti b'taħriġ esklużiv fin-Noverġja (bi prezz inqas minn dak offrut mill-KNA). Għalhekk il-kwerelant jikkonkludi li l-klassifikazzjoni tas-servizzi inkwistjoni bħala SIEĠ tammonta għal żball evidenti. F'kull ċirkustanza, il-kwerelant jargumenta li l-kondizzjonijiet provduti għalihom fl-Artikolu 59(2) taż-ŻEE ma ġewx sodisfatti. Il-kwerelant jikkontesta d-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet Norveġiżi li l-għotja f'att uffiċjali twettqet permezz tal-Att Norveġiż dwar l-Avjazzjoni u bl-allokazzjoni tal-baġit. Barra minn hekk, b'referenza għal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat fuq kumpens għal servizz pubbliku, ma ġew speċifikati fl-ebda att uffiċjali la n-natura preċiża tas-SIEĠ u lanqas il-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens. Rigward dan, il-kwerelant jinnota li l-awtoritajiet

([12]) Il-Kawża 202/88 *il-Kummissjoni* v *Franza (Tagħmir tat-Telekomunikazzjonijiet tat-Terminals)* [1991] Ġabra I-1223, paragrafu 12.

([13]) L-awtoritajiet Norveġiżi jikkwotaw il-Kawża C-159/94 *il-Kummissjoni* v *Franza* [1997] Ġabra I-5815, paragrafi 112 u 113, b'sostenn għal din id-dikjarazzjoni.

([14]) Il-Kontea ta' Troms ressqet provi li żewġ kumpaniji oħrajn, li huma proprjetà privata b'self pendenti ta' NOK 200 000, it-tnejn li huma taw remissjoni tad-dejn lill-KNA bħala parti minn eżerċizzju ta' ristrutturar.

([15]) Il-kwerelant jinnota li studenti fin-NEAR jiġu offruti l-possibbiltà li jwettqu t-taħriġ kollu tagħhom fin-Norveġja iżda ħafna jagħżlu li jieħdu l-opportunitajiet offruti minn barra l-pajjiż. Id-differenza hi li l-KNA ma toffrix dawn l-apprentistati barra l-pajjiż u l-istudenti kollha jwettqu t-taħriġ fin-Norveġja biss.

([16]) Il-kwerelant jirreferi, rigward dan, għall-Kawżi C-41/90 *Höfner* [1991] Ġabra I-1979 u C-244/94 *Fédération Française des Sociétés d'Assurance* [1995] Ġabra I-4013. Min-naħa l-oħra, il-funzjoni purament soċjali tal-entità fil-Kawża C-159/91 *Poucet et Pistre* [1993] Ġabra I-637 tintuża bħala eżempju ta' klassifikazzjoni bħala xi ħaġa oħra barra impriża.

Norveġiżi ma ddokumentawx l-ispejjeż relatati ma' kwalunkwe SIEĠ (jiġifieri l-ispejjeż relatati ma "obbligu" potenzjali biex il-lezzjonijiet kollha tat-titjir jitwettqu fin-Noverġja). Fil-fatt, il-kwerelant jiddikjara li l-istess edukazzjoni tista' tiġi offruta min-NEAR għal prezz orħos ([17]).

Fl-aħħar, il-kwerelant jikkumenta dwar il-"prinċipju ta' investitur tas-suq". Hu ddikjarat li l-KNA kienet f'diffikultà finanzjarja għall-inqas minn meta s-SAS iddeċidiet li tirtira s-sostenn tagħha fl-2005 u li, f'dak il-perjodu tal-"investimenti", l-awtoritajiet Norveġiżi ma kellhomx bażi biex jistennew dħul raġonevoli tal-kapital investit. Rigward il-fatt li l-awtoritajiet kellhom sehem titolitarju fil-KNA, il-kwerelant jirreferi għal każistika tal-QEĠ u jiddikjara li, kontra dik il-każistika, l-"investimenti" ma kinux saru fl-astratt iżda fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet soċjali, reġjonali u settorjali. B'mod aktar speċifiku, il-kwerelant jiddikjara li Norsk Luftfartshøgskole għandha tiġi kkunsidrata bħala impriża fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE u li l-għotja ta' NOK 1,9 miljun lil dik l-entità tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku li jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-fondazzjoni hi mingħajr skop ta' qligħ, hu diffiċli li jiġi spjegat li l-investimenti huma konformi mal-prinċipju tal-investitur tas-suq. Il-kwerelant itenni l-punti li saru hawn fuq u jikkonkludi li Norsk Luftfartshøgskole ma ġietx inkarigata b'obbligu ta' servizz pubbliku taħt l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE, u li l-ammont mogħti ma jġorr l-ebda relazzjoni mal-ispiża ta' kwalunkwe SIEĠ allegat.

Il-kwerelant jidentifika wkoll, mill-kummenti tal-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali, żewġ elementi potenzjali ulterjuri ta' għajnuna: In-NLH ħelset lill-KNA mill-obbligi tiegħu tas-self b'relazzjoni mad-dormitorju għall-istudenti għal perjodu ta' żmien u naqqset il-livell ta' ħlasijiet pendenti għall-kera tal-ħangar u tal-faċilitajiet ta' amministrazzjoni. Il-kwerelant jikkunsidra li dawn l-azzjonijiet ma setgħux jitwettqu b'konformità mal-prinċipju tal-investitur tas-suq u li għalhekk huma jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat min-NLH lill-KNA.

Rigward ir-remissjoni tas-self ([18]), il-kwerelant jiddikjara li mhux biżżejjed li jintwera li investituri privati taw ukoll remissjoni u jsostni l-ilmenti tiegħu li r-remissjoni tas-self tammonta għal għajnuna mill-Istat li mhix b'konformità mal-prinċipju tal-investitur tas-suq. Partikolarment, il-kwerelant jinnota li l-Kontea ma ressqet l-ebda provi li jiddokumentaw pjan ta' ristrutturar li għandu jwassal għal dħul xieraq fuq l-investiment.

Rigward il-garanzija tas-self, il-kwerelant jikkontesta d-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet Norveġiżi li kumpaniji ewlenin ma għandhomx tendenza li jitlobu l-ħlas għal primjum ta' garanzija fuq self lil sussidjarji u jirreferi għat-taqsimiet 3-8 u 3-9 tal-Att Norveġiż rigward kumpaniji b'responsabbiltà limitata biex isostni l-ilment tiegħu li l-oppost hu l-verità.

Fl-aħħar, rigward ir-rata ta' mgħax ta' 8,5 % mitluba li titħallas fuq is-self mill-Muniċipalità ta' Målselv, il-kwerelant itenni l-konsiderazzjonijiet li jenfasizzaw il-prinċipju ta' investitur tas-suq u jikkonkludi li, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-KNA, ir-rata ta' mgħax ma tirreflettix ir-riskju marbut mas-self u għandu jiġi klassifikat bħala għotja/sussidju li investitur privat ma kienx jagħmel.

### 6. Kummenti mill-awtoritajiet Norveġiżi dwar dawk is-sottomissjonijiet

L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu għall-kummenti mressqa minn Rørosfly u mill-kwerelant billi enfasizzaw, l-ewwel, li KNA ma għadhiex teżisti bħala entità legali u, it-tieni, li peress li n-NEAR ma tinkuraġġixxix b'mod attiv lill-istudenti biex jagħmlu t-taħriġ intier tagħhom fin-Noverġja, is-sostenn lill-KNA ġie kkunsidrat li hu l-aħjar mezz biex jikkontribwixxi għall-ambjent tat-tagħlim tal-avjazzjoni fin-Noverġja.

## II. VALUTAZZJONI

### 1. L-ambitu tad-deċiżjoni attwali

Fil-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Norveġiżi jiddeskrivu r-relazzjoni bejn in-NLH u l-KNA u jsemmu li, fid-dawl tad-diffikultajiet finanzjarji li din tal-aħħar qed taffaċċja, in-NLH issospendiet temporanjament l-obbligi tal-kera b'relazzjoni mad-dormitorju li hi tat bħala kera lill-KNA u naqqset il-ħlasijiet dovuti bħala riżultat tal-kera ta' ħangar u faċilitajiet amministrattivi.

Il-kwerelant jenfasizza din l-azzjoni bħala żewġ każi ulterjuri ta' għajnuna lill-KNA filwaqt li l-awtoritajiet isostnu li azzjoni bħal din kienet normali fiċ-ċirkustanzi. Il-miżuri ma kinux parti mid-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Norveġiżi rigward ir-riċevitur tas-self mill-Muniċipalità ta' Målselv, dik il-miżura ma għadhiex tikkorrispondi mad-deskrizzjoni fid-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali. L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw ukoll li s-self, kif ukoll il-finanzjament tal-proġett allokat lin-NLH mill-Kontea ta' Troms ġew trasferiti lill-KNA *"għal servizzi meħtieġa biex jitwettaq proġett ta' żvilupp"*. Għal darb' oħra, dan it-trasferiment ta' fondi ma kienx imsemmi fid-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali.

([17]) Abbażi ta' spiża stmata ta' NOK 937 500 għall-edukazzjoni ta' kull student fil-KNA, il-kwerelant jiddikjara li l-KNA qed tingħata kumpens żejjed, peress li l-ispiża tal-edukazzjoni fin-NEAR u esklussivament fin-Norveġja hi ta' NOK 512 000.

([18]) Il-kwerelant jinnota li l-Kontea ma kkummentatx dwar l-għotja inizjali tas-self, u lanqas fuq il-posponiment tal-ħlas lura fl-2003. Hu jsostni l-ilment tiegħu li dawn l-elementi jammontaw ukoll għal għajnuna mill-Istat.

Rigward il-bidla fir-riċevitur tas-self mill-Muniċipalità ta' Målselv, l-Awtorità tikkunsidra li l-miżura kkuntestata, il-fondi mill-Muniċipalità b'rata preferenzjali, tibqa' identifikabbli ma' dik deskritta fid-deċiżjoni biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali u li għalhekk se tivvaluta li l-miżura b'relazzjoni mal-benefiċjarju l-ġdid minflok il-KNA. Madankollu, rigward il-punti l-oħrajn li tqajmu, l-Awtorità ma teskludix li jistgħu jitqajmu dubji rigward il-konformità ta' dawn il-miżuri varji mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. B'riżultat ta' dan, ma setgħatx issir konklużjoni dwar dawn il-miżuri u mhux se jiġu kkunsidrati ulterjorment fid-deċiżjoni attwali. Għalhekk l-ambitu ta' din id-deċiżjoni jestendi biss għall-miżuri deskritti fil-I-2.1(a) sa (e) ta' hawn fuq.

## 2. Il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE

L-Artikolu 61(1) taż-ŻEE jinqara kif ġej:

"Mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan il-Ftehim, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi, safejn tolqot il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli ma' dan il-Ftehim."

Qabel ma tingħata ħarsa lejn dawn il-kriterji wieħed wara l-ieħor, għandu jsir punt peliminari rigward in-natura tal-attività li twettqet mill-KNA, jiġifieri l-provvista ta' edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru.

Jidher li jeżisti suq kompetittiv għall-provvista ta' servizzi bħal dawn, fejn l-ispiża ta' dawn mhix żgħira. Il-fatt li s-servizz jippreżenta aspett edukattiv ma jbiddilx, fih innifsu, in-natura ekonomika tal-attività. Bil-kontra, il-każistika kwotata mill-Gvern Norveġiż tidher li qed issostni l-fehma li filwaqt li korsijiet provduti taħt is-sistema nazzjonali tal-edukazzjoni ma jikkostitwixxux servizzi fit-tifsira tal-Artikolu 50 KE ([19]), korsijiet li huma finanzjati essenzjalment minn fondi privati, partikolarment mill-istudenti jew mill-ġenituri tagħhom, jaqgħu fl-ambitu ta' dak l-Artikolu ([20]). Barra minn hekk, dan ir-raġunament, li jirrigwarda l-kunċett ta' "servizz" fit-tifsira tal-Artikoli 49 KE u 36 taż-ŻEE, jista' jiddaħħal fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u l-mistoqsija dwar jekk attività hix ekonomika jew le u b'hekk imwettqa minn impriża fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE ([21]). Għadu ma ġiex argumentat, u lanqas l-informazzjoni fil-fajl ma ssostni konklużjoni li l-kors tal-KNA mhux iffinanzjat essenzjalment minn fondi privati. Għalhekk l-Awtorità tikkonkludi li l-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru provduta mill-KNA qabel ma falliet kienet attività ekonomika u li l-KNA hi impriża għall-iskopijiet tal-Artikolu 61 taż-ŻEE.

### 2.1. *Preżenza ta' riżorsi mill-Istat*

Il-miżura tal-għajnuna trid tingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi mill-Istat.

Il-finanzjament ikkontestat jikkonsisti minn għotja diretta allokata fil-kuntest tal-Baġit Nazzjonali Rivedut, jew ta' flus żbursati jew vantaġġi mogħtija mill-awtoritajiet lokali. Għalhekk hu ċar li l-finanzjament ikkontestat kollu ngħata mill-Istat jew permezz riżorsi mill-Istat.

### 2.2. *L-għoti ta' vantaġġi lil ċerti impriżi jew lill-produzzjoni ta' ċerti oġġetti*

L-ewwel, il-miżura tal-għajnuna għandha tagħti vantaġġi lir-riċevituri fis-sens li teħilshom minn obbligi li s-soltu jkollhom iwettqu mill-baġit tagħhom. Madankollu, trasferimenti ta' riżorsi biss li jiffavorixxu impriżi jikklassifikaw biex jiġu valutati taħt l-Artikolu 61(1) taż-ŻEE. Għalhekk, qabel ma jiġu trattati l-miżuri speċifiċi li qed jiġu eżaminati, l-ewwel għandu jiġi kkunsidrat jekk ir-riċevituri tal-finanzjament humiex impriżi jew le fit-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni.

Kif ġie innotat hawn fuq, il-KNA hi b'mod ċar impriża u l-fatt li twettaq funzjoni edukattiva ma jbiddilx, fil-każ attwali, dik il-konklużjoni.

Madankollu, jidher li n-NLH ma twettaq l-ebda forma ta' attività ekonomika li fir-rigward tagħha tirċievi finanzjament. Skont każistika stabbilita, hi l-attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u servizzi f'suq speċifiku li tikkaratterizza kunċett ta' attività ekonomika ([22]). L-Awtorità għadha ma ġiet ippreżentata bl-ebda informazzjoni li tindika li l-iffaċilitar tal-operat tal-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fit-Tramuntana tan-Norveġja tista tiġi definita f'dawk it-termini. Infatti, għal darb' oħra b'konformità mal-każistika stabbilita, is-servizzi biss li normalment jipprovdu għal rimunerazzjoni huma kkunsidrati bħala servizzi fit-tifsira tal-Ftehim taż-ŻEE ([23]). Mhux biss in-NLH mhix imħallsa għal dak li tagħmel, iżda l-finanzjament li tiżborsa b'konformità mal-għan tagħha biex tiffaċilita l-operat tal-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fit-Tramuntana tan-Norveġja hu aktar viċin l-għanijiet soċjali identifikati mill-Qorti tal-EFTA fil-kawża *Private Barnehagers*, meta stqarret li l-Istat Norveġiż ma kienx qed ifittex biex jinvolvi ruħu f'attività bi qligħ iżda kien deq jissodisfa dmirijitu lejn il-popolazzjoni tiegħu fl-oqsma soċjali, kulturali u edukattivi ([24]). Fil-fatt, il-finanzjament mogħti lin-NLH mill-Kontea ta' Troms jixbaħ aktar lil trasferiment intern ta' riżorsi, u b'hekk jimmarka l-finanzjament għall-użu fil-promozzjoni tal-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fiż-żona ġeografika li l-Kontea hi responsabbli minnha, milli ħlas għas-servizzi li tat. Żborsar ulterjuri ta' dawn il-fondi lil impriżi

([19]) L-Artikolu 37 taż-ŻEE hu mfassal f'termini identiċi.
([20]) Ara l-Kawża C-109/92 *Wirth* [1993] Ġabra I-6447, paragrafi 14-17. Il-Qorti tal-EFTA dan l-aħħar ikkonfermat din il-fehma fil-Kawża E-5/07 *Private Barnehagers Landsforbund*, sentenza tal-21 ta' Frar 2008 li għadha mhix irrapportata, fil-paragrafi 80 *et seq.*
([21]) Il-Kawża E-5/07 *Private Barnehagers Landsforbund*, kwotata hawn fuq, fil-paragrafu 80.
([22]) Il-Kawża C-205/03 P *FENIN* [2006] Ġabra I-6295, paragrafu 25.
([23]) Il-Kawża E-5/07 *Private Barnehagers Landsforbund*, kwotata hawn fuq, fil-paragrafu 81.
([24]) Il-Kawża E-5/07 *Private Barnehagers Landsforbund*, kwotata hawn fuq, fil-paragrafu 83.

bħall-KNA, involuti f'attività ekonomika li tipprovdi edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru, tista' fil-fatt tammonta għall-għajnuna mill-Istat iżda, kif innotat hawn fuq fil-II-1, jaqa' barra l-ambitu ta' din id-deċiżjoni. Rigward l-iżborsar inizjali lin-NLH, l-Awtorità tikkonkludi li, mill-inqas fil-perjodu ta' meta sar l-iżborsar, in-NLH innifisha ma tistax tiġi kkunsidrata li tkun riċevitriċi tal-għajnuna u ż-żewġ miżuri b'relazzjoni ma dawk li n-NLH kienet il-benefiċjarja ma kellhiex bżonn li tiġi valutata aktar. B'hekk l-Awtorità se tikkunsidra biss l-eżistenza ta' vantaġġ b'relazzjoni mal-miżuri li għalihom il-KNA kienet il-benefiċjarja, jiġifieri:

— għotja diretta ta' NOK 4,5 miljun mill-baġit tal-Istat;

— self mill-Kontea ta' Troms u r-remissjoni sussegwenti tagħha;

— garanzija tas-self mogħtija mill-Kontea ta' Troms mingħajr il-ħlas ta' primjum.

Għotja diretta mmirata biex ittaffi l-ispejjeż tal-operat tissodisfa b'mod ċar din il-kondizzjoni.

Skont l-awtoritajiet Norveġiżi, is-self mill-Kontea ta' Troms ingħata taħt l-Iskema Reġjonali ta' Self notifikata lil u awtorizzata mill-Awtorità fl-1999. Remissjoni ta' self tnaqqas ukoll il-piż finanzjarju li kieku kellu jinġarr mir-riċevitur. Madankollu, l-ebda vantaġġ, fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE, jista' jintqal li qed jingħata lill-benefiċjarju jekk prinċipji tas-suq normali jikkontrollaw dik l-azzjoni. Skont l-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Norveġiżi, lejn it-tmiem tal-2005, l-entitajiet segwenti kienu kredituri mhux garantiti għal perjodu twil tal-KNA: Sparebanken Finans Nord-Norge AS (NOK 2 877 000), Il-Kontea ta' Troms (NOK 400 000), Indre Troms Samvirkelag BA (NOK 200 000) u Eriksen Eiendom (NOK 200 000). L-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li l-aħħar tnejn, li t-tnejn li huma għandhom jiġu kkunsidrati, bħala investituri privati, awtorizzaw remissjoni tas-self li huma taw lill-KNA, filwaqt li Sparebanken Finans Nord-Norge tat postponiment tal-ħlsijiet għat-tieni nofs tal-2006, iżda mhux l-eżenzjoni mill-ħlasijiet tal-imgħax. B'hekk, filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ifittxu lid-debituri tagħhom bl-istess ħeġġa bħalma jagħmel kreditur privat, l-Awtorità tikkunsidra li peress li l-parteċipanti tas-suq privat taw ukoll remissjoni għas-self pendenti lill-KNA, l-istess azzjoni mill-Kontea ta' Troms ma tammontax għal għajnuna mill-Istat.

It-Taqsima 2.1 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar garanziji mill-Istat tistipula li garanziji mill-Istat jikkostitwixxu benefiċċju lill-entità li ssellfet u tnaqqis mir-riżorsi mill-Istat meta ma jitħallas l-ebda primjum bi tpattija għall-garanzija. Għalhekk jidher li l-garanzija mogħtija lill-KNA mill-Kontea ta' Troms tat vantaġġ lill-KNA, u b'hekk iffavorixxiet li dik l-impriża fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE.

It-tieni, il-miżura tal-għajnuna trid tkun selettiva peress li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti". Il-miżuri li qed jiġu eżaminati ġew diretti speċifikament lill-KNA u għalhekk huma b'mod ċar selettivi.

2.3. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti*

Biex il-miżuri jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, dawn għandhom ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti. Abbażi tal-fatt li l-KNA hi f'kompetizzjoni diretta ma' istituzzjonijiet oħrajn fin-Norveġja u madwar l-Ewropa li joffru edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru skont ir-regoli komuni Ewropej (Liċenzja tal-Ekwipaġġ tal-Ajru tal-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni, jew JAA-FCL), jidher li l-finanzjament isaħħaħ il-pożizzjoni tar-riċevitur u b'hekk għandu l-potenzjal li jfixkel il-kompetizzjoni bejn dawn l-iskejjel varji u taffetwa l-kummerċ bejn l-Istati fejn ġew imwaqqfa.

2.4. *Konklużjoni*

Abbażi tal-konsiderazzjonijiet li ġejjin, l-Awtorità tikkonkludi li l-miżuri li ġejjin ma jammontawx għal għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE:

— finanzjament tal-proġett lin-NLH mill-Kontea ta' Troms (I-2.1(b) hawn fuq);

— l-għotja ta' remissjoni ta' self mill-Kontea ta' Troms favur il-KNA (I-2.1(c) hawn fuq); kif ukoll

— self lin-NLH mill-Muniċipalità ta' Målselv (I-2.1(e) hawn fuq),

u li l-miżuri li ġejjin, mogħtija favur il-KNA, jammontaw għal għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE:

— għotja diretta ta' NOK 4,5 miljun mill-baġit tal-Istat (I-2.1(a) hawn fuq); kif ukoll

— garanzija tas-self mogħtija mill-Kontea ta' Troms mingħajr il-ħlas ta' primjum (I-2.1(d) hawn fuq)

### 3. **Rekwiżiti proċedurali**

Skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiġi infurmata, fi żmien sufficjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe pjan ta' għoti jew ta' tibdil fl-għajnuna (…). L-Istat ikkonċernat ma jistax idaħħal fis-seħħ il-miżuri proposti minnu qabel ma dik il-proċedura tkun waslet għal deċiżjoni finali".

L-awtoritajiet Norveġiżi ma nnotifikawx il-miżuri tal-għajnuna deskritta hawn fuq lill-Awtorità. Għalhekk l-Awtorità tikkonkludi li, rigward il-miżuri identifikati bħala għajnuna (jiġifieri l-għotja diretta u l-garanzija tas-self deskritta, rispettivament, fil-I-2.1(a) u (d) hawn fuq), l-awtoritajiet Norveġiżi ma rrispettawx l-obblgi tagħhom skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti. Għalhekk, is-sostenn mogħti jammonta għal "għajnuna illegali" fit-tifsira tal-Artikolu 1(f) tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

## 4. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

### 4.1. *Valutazzjoni taħt l-Artikolu 61 taż-ŻEE*

L-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 61(2) taż-ŻEE ma jistgħu jiġu applikati fil-każ attwali.

Ir-reġjun inkwistjoni ma jaqax fl-ambitu tal-Artikolu 61(3)(a) taż-ŻEE u l-paragrafu (b) tal-Artikolu 61(3) taż-ŻEE ma japplikax fil-każ attwali.

Il-finanzjament ikkontestat ma jidhirx li qed jippromwovi għanijiet Komuntarji orizzontali fit-tifsira tal-Artikolu 61(3)(c) taż-ŻEE direttament, bħal riċerka u żvilupp, impjieg, l-ambjent eċċ. Fil-fatt, l-awtoritajiet Norveġiżi ma kwotawx din id-deroga. Għalhekk l-Awtorità tikkunsidra li l-finanzjament ikkontestat ma jistax jiġi kkunsidrat li hu kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE fit-tifsira ta' dak il-paragrafu.

### 4.2. *Valutazzjoni taħt l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE*

Skont l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE, "impriżi inkarigati biex joperaw servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali … għandhom ikunu suġġetti għar-regoli li jinsabu f'dan il-Ftehim, b'mod partikolari għar-regoli dwar il-kompetizzjoni, sakemm l-applikazzjoni ta' tali regoli ma tkunx ta' xkiel għall-prestazzjoni, fi dritt jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari mogħtija lilhom, L-iżvilupp tal-kummerċ m'għandux ikun affettwat sa tali punt li jkun kuntrarju għall-interess tal-Partijiet Kontraenti".

L-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni ġiet żviluppata fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar il-kumpens għal servizz pubbliku, li l-paragrafu 25 tagħhom jistipula li l-Linji Gwida se jiġu applikati għall-valutazzjoni ta' għajnuna mhux notifikata li ngħatat wara l-adozzjoni ta' dawk il-Linji Gwida. Fil-każi kollha l-oħrajn, se jiġu applikati d-dispożizzjonijiet fis-seħħ f'dak il-perjodu li ngħatat l-għajnuna. Iż-żewġ miżuri li qed jiġu eżaminati ġew qabel l-adozzjoni tal-Linji Gwida (l-20 ta' Diċembru 2005).

Ma kienu jeżistu l-ebda regoli dwar il-kumpens għal servizz pubbliku qabel l-introduzzjoni ta' dak li kien, matul dak il-perjodu, il-Kapitolu 18C tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat (illum hu sempliċement msemmi l-Kapitolu dwar il-kumpens għas-servizz pubbliku). Madankollu, l-Awtorità xorta ssib li hu xieraq li tibbaża l-valutazzjoni ta' miżuri preċedenti fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fl-Ewropa ([25]) moqrija flimkien mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija qabel l-għotja tal-għajnuna.

Madankollu, l-Awtorità ssib li l-kontenut tal-Kapitolu 18C tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat ma bidlux fondamentalment il-bażi għall-valutazzjoni, iżda kjarifikaw sempliċement dak li hu meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-kriterji varji li hemm fl-Artikolu 59(2) taż-ŻEE.

Għalhekk il-kompatibbiltà taż-żewġ miżuri li qed jiġu eżaminati se jiġu valutati abbażi tal-prinċipji (kumulattivi) li ġejjin, waqt li jiġi kkunsidrat meta ġew adottati il-miżuri u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-fatt li l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE jikkostitwixxi deroga u għalhekk għandu jiġi interpretat ristrettivament:

— is-servizz inkwistjoni jrid ikun "servizz ta' interess ekonomiku ġenerali" u jrid jiġi definit hekk;

— l-impriża inkwistjoni trid tiġi inkarigata uffiċjalment bil-provvista ta' dak is-servizz;

— l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni se jostakolaw ir-rendiment tax-xogħlijiet partikolari mogħtija lill-impriża inkwistjoni; kif ukoll

— l-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux jiġi affetwat sakemm huma kontra l-interessi tal-Partijiet Kontraenti.

*Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali*

L-Istati tal-EFTA għandhom diskrezzjoni vasta biex jiddeterminaw il-livell ta' servizzi fl-interess ekonomiku ġenerali u jistgħu, fejn hu meħtieġ, jimponu obbligi tas-servizz pubbliku biex jassiguraw dak il-livell. Id-definizzjoni minn Stat ta' dak li hu kkunsidrat bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali hu soġġett biss għal żball evidenti. Madankollu, fil-każi kollha, biex id-deroga tal-Artikolu 59(2) taż-ŻEE tkun tapplika, il-missjoni ta' servizz pubbliku għandha tkun definita b'mod ċar.

Rigward dan, mill-każistika jirriżulta li l-kunċett ta' "servizz ta' interess ekonomiku ġenerali" jkopri servizzi li juru karatteristiki speċjali meta mqabbel mal-interess ekonomiku tal-attività ekonomika inġenerali ([26]). Karatteristika speċjali bħal din tista' tkun il-fatt li l-awtoritajiet pubbliċi jikkunsidraw li s-servizz jeħtieġ li jiġi provdut anke fejn is-suq ma jkollux biżżejjed inċentiv biex jagħmel dan ([27]). B'hekk, fejn ċerti servizzi huma kkunsidrati li huma fl-interess ġenerali u l-forzi tas-suq ma jirriżultawx fi provvista sodisfaċenti ta' servizzi bħal dawn, l-Istat kkonċernat jista' jistipula l-obbligi ta' servizz pubbliku speċifiku biex jiġi assigurat il-livell tas-servizz provdut.

([25]) ĠU C 17, 19.1.2001, p. 4.

([26]) Ara, pereżempju, il-Kawża C-179/90 *Merci convenzionali porto di Genova* [1991] Ġabra I-5889, paragrafu 28.

([27]) Ara, pereżempju, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fl-Ewropa, kif kwotat hawn fuq fin-nota 25 ta' qiegħ il-paġna, paragrafu 14.

Rigward l-għotja diretta ta' NOK 4,5 miljun, l-Awtorità tinnota li l-entra relevanti fil-baġit tal-Istat għall-2005 jalloka finanzjament għal "edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru li jinsabu fi Tromsø/Bardufoss". L-Awtorità hi tal-fehma li dan ma jistax jammonta għal definizzjoni ċara ta' missjoni ta' servizz pubbliku. Barra minn hekk, anke jekk, jekk jiġi argumentat li l-karatteristika speċjali hi l-fatt li l-kors kollu jsir fin-Norveġja u li dan hu l-element ta' "interess ġenerali" tas-servizz, l-Awtorità tinnota li xejn fil-baġit jew f'dokumenti oħrajn sottomessi lill-Awtorità ma jagħmel l-għotja suġġetta għal karatteristika bħal din.

Għalhekk, l-Awtorità hi tal-opinjoni li fil-każ attwali d-definizzjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jammonta għal żball evidenti. B'hekk il-kondizzjoni biex japplika l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE (jiġifieri li impriża twettaq servizz ta' interess ekonomiku ġenerali) mhux sodisfatt fil-każ inkwistjoni.

Fl-aħħar, rigward il-miżura identifikata fil-I-2.1(d) hawn fuq, l-Awtorità hi tal-fehma li garanzija għal ċertu ammont ta' dejn, definit b'mod ġenerali, ma tistax tammonta għal assigurazzjoni tat-twettiq ta' xogħol partikolari ta' interess ekonomiku ġenerali u li għalhekk din il-miżura ma taqax biex tiġi valutata taħt l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE.

L-inkarigu

Anke jekk wieħed jassumi li s-servizz inkwistjoni ġie definit kif inhu xieraq, biex l-eċċezzjoni fl-Artikolu 59(2) taż-ŻEE tapplika, għandha tiġi inkarigata missjoni ta' servizz pubbliku permezz ta' att ta' awtorità pubblika. L-Awtorità tinnota li ż-żewġ miżuri li qed jiġu eżaminati se jidhru li se jagħtu vantaġġ finanzjarju lill-KNA mingħajr ma jinkarigawhom b'xi missjoni ta' servizz pubbliku bi tpattija għall-finanzjament. B'referenza għall-argument tal-awtoritajiet Norveġiżi abbażi tal-prattika tal-Kummissjoni, l-Awtorità hi tal-opinjoni li ma jistax jirriżulta mid-deċiżjonijiet ta' dak il-korp li sempliċement il-fatt li wieħed jirċievi finanzjament mill-Istat jammonta għal inkarigu, meta l-ebda deskrizzjoni tal-missjoni ta' servizz pubbliku jew tal-kondizzjonijiet li taħthom għandu jiġi assigurat m'hu mogħti ([28]). Rigward dan, l-Awtorità tirreferi għal darb' oħra għall-fatt li, jekk l-karatteristiki speċjali tat-taħriġ provdut lill-KNA hu l-fatt li l-kors kollu jsir fin-Norveġja u li dan hu element ta' "interess ġenerali" tas-servizz, xejn fil-baġit jew f'dokument oħrajn imressqa lill-Awtorità ma jagħmlu l-għotja suġġetta għal karatteristika bħal din.

B'hekk, anke kieku kien ċar li l-awtoritajiet Norveġiżi kellhom missjoni ta' servizz pubbliku speċifika f'moħħhom meta ddeċidew li jagħtu finanzjament lis-settur għall-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru, l-Awtorità ma tista' tara l-ebda prova ta' dik il-missjoni li ġiet speċifikament inkarigata biha l-KNA. Bħala riżultat, l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE ma jistax jiġi applikat għas-sitwazzjoni inkwistjoni.

Proporzjonalità

L-aħħar żewġ elementi tal-Artikolu 59(2) taż-ŻEE jammontaw, flimkien, għal valutazzjoni ta' proporzjonalità. Meta jiġi kkunsidrat jekk il-miżuri adottati ma jeċċedux jew le dak li hu meħtieġ biex jiġi assigurat twettiq effettiv tal-missjoni ta' servizz pubbliku, l-Awtorità tinnota li, l-ewwel, li l-ħtieġa tal-finanzjament hi dubjuża fin-nuqqas ta' kwalunkwe kondizzjoni marbuta miegħu, u, it-tieni, jidher li ma ttieħdet l-ebda evalwazzjoni oġġettiva dwar l-ammont meħtieġ bħala finanzjament. Għalhekk l-Awtorità tikkonkludi li, anke jekk kriterji oħrajn kienu ġew sodisfatti, dan l-element tal-Artikolu 59(2) taż-ŻEE ma giex sodisfatt fil-każ attwali.

4.3. *Konklużjoni*

L-Awtorità tikkonkludi li la l-għotja diretta (I-2.1(a) hawn fuq) u lanqas il-garanzija tas-self (I-2.1(d) hawn fuq) ma jissodisfaw il-kondizzjonijiet biex jiġi applikat l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE u għalhekk iż-żewġ miżuri huma inkompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE.

## 5. **Konklużjoni**

L-Awtorità ssib li l-miżuri li ġejjin ma jammontawx għal għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE:

— finanzjament tal-proġett mill-Kontea ta' Troms (I-2.1(b) hawn fuq);

— remissjoni ta' self mill-Kontea ta' Troms (I-2.1(c) hawn fuq); kif ukoll

— self mill-Muniċipalità ta' Målselv (I-2.1(e) hawn fuq),

Madankollu, l-Awtorità tikkonkludi li l-awtoritajiet Norveġiżi implimentaw illegalment il-miżuri ta' għajnuna li ġejjin:

— għotja diretta ta' NOK 4,5 miljun mill-baġit tal-Istat (I-2.1(a) hawn fuq); kif ukoll

— garanzija tas-self mogħtija mill-Kontea ta' Troms mingħajr il-ħlas ta' primjum (I-2.1(d) hawn fuq)

fil-ksur tal-Artikolu 1(3) tal-Parti 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

L-miżuri ta' għajnuna deskritti ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet biex jiġi applikat l-Artikolu 59(2) taż-ŻEE u għalhekk m'humiex kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE.

([28]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/225/KE tat-2 ta' Marzu 2005 dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata mill-Italja mir-riforma tal-istituzzjonijiet tat-taħriġ (ĠU L 81, 18.3.2006, p. 25) tagħraf b'mod esspressiv li l-istituzzjonijiet inkwistjoni "assiguraw taħriġ istituzzjonali u taħriġ soċjali mmirat għall-vokazzjoni … imwassal fil-qafas tas-sistema pubblika ta' edukazzjoni" (paragrafu 48) u li għalhekk huma kienu "inkarigati b'missjoni ta' servizz publiku, fi ħdan il-qafas tar-regoli nazzjonali u reġjonali relevanti, permezz ta' atti vinkolanti" (paragrafu 57).

Skont l-Artikolu 14, tal-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha tiddeċiedi li għajnuna illegali li mhix kompatibbli mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat taħt il-Ftehim taż-ŻEE għandha tinġabar lura mill-benefiċjarji.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-finanzjament tal-proġett mogħti lin-NLH mill-Kontea ta' Troms u is-self lil dik l-entità mill-Muniċipalità ta' Målselv, flimkien mar-remissjoni mill-Kontea ta' Troms ta' self mogħti minnha lill-KNA ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE.

*Artikolu 2*

L-għotja diretta ta' NOK 4,5 miljun mill-baġit tal-Istat u l-garanzija tas-self mogħtija mill-Kontea ta' Troms jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat favur il-KNA li mhix kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) taż-ŻEE.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet Norveġiżi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jirkupraw l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 u li ngħatat illegalment lill-KNA.

*Artikolu 4*

L-irkupru għandu jseħħ mingħajr dewmien u skont il-proċeduri tal-liġi nazzjonali, safejn jippermettu l-eżekuzzjoni minnufih u effettiva tad-deċiżjoni. L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandha tinkludi l-imgħax u l-imgħax kompost mid-data li fiha ingħatat lill-KNA, sad-data tal-irkupru effettiv tagħha. L-imgħax għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-Artikolu 9 fid-deċiżjoni Nru 195/04/COL.

*Artikolu 5*

L-awtoritajiet Norveġiżi għandhom jinfurmaw lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-miżuri li jittieħdu biex ikunu konfomi magħha.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 7*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmula fi Brussell, l-1 ta' Lulju 2009.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA*

| | |
|---|---|
| Per SANDERUD | Kristján A. STEFÁNSSON |
| *President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 290/09/COL tal-1 ta' Lulju 2009 dwar l-għajnuna mogħtija lis-settur tal-edukazzjoni lill-bdoti tal-linji tal-ajru fil-Kontea ta' Troms (In-Norveġja)** .......... 59

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT